# SAN GIAMMARÌ VIANNEY

## CURÂT TA ARS

HAJJTU FI CTIEB ŻGHIR

XOGHOL TA

**ALF. M. GALEA**

MALTA
GIOV. MUSCAT
1926.

MZU:POQ
P.B.166
G

P.B.18.5




SAN GIAMMARÌ VIANNEY

CURÂT TA ARS

(minn ittratt meħud l' għada li miet)

Omaggio dell' Autore

# SAN GIAMMARÌ VIANNEY

## CURÂT TA ARS

HAJJTU FI CTIEB ŻGHIR

XOGHOL TA

ALF. M. GALEA

MALTA
GIOV. MUSCAT
1926.

*Nixtiekuh dan il ctieb jixtèred fostna mill actar li jista icun. Għalhecc, jecc xiħadd ieħor, mis-sèna 1927 il kuddiem, icun irid jarġa joħorġu, merħba bih. Haġa biss nitlob, li jitħalla chif nħolok, bla ma jinbidel xejn, ħlief xi żball ta li stampa li jista jinsâb fih.*

*ALF. M. GALEA.*

# SAN GIAMMARÌ VIANNEY

## Curât ta Ars.

---

*Nhar ta Hadd, l'Għid-il-Hamsin, il 31 ta Mejju ta din is-sèna, il Cnisja Mkaddsa għolliet mal Kaddisin il Curât ta Ars, Dun Giammarì Vianney.*

*Mîn chien dan il Kassis?.... Din ħajjtu tfaccarna f'dic ta San Frangisc ta Assisi għal mħabba tiegħu lejn il fokra, lejn it-tfâl tax-xogħol, lejn erŭieħ il midinbin, u lejn Gesù fis-Sagrament tiegħu tal Mħabba. L'egħġubijiet li bihom Alla l'imbierec ried juri biddieher chemm chien għal Kalbu dan il Curât ta ebda għerf tad-dinja iżda moħħu mħeggeġ bid-daŭl tas-sèma, ifaccarna fil ħîla tal profeti Elia u Eliżeŭ. U in-nies ngibdet lejh dan il kassis, m'hux għal ġmielu, għaliex bil ġmiel ma chienx mżejjen; m'hux għal xi għerf tad-dinja, għaliex bit-tbatija għaddeŭh għal kassis; m'hux għal xi għâna li chellu, għaliex fil fukar tŭieled u ta fkîr temm għomru: lejh in-nies ngibdet bl'eluf il cbâr għal mħabba tiegħu lejn ir-ruħ tagħhom, għal ħniena ta dic kalbu safja, għal ħeġġa tiegħu ta mħabba lejn Gesù.*

*L'eŭŭel ma chiteb ħajjtu, ŭieħed mill Missiŭnarji minn tiegħu, Dun Frêd Monnin, li miegħu ħadem mbagħt, u miegħu baka' sal aħħar; u din il ħajja chitibha fuk li talbu l'Iskof tiegħu, u harget sentejn ŭara li ruħ Dun Giammarì ittajjret lejn ħdân Alla—li għal mħabba tiegħu ħadem għomru u żmienu.*

*Minn dan il ctieb ta Dun Frêd Monnin* (*għaliex mîn katt aħjar minnu sata' jafu, la darba hu u sħâbu miegħu ħadmu fid-dakxejn ta raħal ta Ars ŭara li dan il Curât ŭakkaf l'Ordni tagħhom tal Provvidenza?*) *minnu, iva, dan il ctieb, bħalchiecu minn ġnien mgħammar bl'isbaħ ŭard—bla ma nâf liema fosthom nakbad nagħżel, għaliex colfejn tmidd idejc ilellex bil ġmiel,—minnu fiħsiebi ngħakkad bucchett abjad u aħmar għal daŭc fostna il Maltin li ma jafux jakraŭ ħlief bil-lsien tagħna: il ŭard l'abjad, xbieha tas-sàfa ta kalb Dun Giammarì ; l'aħmar, tal ħeġġa ta mħabbtu lejn Alla u il bnedmin; u il fŭieħa tiegħu dan il ŭard, xbieha ta kdusitu dan il Kassis li għax fi żmien'na. Minn għalija, żammejt kuddiemi ix-xbieha tiegħu dan il Kaddis, ŭakt li cont naħdem dan ix-xogħol, bil fehma l'igħin'ni niżra fostna xi ftit żerriegħa tajjba b'tâma sħiħa li mbagħt Alla l'imbierec isakkieha Hu.*

Tas-Sliema, l'20 ta Novembru 1925

ALF. M. GALEA.

# HAJJA TAL CURÂT TA ARS

## 1. MEŬT TA DUN GIAMMARÌ VIANNEY

Meta, Nhart-Erbgħa' tal Gimgħa il Cbira tas-sèna 1783, miet geŭŭa Ruma fuk taraġ ta zuntier Giŭżepp Labrè (*franċiż*), it-tfâl kabdu minnuħħ igħajjtu: "*Miet il kaddis!... miet il kaddis!...*" u din ix-xniegħa, bħal leħħa ta berka xterdet mal belt collha. U Ruma bi ħġara ħarget għal urajh biex ŭasslitu sal kàbar: cbarât u ħaddiema, għorrief u tfâl ma xulxln mħalltin, ilcoll bid-dmugħ f'għainejhom: fejn katt in-nies ta Ruma uriet mkâr lis-slaten tagħħa ħeġġa bħalha ta gieħ u mħabba? Gieħ u mħabba bħal daŭn ma jistħokkux għajr lil iħbieb t'Alla! Kuddiemhom jisfa fix-xejn it-tlellix tad-dinja: nies tas-sengħa jeŭ fokra jeŭ tallâba, jeŭ mkâr għonja li tagħhom m'hux tagħhom, huma li huma, la darba Alla jagħżilhom bħala għodda f'idejh, jâf Hu igħolliehom fuk il cbârat u is-setgħât l'oħra tad-dinja, għax għodod bħalhom x'ikusuhom il frugħât ta dina l'art?

*
* *

Mîn ma jiftacarx chif Malta ngibdet lejn Fra Diegu għal mħabba tiegħu lejn erŭieħ il midinbin u il-ltiema? jeŭ chif mbagħt, x'ħin dan id-dakxejn ta Ajc, ta bla ebda

għerf tad-dinja, Alla sejjaħlu għal ħdânu nhar l'14 ta Mejju 1902 fil ħamsa ta filgħodu, għal erbat ijiem sħaħ in-nies marret tarah fl'Oratorju ta Gieżu; jeŭ fejn katt rajna bħal nhar is-17 ta dac ix-xahar, fl'4 u ½, funeral bħal tiegħu? Strada Riali tal Belt maħnuka bl'akŭa nies: kassisin u mħallfin, tobba u avucati, għonja u nies tas-snajja mħalltin flimchien, għaliex sal Gvernatur u l'Iskof bagħtu mîn jidher għaliehom għal urajh ŭakt li għaddeŭh mejjet mill cnisja ta Gieżu sa barra il Belt; u it-tfâl tal Istitût tiegħu jibcu u jixhru, u is-Sorijet magħhom, huma u miexjin ŭara it-tebût ta dac il *Cbir* biċ-ċokka ta Ajc: u in-nies siecta u ħiemda, titlob lil Fra Diegu jidħol għalieha kuddiem Alla jeŭ titlob għalih; u il bibjen tal ħŭienet magħlukin u bl'isŭed. U tarġa, in-nies toħroġ minn diarha mir-rħula li minnhom għaddejjin bih sa ŭassluh ir-Rabat, u colħadd chelma ŭaħda: "Miet dac ir-ragel tajjeb ta Fra Diegu!... Dac, iva, chien kaddis!" Dakket il ħàbar għalih il kampiena tal cnejjes mnejn għaddeŭh sa niżżluh fil kàbar; iżda, Fra Diegu mâr u ħallielna b'tifchira tiegħu l'Istitût għat-tfajliet li bnielu f'għomru il Marchiż Xicluna, il Hamrun!

*
* *

U x'ngħidu ucoll għal kaddis l'ieħor, il giżŭita Father Plater, dac l'għaref cbir, li bilchemm it-tfâl tax-xogħol laħket għarfitu u fil ŭakt ħabbıtu? Habbitu għal mħabba tiegħu lejhom, għal gîd li għamlilhom f'daŭc il ħames gimgħât li għâx fostna, sa miet fli Sptâr tal Blue Sisters nhar il 21 ta Jannar 1921. Rajtuhom l'għâda il ħaddiema tat-Tarżna jierfgħuh fuk spallejhom mill cnisja tal Gi-

żŭiti, il Belt, ŭakt li għaddejjin bih tûl Strada Riali sa Putirial; u in-nies tas-snajja u il cbarât, ibda mill Arciskof u il Gvernatur ŭassluh l'Addolorata, fejn illum jinsâb, u *ŭara ħames snîn, għâdu sħiħ.* Mkâr hemmec, sa ŭieżnuh ġol kàbar, tat-Tarzna bakgħu miegħu: "*Hadd ħliefna ma jierfgħu, le, għaliex tagħna Father Plater!*" kalilna ŭieħed fosthom; u l'oħrajn igħidu "*iva*" b'râshom, għaliex ankas ma jitchellmu ma felħu, u id-dmugħ nieżel fuk ħaddejhom! U jien, li minn żogħriti ħabbejthom lil ħaddiema (għax hecc darreŭni ommi u missieri) minn dac il ħin ŭisk actar ħabbejthom, għaliex tasseŭ rajt kalbhom. Father Plater chien għodda f'idejn Alla għal gîd tagħna il Maltin bħal ma laħak chien għal għoxrin sèna l'Ingliterra, art tŭielîdu: bagħtuh haŭn Malta biex jistrieħ, u il mistrieħ tiegħu... ix-xogħol! Miet kasir il għomor, għaliex bilchemm laħak is-sitta u erbgħin sèna tiegħu; iżda, f'kasir żmien hàdem għal għomor tŭil. Isem dan Father Plater * jibka maħżuż f'kalbcom, intom il ħaddiema tat-Tarzna u tat-tliet Ibliet tan-Naħa l'Oħra, u intcom ilcoll l' lħaktu għamiltuha miegħu: lilna ilcoll għarrafna u għallimna chemm tisŭa, seŭŭ għat-tfâl tax-xogħol u seŭŭ għal għonja, ir-"*Rerum novarum*" ta Ljuni it-XIII, jecc magħha nżommu sħiħ għal mgieba ta bejnietna!

***

* Father Charles Dominic Plater tŭieled it-2 ta Settembru 1875; daħal mal Giżŭiti f'Manresa House, Roehampton, is-7 ta Settembru 1894, ordna suddiacnu u diacnu f'St. Beuno's College it-22 u l'24 ta Settembru 1909 u ħa il kuddiesa Londra is-27 ta Settembru ta dic is sèna. Miè Malta il 15 ta Dicembru 1920.

Naraŭ, mela, illi il kdusija tiltaka' magħha f'coll żmien u f'coll art: għallimhielna Sîdna Gesù Cristu bħala bniedem, fil Għakda il Ġdida; għalmuhielna il Patriarchi tal Għakda il Kadima. Hajjêt il Curât tar-raħal ta Ars fi Franza, tcun tgħalima oħra għalina.

Dun Giammarì miet fis-sagħtejn ta filgħodu, Nhart-Erbgħa it-3 ta Aŭŭissu, lejliet San Dumincu; l'Iskof tiegħu magenb râsu, u ħafna kassisin mdaŭŭrin miegħu; in-nies tibchi u tolfok fil bitħa tad-dâr u fiż żuntier tal cnisja u fit-triekât, għax kâmet ma dakk il ħàbar: "Għaliex, chif sejjrin issa igħadduha mingħajru il Curât tagħhom, daks chemm ħabbhom u tħâbat għaliehom? Issa ma jisimgħuhiex actar il kampiena iddokk f'nofs ta lejl biex tgħarraf il midinbin li Dun Giammarì niżel u kiegħed il cnisja biex jisma' il krara tagħhom! Issa ħalliehom dan il kaddis li mkâr il mard tal gisem chien ifejjak b'talba minn tiegħu l'Alla!... U daŭc l'eluf li chienu jinġàbru minn Franza collha u minn artijiet il bar-ranin biex miegħu jiftħu kalbhom, x'sejjrin issa jagħmlu? Għal jumejn u żeŭġt iljeli, in-nies dieħla u ħierġa mid-dâr tiegħu, tibchi u tixher għaliex il Curât tagħhom miet; il kniepel tar-rħula fil krîb ta Ars dakkeŭlu il meŭt minn rajhom, u in-nies gejja dejjem: ilcoll trid tbûslu îdu, titlob il barca tiegħu għarcobtejhom f'riġlejh: nìsa u rgiel u il kassisin magħhom bid-dmugħ f'għainejhom; ilcoll ħasseŭha it-telfa tiegħu Dun Giammarì; ilcoll tħas-sruh. U in-nies gejja dejjem mill ibliet il bgħid minn Ars, uħud mbiccmä għaliex ma laħkuhx ħajj biex lilu igħidu id-dŭejjak tagħhom. L'akŭa nies bilġri telket biex tilħak talankas tarah kabel id-difna.

Ir-raba' jum, ħaduh il cnisja lil Curât ta Ars għal

kuddiesa tal mejjtin; chien għâdu xejn ma tbiddel dac li mkâr f'ħajjtu in-nies chienet tkîmu bħala kaddis li chien: dic it-tbissima ta ħleŭŭa tiegħu, mkâr ŭara meŭtu, bakgħet tixhed is-safa' ta ruħu, u l'mħabba tiegħu għal midinbin! L'eluf laħku ŭaslu fir-raħal ta Ars: iżda, billi ankas ŭieħed minn coll għoxrin fosthom satagħ jidħol geŭ-ŭa, ħtigilhom jokogħdu barra; u hemm, għarcobtejhom fiz-zuntier u fit-torok ta madŭar il cnisja, ilcoll għallenija u b'kalb ŭaħda seŭŭ il fkîr u l'għâni, seŭŭ cbâr u iż-żgħâr, u tas-snajja u tobba u avucati u għorrief u li m'humiex, u il kassisin magħhom (għaliex actar minn tletmitt kas-sisin laħku ŭaslu f'Ars), ilcoll flimchien, b'kalbhom mak-suma, cantaŭ id-*De Profundis* għal Dun Giammarì: ilcoll, dac il ħin, actar minn sitt elef ruħ, xejn ma raŭha bi cbira, kuddiem il meŭt, jitolbu flimchien bil ħrara u ħeġġa tal nsara tal eŭŭel żmenijiet tal Cnisja. U dan fi żmien'na! Iva, l' mħabba ta xulxin, chif chien dejjem itennîlhom il Curât ta Ars, l' mħabba tal aħŭa chif iridha Cristu Sîdna, din biss tista ilcoll tgħakkadna flim-chien fix-Xirca tal Kaddisin.

*
* *

L'Iskof tiegħu, Monsinjur de Langalerì, * hecc chif ŭaslitlu il bxara illi il Curât ta Ars ŭasal għal meŭt, telak minnufih mill belt ta Bellê, u laħak bla nifs għal magenbu, u għannku mindud chif sâbu; it-tnejn, għai-nejhom ntleŭ bid-dmugħ. Issa, ŭara il kuddiesa, ħareġ

* L'ismijet il franciżi ngibuhom chif jinkraŭ, barra minn isem il Kaddis ta Ars.

barra il bieb tal cnisja u lil daŭc l'eluf ta nies marsusă ma xulxin, hecc kalilhom bejn ŭieħed u ieħor :—

"Isctu, aħŭa tiegħi, u cliemi isimgħu, intcom erŭieħ it-tajjba, li haŭn nġbartu bl'eluf fejn gibducom l' mħabba u l'għali u il gieħ lejh din is-siegħa tal meŭt. Sejjer jien ntennîlcom cliem Sîdna il Mulej illi nistħajjilcom ilcoll chemm intcom dehrilcom smajtuh l'Alla in-nifsu igħidhom lil dan il Curât tagħna il kaddis fil ħin li ruħu ħarget minn dac il gisem li nkered fuk ix-xogħol tiegħu tal mħabba: "Kûm, kaddej it-tŭajjeb u ta kalb safja, u idħol fil hena tal Mulej u Alla tiegħec!" Aħsbu ħin ŭieħed, aħŭa tiegħi, f'daŭn iż-żeŭġ chelmiet ta ħleŭŭa cbira fil ŭakt li bil ħîla kalbna jimleŭlna ! Dan il ħin tal ħemm, it-tâma tagħna u il faraġ tagħna f'daŭn iż-żeŭġ chelmiet għeżież. Kûm, għamel il ħîla, Giampatist Marì Vianney, il Curât tagħna il kaddis ta Ars, ŭara l' lħakt l'erba' u sebgħin sèna tal għomor tiegħec, u f'gieħ Alla ħdimt għomroc collu, għaliex mkâr fi tfulîtec għal Alla int ħdimt. Għaliħ biss int ħdimt f'żogħżitec, għaliħ meta cont titgħallem għal kassis bla xejn kalbec ma ktajt għat-tfixchil collu li miegħu ltkajt : għal mħabba t'Alla biss, biex lilu biss takdi, int kaddis xtakt issir; u bħala kassis, bħala vigarju curât, dejjem u f'collox int l'Alla chellec fehma sħiħa takdi.

"Intcom tafuh chif dejjem ħàdem għal gieħ t'Alla; tistgħu tixhduhulu li kajla chien jiecol jeŭ jorkod għaliex chien igħaddi b'ukitejn jeŭ tlieta ichel, u kajla jorkod sagħtejn coljum ! Mill bkija, xogħol: tûl erbatax, sittax, tmintax il siegħa coljum ikarar jeŭ ifisser it-tagħlim in-nisrani. Mkâr in-nies jerfgħu għainejh fuku, meta cliemu ma setgħu actar dan l'aħħar jisimgħuhom, dic il ħârsa

tiegħu tirbħilhom ruħhom! U irid jilħak mal morda l'imur iżûrhom f'dârhom, u jilħak jitŭettak bl'mħabba t'Alla, jitlob kuddiem Gesù, u irid iħejji ruħu ifisser il chelma t'Alla: u dan ta coljum; u sejjer dejjem, lejl u nhar, bla serħan ta xejn!...

*"Euge, serve bone et fidelis, quia in paŭca fŭisti fidelis!* Agħmel il ħîla, kaddejj it-tajjeb u ta kalbec safja, int żammejt mas-seŭŭa fil ħŭejjeġ iż-żgħâr.. Iżda, Alla tiegħi, ħallini miegħec niftaħ kalbi u ngħidlec, illi m'hux fil hŭejjeġ *iż-żgħâr* biss il Curât ta Ars kagħad għalli minnu int ridt! Hallini, Alla tiegħi, ntennih għal gieħ tiegħec, illi din il ħajja tiegħu chienet ŭieħed mill egħgubijiet tal kaŭŭa u is-setgħa tiegħec, tal mħabba tiegħec; kuddiemec, iva, collox żgħir, collox m'hu xejn, imma għalina il bnedmin ta bla ħîla, din il ħajja, chienet għageb tal egħġubijiet. Fejn katt deher daŭn l'aħħar snîn, minn mijiet tas-snîn l'haŭn, kassis ieħor bħalu, jaħdem dejjem u dejjem msaħħar urajc biex lilec jakdi, Alla tiegħi?... Kûm, int kaddej it-tajjeb, għamel il ħîla, għaliex il faraġ tiegħec fil ħajja ta kassis mgħannak dejjem mas-Salib!.... Intcom rajtuh, aħŭa tiegħi, intcom li bl'eluf gejjtu f'dan id-dakxejn ta raħal biex il barca tiegħu u il fejkan ta ruħcom titolbuh, intcom tafu li xejn m'jiena nżid, li collu minnu li fuku x'kiegħed ntennîlcom. Fil ŭakt illi cont ngħid l'Uffizzju ta San Dumincu, jiena u gejj ngħaggel lejn Ars, iż-żmien collu jien ħassejt magenbi dac il Kaddej it-tŭajjeb l'ieħor u il Curât ta dan ir-raħal; u mbagħt, ftit siegħât ŭara meŭtu, x'hin cont nkaddes għalih fl'artal fejn chien ikaddes hu, stħajjilthom daŭc il cliem tal kuddiesa donnhom ntkalu għalih: "Erfgħu

għainejncom, u ħârsu madŭarcom u araŭ l'oksma ibajjdu bil ħsâd." Daŭc l'oksma stħajjilthom daŭc li fihom ħàdem il Curât il kaddis tagħna, mfaŭŭrin b'mitt gîd; u kalbi nħossha għâdni tfaŭŭar bl'akŭa għaxka u bl'oħla tâma... La tibcux, aħŭa tiegħi; ma nibcuhx bħal daŭc ta kalbhom maktugħa! Kûm, kaddej it-tajjeb, u idħol fil hena tal Mulej.... Franza tilfet kassis li chien il gieħ tagħha! Mîn jista jâf x'tilfet Franza bil meŭt tiegħu?... U l'Iskof tagħcom, x'ma tilef minnu?.... Tilef missier, tilef ħabib, tilef kaddis li xtâk chiecu lilu jixxiebaħ...Meta haŭn gejt l'eŭŭel darba u għarcobtejh kuddiemi nxteħed.... haŭnhecc fejn kegħdin intcom issa taraŭni xejn ma stagħgibt bihom, le, uħud minn ta dan ir-raħal lmaħthom bħal ħabtu tmeżmżu x'ħin raŭ dac il kaddis niżel għarcobtejh mriegħed jitlob il barca ta mîn ogħla minnu, iżda biss bħala iskof! Meta mbagħt il kuddiem għamilnieha flimchien, u għarafni, hu ħabbni, egħnilli, daks chemm b'kalbi collha jien ucoll ħabbejtu.

"Kûm, iddeŭ u idħol fil hena ta dejjem!" Daŭn il chelmiet imisshom talankas ifarrġulna kalbna fid-dŭejjak tagħna għal telfa bħal din, jecc mkâr id-dmugħ ma jistgħux iŭakkfulna. "Idħol fil hena ta dejjem," iva, għaliex int ħdimt sħiħ u ħdimt seŭŭa; ejja u tħallas issa tat-taħbit u it-tbatijiet tiegħec, tal gîd li għamilt lil erŭieħ. Nistgħu katt aħna nitolbu l'Alla jarġa iroddulna?...Ma ħadimx biżżejjed? .. Hemm, fi ħdân Alla, il mistrieħ tiegħu ta dejjem il Curât kaddis ta Ars!.... Minn hemm hu jaklagħlna mn'għand Alla, seŭŭ lilcom il Missiŭnarji tiegħu, u lilcom uliedu il maħbubin ta dan ir-raħal tiegħu, lilcom il kassisin collha tal kàsam tiegħi, u lili ucoll, iskof tagħcom, li aħna ilcoll bħalu naħdmu f'gieħ Alla,

u nitŭettku bit-tâma u l'mħabba tiegħu Lejh. "Idħol fil hena ta dejjem!" din il chelma nittamaŭ ma ndumux ma nisimgħuha minn fomm il Cnisja mkaddsa, ħalli ncunu ncunu nistgħu bl'akŭa hena ta kalbna ntennuha għalih minn fuk l'art".

***

(U tasseŭ illi il Cnisja ma dametx ma għollietu fuk l'artal lil Curât ta Ars, chif semmejnielcom fil bìdu ta dan il ctieb).

## 2. TFULÎTU.

"Giammarì tiegħi," kaltlu darba ommu "jecc katt narac tonkos l'Alla, cûn âf l'int tŭaġġagħli kalbi bosta actar milli chiecu ma nâf x'inhu!" U daŭn il chelmiet t'ommu katt f'għomru ma nsiehom.

Marì Vianney chellha gibda cbira lejn dan it-tifel (ir-raba' mis-sitta li Alla bagħtilha) għaliex chellha xeŭka cbira l'isirilha kassis. Dac in-nhar li tŭieled, ommu u missieru, it-tnejn nies tar-ruħ, rieduh mgħammed kabel l'erbgħa' u għoxrin siegħa: tŭieled u tgħammed nhar it-8 to Mejju 1786 fir-raħal ta Dardilji, krîb il belt ta Ljun. Mîn jâf chemm il darba ommu kâlet lil żeŭġha: "Dan iż-żgħir tagħna m'hux sejjer le joħorgilna csir il għonk; iżda, nagħmlu li għâd icun kaddis!" U dan chienet tgħidulu ta sicŭit lil Matteŭ, ir-ragel tagħha, l'għaliex il kâbla, chif tŭielditilhom din it-tarbija, ħarget fis-setaħ, tát dakka ta għajn lil cŭiecheb u bilġri reġgħet għal maġenb ommha u x'tgħàjjat: "Dan it-tifel, għâd icun jeŭ kaddis jeŭ ragel ta kattagħni!" Matteŭ ħâdha bid-daħc, fil ŭakt li urieha li għamlet ħażin marret tchidd l'omm it-tarbija b'daŭn il frugħât: iżda, daŭn cliemha bakgħu misrurin f'kalbha, dic l'imsejcna ommu. Tistgħu tifhmu issa l'għaliex Marì Vianney chellha kalbha marbuta ma dan binha actar milli ma uliedha l'oħra, għâdilli kîset trabbiehom ilcoll fil biża' t'Alla, chif jixirkilha l'omm nisranija.

Matteŭ Vianney chien jagħmilha tajjeb ta bidŭi li chien, u bix-xogħol tiegħu u ta uliedu gejj dejjem il kuddiem u jakla għal ħajja ta niesu. Matteŭ chellu

ħames bakriet u ħmâr u tliet ingħâġ: il cbir fost uliedu chien joħroġ jiragħahom; u meta Giammarì għalak is-seba' snîn tiegħu, missieru chien jibagħtu jirgħa li ngħâġ u il ħmâr. M'hux bgħid mir-razzett tagħhom, chien hemm ŭied iħaddar bis-siġar igħidulu *tal Merill*, għaliex daŭn għasafar jittajjru fih bil mijiet u igħannu fuk il frieghi; f'kiegħ il ŭied, l'ilma gieri, u ma tûlu, il ġmiel ta ŭard minn coll leŭn. Daks chemm dan il ŭied *tal Merill* chien isaħħrec bid-dell tas-siġar tiegħu, tfâl oħra raħħala bħalu chienu, miegħu jiltakgħu hemm; u billi Giammarì chien chemm tridu, fuk ruħu u dħuli, sħabu ngibdu lejh jitgħaxxku bil ħleŭŭa ta cliemu. It-tifel lemaħ f'dac il ŭied dakxejn ta blata tħaddar bil ħaxix, u kiegħed fukha in-nitfa ta vâra tal Madonna li chienet tâtu ommu daŭc it-tlet snîn kàbel, u ħàjjar lil sħâbu jokogħdu għarcubtejhom kuddiemha igħidu miegħu *is-Sliema*. Daŭc semgħu minnu u kâlu miegħu *is-Sliema* u mbagħt kabad isemmîlhom fuk chemm imisshom iħobbuha il Sidtna Maria Omm Alla. Uħud minnhom daŭc ir-raħħala, meta sâru rgiel, bakgħu jiftacruhom daŭn il lakgħât ma Giammarì li mkâr fi tfulîtu il bdieŭa ta Dardilji kalgħuhielu *il kassis iż-żgħir*!

Darba ŭaħda, it-tifla Mananni Vensân ta dŭar isseba' snîn bħalu, chienet sejjra ma Giammarì għal ħabta ta nżûl ix-xemx lejn id-dâr t'ommha bl'erba' ngħagiet li ħâdet jirgħaŭ; u ŭara li paċpċu bejniethom ta tfâl li chienu, Giammarì kalilha: "Manann, narana nakblu ħafna bejnietna!" U Mananni ħargitlu b'din: "Iva, Giamm, u jecc iħalluna, aħjar niżżeŭŭġu." U fil hin, it-tifel bla kagħad itehimhielha, ŭieġibha: "Le.... le!.... la tgħoddx fuki għalhecc!" Meta Mananni fi xiŭħitha, bil kegħda

magenb l'għatba ta dârha, chienet taħleġ, cont tismagħha ittenn mal ħbieb tagħha b'id-dmugħ f'għainejha fuk din it-taħdita ma dac li dic il ħàbta chien jissemma ma Franza collha bħala il Curât il Kaddis ta Ars.

X'ngħidu għal mħabba ta Giammarì lejn il fokra! Hobb il Gesù u lil Sidtna Maria u ma tħobbhomx il fokra tagħhom, mħabba fiergħa. Mill bkija, f'dâr missieru u ommu, Giammarì ma satagħx ma jitgħallimx iħobb il fokra. Matteŭ Vianney chien jilkagħhom fissajf fir-razzett tiegħu igħaddulec il-lejl u jitmagħhom; u fix-xtieŭi, idaħħalhom fil chcina, ichebbes il ħatab, ikiegħed fuku nħâsa, igħalli il patata, u ikassam l'ichel lilhom u l'uliedu: laħku ltakgħu dŭar l'għoxrin fkîr, u iżjed ucoll, f'lejl ŭieħed! Mbagħt igħidu l'użarju flimchien u idaħħalhom jorkdu fuk ir-râf biex għal chenn tarrîħ u il reżħa jimteddu fuk il ħuxlief. Hemmec, sittax il sèna kabel it-tŭielid ta Giammarì, għadda lejl fil bitħa tar-razzett mat-tallâba l'oħra, San Giŭżepp Labrè fix-xahar ta Lulju tal 1770 hua u sejjer minn raħal għal iebor sa ŭasal Ruma bil mìxi; għaliex minn żmien missier Matteŭ, il fokra ta dŭar ir-raħal ta Dardilji chienu jafu l'isibu ħajt tal chenn u lakgħa tal kalb jecc iħabbtu il bieb tar-razzett tiegħu.

Ma daŭn il-tallâba, chienu drabi jiltakgħu xi tfâl, u nħallicom taħsbu chemm Giammarì jieħu ħsiebhom u idur bihom; u dakka jitlob l'ommu xi libsa, u oħra xi kork minn tiegħu x'ikassmilhom.

Issa, dic il ħàbta, Franza chienet ta taħt fuk; l'egħdeŭŭa tal Cnisja kabdu joħduha mal patrijiet, u issorijiet u il kassisin, jitturufnaŭhom u mkâr joktluhom;

jaħarku cunventi u iħarbtu il cnejjes, u jaktgħu ir-rjus il cbârat u tas-sultan magħhom; u colħadd mriegħed, ħadd ma jâf fejn jati râsu. Billi il kuddies chien jingħâd bil moħbi, dakka f'xi razzett jeŭ drabi f'xi cnisja żgħira u fil bgħit mir-rħula, jeŭ fuk xi għolja, in-nies chienet tiltaka' għal filgħaxija, dakka għand ŭieħed mill girien u oħra għand ieħor biex ma jatux fil għajn, u igħidu l'użarju flimchien fil Ħdûd u il btajjel. Meta Giammarì ŭasal għal eŭŭel tkarbina tiegħu, ŭakkfu dakxejn ta artal fir-râf tar-razzett, u hemm tkaddset il kuddiesa li fiha dan it-tifel, mixgħul bl'mħabba t'Alla, resak l'eŭŭel darba jitŭettak bil *Ħobż tal Ħajja* f'daŭc iż-żmenijiet ta tiġrib tar-ruħ. Laħku il girien tiegħu jaraŭh il Giammarì f'ġâbra cbira ma jaklax għainejh mill artal, u donnu ŭiċċu mixgħul bid-dija għal ħeġġa tal mħabba tiegħu lejn Geżù. U ommu, dan binha Giammarì, l'għaxka tagħha x'ħin moħbi f'xi rocna tad-dâr lemħìtu darba jltlob kuddiem il vâra iż-żgħira tal Madonna li chienet tatu hi : u kalbha ħebritha li għâd iva jilħkilha kassis u ittemm ix-xeŭka li chellha minn tŭelîdu li dan binha icun mogħti għal gîd tal erŭieħ.

Meta tfarfar u issaħħaħ, telak jaħdem ma ħutu fir-raba' ta missieru; iżda, mkâr ŭakt ix-xogħol, Giammarì chien dejjem igîb l'Alla kuddiemu u jitgħaxxak fl'mħabba tiegħu għal bniedem. U meta il kuddiem chien jaħdem fil kàsam tal erŭieħ fir-raħal ta Ars, mîn jâf chemm il darba fetaħ kalbu ma sħâbu il missiŭnarji tiegħu u igħidilhom : " X'ħin cont ninzerta ŭaħdi bil mingel jeŭ b'mgħażka f'îdi u naħdem fir-râba, cont nitlob b'leħen għâli ; imma bi sħâbi magenbi, cont nitlob geŭŭa kalbi...

Dic il ħàbta stajt naħseb f'ruħi, ŭakt l'issa żmien ta xejn biex nitlob !.. Daŭc chienu snîn tal hena għal kalbi, meta cont nsûk il ħmâr u it-tliet ngħajgiet nirgħahom !.. Jaħasra dac il ħmâr tiegħi l'ixheb ; naħseb chellu talankas tletin sèna meta tlifnih !.. Chemm cont nista nitlob l'Alla fil ġàbra dac iż-żmien ! "

## 3. GHAŬĠ SA LAĦAK KASSIS.

Saflaħħar, Franza ħedlet: imm'issa Napuljun kabadha taħt idejh; għall eŭŭel ħadet ir-ruħ u il Cnisja strieħet m'ittaħbit u il mibegħda tal egħdeŭŭa. Nfetħu il cnejjes u refgħu l'artali nfarrca; iżda, l'aħjar kassisin laħku katluhom, oħrajn itturufnaŭhom: mîn sejjer issa jidħol għal mbiccmin nsara ta Franza?... B'xortiehom il bdieŭa tal belt ta Ecullji li bagħtulhom il kassis Bellè, ragel ta kdusija cbira, u li żmien ir-reŭŭixta xejn ma kagħad jibża għal ħajjtu u bil moħbi u mill aħjar li satagħ, ħàdem għal gîd tal erŭieħ! L'eŭŭel ma għamel chif ŭasal hemm fi Frâr tas-sèna 1803, Bellè ġàbar madŭaru it-tfâl u iż-żagħżaħ, u magħhom ra chif ndehes Giammarì. X'ma jifraħx jarah ikaddes lil curât Bellè; hecc chif lemħu fuk l'artal, kalb Giammarì reġgħet xegħlet bix-xeŭka li jilħak kassis u b'ruħu u gismu jaħdem għal Cnisja ta Gesù Cristu!

Issa Giammarì chellu dŭar it-tmintax il sèna tiegħu meta resak lejn il curât ta Ecullji jiftaħ kalbu miegħu fuk din ix-xeŭka kaŭŭija li ħass minn żogħritu, u ntelak f'idejh imexxih hu. Dan il Curât, m'hux talli żamm miegħu, iżda ŭegħdu l'igħinu mill aħjar li satagħ fil fàkar tiegħu, u bagħtu għand missieru u ommu b'tâma sħiħa li għâd itemm xeŭktu. Daks chemm chienu iħobbuh fir-raħal ta Dardillji, krabatu u il ġâra ilcoll ftiehmu bejniethom għannefka sa jitgħallem; ŭaħda armla, ruħ tajjba ħafna, talbet biex iħalluha taħsillu ħŭejjġu biex hecc icollha għaliex tmur ŭaktiet sa Ecullji u tarah u iggibilhom aħbâru.

Giammarì bagħtuh issa igħammar f'razzett fi trûf il belt ta Ecullji għand xi kraba t'ommu, nies tasseŭ tar-ruħ,

u iddaŭŭar magħhom sentejn. Iżda, għâd li haŭn ma ltaka' ma ebda tfixchil tad-dinja, sâb ruħu fl'akŭa tfixchil ta moħħu. Ŭakt li ta tmintax il sèna iż-żagħżaħ sħâbu chienu tgħallmu il latin, l'msejchen ta Giammarì għâdu irid jibda jitgħallmu! Râsu ma 'ttiehx, moħħu ma jarfagħx. L'mgħallem tiegħu, jarah sejjer jakta kalbu, x'iŭettku dejjem fit-tâma. "Xi trid tmur tagħmel għand missierec?" kallu darba ŭaħda il Curât lil Giammarì x'ħin talbu iħallih jasal ŭasla sar-raħal. "Bejn li tkumilhom iżommuc haŭn u bejn li jaħtiġûc għax-xogħol tar-ràba, actarx ma iħallucx tarġa l'ura; u mbagħt x'isir mis-sejjħa t'Alla u mill erŭieħ li għaliehom egħnilli trid tâti ħajjtec?.." Ma dil chelma tal mgħallem tiegħu il Curât Bellè, daħħalha f'moħħu li jibka jaħdem b'ħîltu collha, għalchemm jara ruħu ma jistax jiġbed il kuddiem ma din it-triek mŭegħra. Mbagħt deherlu tnebbaħ jagħmel ŭegħda l'imur bil mìxi u fit-triek jitlallab għal ħajja, sal kàbar ta San Frangisc Regis, bil fehma li jaklagħlu mn'għand Alla li jista jitgħallem chemm jinħtieġlu sabiex jilħak kaddej tajjeb u jinkala' fil kàsam tiegħu. U San Frangisc ta Regis kalagħlu li talbu Giammarì minn għand Alla, u Giammarì bakagħ jafulu għal għomru.

Ŭara kasir żmien li mâr igħammar f'Ecullji, ftiehem bil moħbi ma Gherit, ulied l'aħŭa miegħu, li kàbel ma tħallat mat-tisjir xi ħŭaŭar għat-togħma, terfagħlu sehmu, biex hecc igħacches lilu in-nifsu. Din Gherit laħket taparsi tinsa, iżda mbagħt chien jibdielha tarah jagħmel f'kalbu. Haŭn ucoll chien jiġbor xi fokra għal lejl bħal f'dâr missieru; u Gherit, li chienet iżżomm id-dâr, titlaklu jagħmel l'irid hu. Darba ŭaħda, hŭa u sejjer Dardillji, ltaka' ma fkîr bla kork. Giammarì

gietu ħniena minnu, kalagħ iż-żraben il ġodda li chellu fuku u tahomlu; u daħal id-dâr ħâfi. Missieru taŭŭal dak-xejn xoftejh, għaliex għâdilli ta kalbu tajjba, ma deherlux li ibnu chellu jasallu sa haŭn, minn fuk li it-tagħlim tiegħu jisŭielu actar milli ilaħħak senduku.

Għalchemm minn egħmîl bħal dan, ma chien jidher fih ebda għakal tad-dinja, Giammarì chien mżejjen bil għerf tal fehma. Ŭakt li chien f'Ecullji, ŭieħed minn krabatu tasallu ittra minn għand ħabib tiegħu fejn semmielu fuk l'hena tar-ruħ l'iħoss fil cunvent fejn mâr jinagħlak, u tħajjar jagħmel bħalu u fil ŭakt ma satagħ isîb faraġ. Missieru u ommu, nies tar-ruħ, ŭisseŭh jistaksi lil Giammarì x'għandu jagħmel: "Minn għalina" kalulu, "int ta Alla kàbel xejn m'int tagħna ; jecc hu mn'Alla l'int titlak u tħallina, m'aħniex sejjrin nindaħlulec. Icteb kabel xejn lil Giammarì, u okgħod għal li igħidlec hu." Giammarì, bla kagħad jaħsibha ŭisk, ŭieġbu minnufih: "Ibka fejn int; missierec u ommoc jambûc fi xiŭħithom biex tgħinhom u issabbarhom u tagħlak għainejhom: din hi is-sejjħa tiegħec!"

Is-snîn għaddejjin, u Giammarì gejj il kuddiem fit-tagħlim; iżda, fil ħarifa tal 1809, ħin bla ŭakt l'imsejchen sâb ruħu msejjaħ għal suldat, u jaħtieġlu jitlak u jiltaka' ma sħabu f'Bajônn. Missieru, ħutu, ħbiebu, ilcoll ma jafux fejn jatu râshom bil għâli chif semgħu bix-xniegħa; Matteŭ Vianney lakkat li satagħ u ħallas chemxa flûs lil żagħżuħ ieħor biex chiecu imur hu, u jieħles lil Giammarì. L'aħħar siegħa, dan iż-żagħżuħ bdielu, u mâr telak il flûs fuk ix-xatba tad-dâr tiegħu! Għalchemm il Curât ta Ecullji ħaseb minn żmien kàbel iniżżel isem Giamri għand il Gvern ma ta daŭc iż-żagħżaħ

l'oħrà li chellhom fehma isiru kassisin biex b'riħ hecc icunu jistgħu jissoctaŭ jitgħallmu, x'ġàra jeŭ ma ġàra, ismu ma nsâbx mniżżel, u ħtieġlu jitlak għal cŭartier: hu biss, fost niesu u il ħbieb tiegħu, żamm ruħu mŭettka fis-sàbar, u fil ŭakt jagħmel il ħîla lil oħrajn. Iżda, daks chemm għacches lilu in-nifsu biex ma juriehom x'dieka ħass f'kalbu, kabdu id-dèni; u il militar bagħtu fi sptâr tal belt ta Ljun sa igħaddi għat-tajjeb.

Ŭara gimgħatejn sodda, bagħtuh; iżda, fit-triek ràġa ħassu ħażin u ħtieġlu jokgħod sitt gimgħât oħra fli sptâr ta Ruânn, mnejn mbagħt rieduh jitlak mar-riġment lejn Spanja. Haŭn issa Alla l'mbierec ħelsu mill għaŭġ li fih chien sejjer jidħol biex minn għalih jokgħod għal ligi, billi meta mâr fi cnisja jitolbu jiekaf miegħu, Giammarì ma ntebaħx li iż-żmien chien għadda bosta; u x'ħin mbagħt ŭasal il cŭartier, sâb illi ir-riġment chien telak u mâr lejn Bajônn! Hecc chif deher hemm, ħaduh ħaŭda ma ngħidu xejn, u riedu jibagħtuh bil għases u mxicchel bil ctajjen sa jilħak il shâbu. Ndaħlu għalih uħud kalbhom tajjba, għaliex fehmuha illi chiecu katt Giammarì ried jaħrab, ma chienx eŭŭilla sejjer jinxteħed taħt idejhom. U fl'aħħar, ŭara ħafna taħbit u ħadd ma jâf chif, telkulu iterrak ŭaħdu lejn Bajônn!

F'nofs ta triek, resak lejh ŭieħed żagħżuħ jistaksih fejn sejjer, u l'għaliex jarah hecc kalbu seŭda. Giammarì fetaħ kalbu miegħu. Dac ŭettku fil ħîla u tah chelma li ma chellu xejn mniex jibża; u biex iserrħu, għaliex Giammarì chien għâdu ma jitlaħx fuk il marda li għadda minnha, refaghlu li xcora li għabbeŭh biha. Giammarì reħa ruħu f'idejh bla xejn ma tniffes, u bakagħ miexi miegħu bħal nagħġa, ankas biss jâf fejn

dac il barrani sejjer iŭasslu, jeŭ fejn sejjer bih. Bakgħu mexjin flimchien sa dàlam; għaddeŭ minn bejn is-siġar ta fuk f'għoliet, niżlu f'ŭidien, imma dejjem minn triekât mŭiegħra fejn ma setgħu jiltakgħu ma nies. Giammarì ma felaħx actar bil egħja ser imut, u sieħbu x'jagħmillu il kalb. Fl'aħħar, ħàbta tal għaxra ta bil-lejl, ħabbtu bieb ta dâr għalieha, mbiegħda seŭŭa mill oħrajn; semgħu mîn jistaksi minn geŭŭa "*Mîn hemm*?" u fet-hulhom. Dac iż-żagħżah li ŭassal lil Giammarì sa għandhom, tchellem magħhom taħt il-lsien u telak; u Giammarì Vianney ħakagħ għomru u żmienu ma jâfx mîn chien!

It-tnejn minn nies li lakgħuh għandhom, temgħuh u firxulu sodda, u ħtieġlu jimtedd u igħaddi il-lejl f'dic id-dŭejra. L'għâda, sîd id-dâr semmielu li għalchemm xtâk chiecu iżommu miegħu, bil-chemm bix-xogħol ta idejh satagħ ilaħħak għal ħajja tiegħu u ta martu. Iżda, biex ŭakaf miegħu, ŭasslu sar-raħal ta Noês, fil krîb tagħhom, u lakkgħu ma ħabibu is-sindcu ta hemm: ragel dħuli u minn tagħna chemm tridu u maħbub minn colħadd. Hu u martu, ruħ ta'jba oħra rieduh jibka magħhom; u biex, għalli jista icun, il militâr ma jicxfux fejn chien moħbi, bdeŭ isejjħulu Ġrolmu. Billi is-sindcu Fajô chellu erba' uliedu x'irabbi u minn għalih ma riedx chiecu iżîdlu fil ħsieb, Ġrolmu kabad igħin ruħu bit-tagħlim tat-tfâl tar-raħal; u il kuddiem, ŭakt ix-xogħol tar-ràba, meta mkâr it-tfâl ħtigilhom jatu dic id-dakka t'îd, arah jakbad xi xogħol ieħor, l'actar għax jâf li senduk is-sindcu ma jarmix flûs. Dejjem mdaŭŭar bit-tfâl daks chemm ngibdu lejh, mkâr il cbar ħabbeŭh; araŭ chemm li chienu ftieħmu bejniethom igħas-

sula jecc katt jilmħu xiħadd barrani jiersak lejn dac ir-raħal. Darba ŭaħda telku bilġri iŭissuh b'xi għases li kabdu iduru mar-raħal u xejn ma f'għajnhom fihom; u Ġrolmu ħtieġlu jinħèba fuk ir-râf geŭŭa il ħuxlief sa marru igħarrfuh li daŭc l'imbierchin tbegħdu.

Fuk sèna iddaŭŭar Giammarì ma ta Fayô ; u daks chemm ħabbeŭh u għamlu li setgħu għalih, katt actar f'għomru ma nsiehom. "Nâf bosta erŭieħ tajjba" chien drabi igħid meta laħħkuh Curât ta Ars, "iżda bħal Bellè u l'armla Fayò, ħadd bħalhom!"

Is-sèna 1810, ŭieħed minn ħût Giammarì bìdel miegħu, u daħal suldat f'locu; u missierhom strieħ mill għases li ta sicŭit iridu jafu mn'għandu fejn màr staħbielhom. Daks chemm Giammarì feraħ li sejjer issa jarġa jinġàbar f'daru u jissocta jitgħallem għal kassis, dakshecc ieħor ħaduha bi cbira in-nies ta-raħal ta Noês x'ħin ŭasal biex jitbiegħet minnhom. Dâru bih, u gemgħu bejniethom u taŭh libsa ġdida ħalli talankas jasal għand ommu suriet in-nies. U meta għaddeŭ is-snîn, u Giammarì Vianney laħak vici ta Ecullji, u ix-xŭejha Fayô, li dic il ħàbta chienet romlot, semgħet l'aħbâr, dlonc telket tarah; u chif ŭaslet id-dâr tiegħu u lemħitu ma bosta kassisin oħra, bakgħet sejjra minn ġo nofshom għal fuku bla ma fettxet il ħadd, u għannkitu.

Sa sentejn, Giammarì bakagħ jitgħallem għand il Curât Bellè li żammu f'dâru, iżda, mbagħt, riedu imur is-Seminarju ta Verriêr, biex hemm jissocta it-tagħlim tal għerf. Billi moħħu mischin ma ilaħħakx ma ta sħâbu, uħud minnhom kabdu jitcabbru u jitŭarrbu minnu: Giammarì chien dejjem jieħu collox mn'idejn Alla; iżda fejn magħhom ma ilaħħakx fil għerf tad-dinja, chien igħad-

diehom fit-tieba; u mkâr daŭc li stmerreŭh, bakgħu biex bil ftit il ftit ngibdu lejh u ħabbeŭh tasseŭ x'ħin ntebħu chemm chien ruħ tajjba u safja, u ureŭħ li jisogħbieħom tal mgieba tagħhom il ħażina. Ŭieħed fosthom imma gietu għejra liema bħalha għalih, u x'jieħodha miegħu u x'igħajjru bla ħniena; u actar ma Giammarì jieħdu bit-tajjeb, actar dac jixgħel, u ŭasal sa ħàbat għalih. Giammarì xteħed għarcobtejh kuddiemu jitolbu maħfra bħalchiecu ħtija tiegħu talli sieħbu telagħlu; imm'issa rebaħ hu, għaliex dan l'għàdu tiegħu bdielu milli għamel, u talab maħfra lil Giammarì tat-taħbit li ħàbtu.

Ràġa mbagħt it-teologija għallimhielu il Curât ta Ecullji; u sentejn ŭara ressku għal eżami. Haŭn issa Alla l'imbierec ried darb'oħra iġarrbu, u x'ħin deher kuddiem daŭc il kassisin l'għorrief, il mistħija għalbitu, ntilef, ŭakgħet bħal dalma kuddiem għajnejh, nèsa collox, ankas ŭaħda seŭŭa ma satagħ iŭiegeb mill mistoksijiet li għamlulu: mîn ilumhom li ma għaddeŭhx la darba għalieħom ma jâf xejn? Bagħtuħ il barra; u miegħu liemru l'imsejchen Curât Dun Bellè li mâr resku kuddieħom. Taħsħux li Dun Bellè katagħx jiesu; deherlu li Giammarì jinkala' biżżejjed biex icun jilħak ma dmîru, u dac li jonksu fil għerf igibu bi kdusitu. Talab fuk hecc lil Vigarju tal Iskof biex chiecu jagħmlulu l'eżami għalih ŭaħdu. Milli satagħ jifhem il Curât ta Ecullji, il maħbub tiegħu Giammarì ma marx ħażin ħażin, għaliex għaddeŭh biex jista jordna. Fl'aħħar, ŭara ħafna taħbit ieħor, ŭasal għal suddiacnu: haŭn rèġa ŭeħel; imma, il Vigarju tal Arciskof tal belt ta Ljun, Dun Curbôn, daks chemm semmeŭlu fuk il kdusija

tiegħu, staksa lil Dun Bellè: "Iva, dan Vianney jâfx talankas igħid l'użarju seŭŭa? Iħobbhiex il Madonna?"

U x'ħin Dun Bellè tah chelma li Giammarì ruħ mżejjna bil kdusija, ŭiegbu minnufih:

"Mela ma għandna xejn x'ngħidu actar; Alla jiekaf miegħu għal bkija!"

Bil latin ma chienx iŭassal ħlief biex jifhem il cotba tas-Santi Padri ; mill bkija, ma tistaksiehx ħaġa tar-ruħ li ma iŭieġbec minnufih li trid tâf minnu.

Fl'aħħar id-9 ta Aŭŭissu tas-sèna 1815 laħak kassis fid-disa' u għoxrin sèna tiegħu. Mîn jista katt issa ifisser il hena ta Dun Giammarì?.... Ix-xeŭka ta kalbu ntemmet: issa ħass ruħu tasseŭ marbut m'Alla, kalbu mħeġġ'ġa bl'mħabħa tal Mulej,

## 4. VICI TA ECULLJI.

Dun Giammarì Vianney, chif għidna, ordna kassis id-9 ta Aŭŭissu tal 1815 fid-29 sèna tiegħu. Ma jafux fejn nġàbar igħid l'eŭŭel kuddiesa; nistgħu naħsbu li Dun Bellè il Curât tal belt ta Ecullji mâr miegħu igħinu. Dun Bellè talab lil Iskof li jatih b'Vici il Dun Giammarì; u x'ferħ magħhom it-tnejn li jistgħu issa jaħdmu flimchien għal gîd tal erŭieħ! U chemm ferħet in-nies! "Nafuh tifel fostna meta chien jitgħallem għand il Curât tagħna; u aħna ħabbejnieh għal tjubitu. U issa Alla rèġa bagħtulna bħala kassis!" U mill eŭŭel bdeŭ imorru jiftħu ruħhom miegħu fil krâr: l'eŭŭel ŭieħed il Curât! Haŭl il lejl ta xi festi, bilchemm chien ilaħħak igħid l'uffizzju jeŭ iħalluh iŭarrab għal ichel! Idejh dejjem miftuħa għal colħadd, l'actar għal fokra u il ħaddiema; li chien jakla bħala Vici, għaliehom ucoll. Is-suttana bdiet tiħdârlu; il ħbieb tiegħu ghemgmulu u rieduh jagħmel oħra; iżda, meta fl'aħħar ġabbar erba' ħabbiet għalieha, u mâr għand ħajjât biex jaktagħha, ŭaħda màra marret tibchilu fuk li ġralha; u il ftit flûs li ġànnat, tahulha! Chienu żeŭġ kaddisin, il Vici u il Curât ta Ecullji.

Sentejn ŭara, Dun Bellè mâr il Genna. Kabel ma miet, kâl lil Dun Giammarì: "Daŭn ix-xarbitelli nitlakhomloc f'idejc, Giammarì; kîs li ħadd ma icun jâf bihom li ma jaħsbunix kiegħed nħallas għal dnubieti, u ħadd għal ruħi ma jitlob u neħel il purgatorju sal aħħar tad-dinja!" Daŭn ix-xarbitelli nistħajjluhom chienu bħal catina tar-râm b'ħafna msiemer rkâk rkâk ma iniggżux ftit, li chellu ma ħżiemu Dun Giorġ Bugeja

tad-Dâr ta San Giŭżepp il Hamrun, u l'nsabet ŭara meŭtu ; u xi cilizzi oħra bħalhom. * In-nies ta Ecullji talbu lil Iskof iħallîlhom lil Dun Giammarî b'Curât tagħhom ; imma, Dun Giammarì bażagħ jidħol għalieh dan ix-xogħol jiebes għax deherlu ma jistax jilħak miegħu.

Tliet xhur ŭara, l'Iskof bagħtu Curât tar-raħal ta Ars: "Mûr, ħabib tiegħi" kallu il Vigarju ; "ftit li xejn iħobbu l'Alla daŭc in-nies; ara chif tagħmel u ħeggiġhom int din l'mħabba fil klûb tagħhom!" Dan ir-raħal, issèna 1818, bilchemm chellu xi trejka ; id-djar mitlufin l'haŭn u l'hinn kalb is-siġar ; u fuk għolja, castell mill ekdem ; l'arja tkila u niedja bħal tax-xlocc tagħna. Dun Giammarì ŭasal hemm id-9 ta Frâr bl'għmara li ŭired minn għand Dun Bellè, jigifieri sodda tal għuda u ftit pracan ; u mkâr daŭn, ma damux għandu għaliex tahom lil mîn sabu ifkar minnu. In-nies ta Ars chienu ilcoll jaħdmu ir-ràba. Mal eŭŭel kuddiesa tiegħu, ntebħu bi kdusitu, mixgħul chif raŭħ bl'mħabba t Alla u tal erŭieħ. Daŭc il bdieŭa bdeŭ biex jistagħġbu bin-nies li chienu imorru ifittxuh minn Ecullji, u geŭ jafu minn għandhom chemm bcheŭħ x'ħin ħtieġlu jitbiegħet minnhom. X'chellu Dun Giammarì x'jiġbdec għajr kdusitu? Actarx kasir, bixlîtu u surîtu xejn ma jakelgħuh u grixti: għainejh biss jilmaŭ f'dac ŭiċċu mixrub : daŭc għainejh fil ŭakt li jidħol ġol cnisja sa ma jiġi biex joħroġ, dejjem iħârsu lejn Gesù fuk l'artal. Hemm, fil cnisja, mindu jisbaħ sa jidlam, isibuh daŭc uliedu il ġodda tar-raħal ta Ars l'iridu jiersku ikerru għandu jeŭ

* Dun Giorġ Bugeja miet Nhar-il-Hamis it-23 ta Novembru 1922 ŭakt il kuddiesa, s ŭseŭŭ fl'*Agnus Dei,* fil cnisja tad-Dâr ta San Giŭżepp, il Hamrun.

mieghu jifthu kalbhom. Għaliex mkâr mal lejl, hemm fil cnis a mixhut għarcobtejh kuddiem Gesù cont chiecu issibu! Hemm, hemm jiftaħ kalbu ma Alla; hemm jitlob għal merħla li Hu telaklu f'idejh; hemm dejjem actar jitheggeġ bl'mħabba t'Alla. Ŭakt l'igħid l'uffizzju, arah ŭaktiet jarfa għainejh lejn it-tabernâclu bi tbissima ħelŭa fuk xoftejh. «Rajtu b'daŭn għainejja chemm il darba!» igħidilna Dun Monnin li chiteb il ħajja tiegħu u li minnha aħna kegħdin niġbru x'aħbarijiet għal dan il ctieb li għandcom f'idejcom. «Rajtu, iva, bosta drabi; u ta coll darba stajjiltu ked *jara* il Gesù. U jien ħassejtni nistħi mix-xejn tiegħi kuddiem Alla, meta cont nħares lejh il Curât fid-daŭl tal lampier, b'daŭc għainejh lejn l'artal, ŭiċċu mimli hena, li ma nistax nfissirhielcom.»

Milli ħalliet bil mictub ix-xebba Catrin Lassejn, nafu fiex chienu in-nies tar-raħal x'ħin Dun Giammarì laħak curât ta Ars. «Ftit li xejn chienu jafu x'jigifieri is-seŭŭa daŭc il bdieŭa: kajla uħud fil bgħit jiersku lejn il cnisja jisimgħu kuddiesa il Ħdûd u il Btajjel. Iż-żagħżaħ, l'inkas ħsieb tal ħŭejjeġ t'Alla; itilkilhom jixxalaŭ; mill bkija, xejn! Ta coll Nhar-ta-Ħadd tista tgħid, chienu jiltakgħu fil ŭesgħa ta kuddiem il cnisja, u itilkilhom jiżfnu; jeŭ jinġàbru fil ħŭienet tar-raħal, jixorbu.» Billi ma chienx jinkala' għal priedchi, jinagħlak geŭŭa is-sagristija iħaddem moħħu mill aħjar: sachemm fl'aħħar, ŭara ħafna snîn ta taħbit, ma chienet xejn tigih tkila li jippriedca. «Id-dinja ta mîn l'actar iħobbha» kâl ŭieħed għaref; * «ta mîn l'actar juri bid-dieher l'iħobbha!» U bis-setgħa tal mħabba, Dun

* Dun Mullierâs, fil ctieb tiegħu "*Manuel de la Charité.*"

Vianney gibed lejh kalb daŭc uliedu. Iva, għaliex huma ħasseŭ l'iħobbhom; u m'hux l'iħobbhom ilcoll flimchien, iżda bl'imħabba tal Kalb ta Gesù għal coll ŭieħed minnhom. Bla katt hu in-nifsu ma jinsa ŭakt ŭieħed li hu kassis jeŭ iħalli mîn jinsa il cobor ta kassis, chien imur iżûrhom fi djarhom daŭn in-ngħajgiet minn tiegħu il maħbubin, jiddaŭŭar jitchellem magħhom u jistaksieħom fuk uliedhom, u jidħlilhom kajla kajla fuk il ħŭejjeġ tar-ruħ. Mîn jista igħid chemm fosthom ressakhom lejn Gesù b'daŭn iż-żiajjar tiegħu?

Fost il ŭaħdiet li Dun Giammarì sâbhom iżommu mas-seŭŭa t'Alla, ltaka' ucoll ma sidt il Castell ta Ars. Dic il ħàbta, setgħet laħket mas-sittin. Ommha rabbietha fil biża' t'Alla, dejjem għainejha fukha li katt ma tonkos minn dmierha; mill bkija, tinkala' ħafna, dħulija u tâf tagħmilha mal akŭa nies u il cbarât ta Franza. Hajjitha fil ġàbra, ħlief toħroġ iżżûr il fokra il morda jeŭ tfisser it-tagħlim in-nisrani lit-tfâl; minn għalieha, ma tfittex xejn, collox igħaddi. Meta darba ŭaħda il Curât lemaħha rieska lejn il cnisja, tgħaffeġ b'riġlejha geŭŭa is-silġ, ŭiessieha li messha tarma carozza, għaliex gietu ħniena minnha. U sidt il Castell ta Ars ŭieġbitu: «Nistkarlec, sur Cappillan, li laħak għaddieli minn moħħi nagħmlu dan; iżda mbagħt x'ħin kist chemm jigi ikûmli, ħsibt u rajt ma innakksux lil fokra.» U, côs, il Castell ta Ars ma chienx biss dâr il ġàbra, għaliex chien sptâr u banc għan-nies ta daŭc li dŭar. Hi l'eŭŭel ma ntebħet bil kdusija tal Curât u bakgħet dejjem miġbuda lejh u tgħinu sa mietet. Ta coll sèna, lejliet San Giŭann chienet teħodlu bucchett gilji bojod. Sèna ŭaħda, ma setgħet teħodulu ħlief nharu; daħħlitulu filgħodu dal

bucchett fis-sagristija, u il Curât tgħaxxak bil ġmiel ta ŭard li ġebitlu; mbagħt kegħedhom f'ħoġor it-tieka, fejn bix-xemx tiżreġ fukhom messhom tbielu dic is-siegħa. Ŭara gimgħa li damet tarahom hemm, dac il ŭard baka' xejn ma tbiel; u in-nies tistagħġeb. X'ħin semmeŭlu, Dun Giammarì ŭaħħal fil kdusija ta sidt il Castell li dac il ŭard ma tbielx!

Biex in-ngħajġiet tiegħu ta Ars jiġbidhom lejn Alla, il Curât ħaseb u ra l'iħeġġiġhom fil kîma lejn Gesù bl'espost. Imm'issa, mîn sejjer jokogħdlu għalieha u in-nies tmûrlu il cnisja lejl u nhar? L'eŭŭel ŭaħda fost colħadd li ndaħlet għal dan, chienet sidt il Castell, daks chemm chellha xeŭka sħiħa u safja li tgħaddi is-siegħât kuddiem is-Sagrament tal Mħabba. Mbagħt, Dun Giammarì ħajjar lil ŭieħed bidŭi, raġel tar-ruħ u għaxka tal Curât, mkâr igħaddilu iżûr lil Gesù hŭa u sejjer jeŭ ġejj mix-xogħol. Chien jitlak l'għodda maġenb il bieb tal cnisja, iz-zappun, jeŭ il pâla, jeŭ il mìdra x'chienet, u jokgħod is-siegħât bilkegħda jeŭ għarcobtejh, b'għainejh lejn it-tabernâclu. Darba ŭaħda Dun Giammarì mistagħġeb jarah ankas biss ma iħarrec xoftejh dac it-tûl ta żmien, staksih: « Għidli, nann, int xi tcun tgħidlu lil Mulej fiż-żiajjar tiegħec ta darba tnejn coljum ? » X'taħsbu intcom li ŭieġbu dac il bidŭi ix-xŭejjaħ li katt f'għomru ma fetaħ ctieb għaliex ankas jakra ma jâf ? "Sur Curât," kallu, "ma ngħidlu xejn lil Gesù; nħares Lejh u Hu iħares lejja!" B'kalbu, b'moħħu, b'ruħu, b'colma fih, chien dac il bidŭi iħares lejn l'artal ; cliem b'xoftejh, xejn!.. Ma tridx ŭisk biex issir kaddis: actar ma iġġibu kuddiem għainejc u actar ma tħares lejn Gesù, actar l'mħabba

tiegħec Lejh tħossha tħeggeġ geŭŭa kalbec; u actar ma tħobbu, actar tħossoc tixtiek timxi fit-triek tiegħu.

It-tielet ruħ tajjba li ndaħlitlu għal daŭn iż-żiajjar il cnisja chienet l'armla Bibô, li bakgħet sejjra miegħu Ars biex taħsiblu għad-dâr. Ir-raba' ŭaħda, mbagħt, ix-xebba Pinjô, li telket mill belt ta Ljun, fejn chienet magħrufa għat-tieba tagħha, u issa marret tgħammar fir-raħal ta Ars biex imexxieha fir-ruħ Dun Giammarì Vianney.

X'jonksu issa lil Curât ta Ars biex dic kalbu tcun mimlieha bil hena? Bejnhom daŭn il ħamsa min-nies, il Gesù ma iħalluhx actar ŭaħdu mindu jisbaħ sa jid-lam. Ŭieħed jeŭ tnejn dejjem il cnisja, tibda minn ħin il kuddiesa. Filgħaxija l'użarju. U in-nies bdiet tiżdied; u Dun Giammarì bèda idokk il kampiena ta coll lejla biex jingàbru il cnisja: katt lejla ŭaħda ma nàkas u ma nsâb hemm il Curât, ħlief meta xi darba ħtieġlu imur għal xi missioni fir-rħula ta daŭc l'inħaŭŭi.

Ix-xogħol ta Nhar-ta-Hadd, bil ftit il ftit, nkata' għal collox. Chemm il darba, ŭara il ħsâd, tcun niżlet xi ħalba xìta ma tûl il gimgħa, u il Hadd mbagħat jisbaħ is-sèma sâfi u ix-xemx tiżreġ u il bdieŭa mgennin biex chiecu idaħħlu il kamħ geŭŭa?... Iżda, lè, daks chemm it-tâma tagħhom fil chelma tal Curât li ebda ħsara ma icollhom, imorru il cnisja għal kuddies, għat-tifsir tat-tŭemmin in-nisrani u għal użarju u il barca, u ħadd ma imur jiġbor il ħsâd: u ħadd ma jicser il chelma tal Curât għaliex kalbhom imŭettka bit-tkarbina ta dac in-nhar.

Din il ħàbta, chienu għaddeŭ minn ħamsa u għoxrin sa tletin sèna mindu Dun Giammarì chien Curât Ars;

dan ir-raħal ma chienx actar jintagħraf; in-nies dejjem tiżdied, ir-raħal jicber dejjem, għaliex minn Franza chif iddur bdeŭ gejjin haŭn bil fehma li jiersku ikerru għand il Curât ta Ars.—Ars issa saret Genna tal art: jigifieri tbiddlet bħal lejl u nhar għal kdusija ta ŭieħed kassis għal Kalb t'Alla!

## 5. MHABBA LEJN SANTA FILUMENA.

Dun Giammarì barra milli mħeggeġ għal fidŭa tal erŭieħ mid-dnub u iressakhom lejn l'mħabba t'Alla, chien jixtiek jara xierka u mżejjna il cnisja tiegħu: għalih in-nifsu il fàkar; għad-Dâr t'Alla, il ġmiel li jistħokkilha. X'ħin daħal għax-xogħol kalil tal parroccia ta Ars, sâb cnisja iggiblec ħniena u tbegħdec minnha għâd illi in-nies ma chienet eŭŭilla iżżomm ruħha imŭarrba mn'hemm għaliex tibża li taka' fukha. L'eŭûel ma għamel, biddel l'artal li kabad jaka' bcejjeċ bcejjeċ, u talla ŭieħed ta rħâm, u ħallsu minn bûtu: fuk hecc, in-nies bdiet tħàbrec u tgħin ruħha xi ftit; u issa ħaġa u issa oħra, il cnisja ma bakgħet tingħaraf milli sâbha hu. Fost oħrajn, il Conti ta Garê li mâr jara l'oħtu, għamel ħabib mal Curât; u meta ràġa l'ura lejn Parigi, nefa ≤ £1600 biex bagħatlu tabernâclu il ġmiel tiegħu, gandlieri għal artal il ġdîd, pianeti mill ogħna u sfêra u cunupeŭ mill isbaħ. Daks chemm feraħ bihom Dun Giammarì, bèda jakbeż bħal tifel u idûr mar-raħal u isejjaħ in-nies imorru il cnisja jaraŭ x'bagħtilhom hu sidt il Castell ta Ars. "Ejja, nânn, isa ejj' âra x'bagħtulna għal cnisja; u la 'ddumx, biex tilħak kabel ma tmût tara ħŭejjeġ li katt ma rajt f'għomroc!" kâl lil ŭaħda xŭejjħa, ruħ tajjba. U Nhar-il-Ħadd ta ŭara, stedinhom ilcoll tar-raħal jitilku flimchien lejn il cnisja tal Madonna fuk l'għolja ta Furviêr, fil belt ta Ljun, biex jiżżuħajr l'Alla talli kalgħu għal cnisja tagħhom. U marru ilcoll bil mìxi, u ħadd ma baka' id-dâr dac in-nhar ħlief ix-xjŭħ u it-tfâl iż-żgħâr; u in-nies ta Ljun bakgħu jiftacruha żmien tŭil meta raŭhom bil mijiet

deħlin il belt daŭc il bdieŭa tar-raħal ta Ars mal Curât tagħhom, miexi bi tbatija, nixef, u fil ġàbra tal hena.

X'ma jagħmilx ħìla Dun Giammarì! Biex icabbar il cnisja tal parroccia, tallagħ chemm il cappella: ŭaħda f'gieħ il Kaddis tiegħu, fejn hu mbagħt bèda jokgħod ikarar u in-nies tersak f'riġlejh bil mijiet. Issa, x'ħin din issakkfet, sâb li ma bakagħlu flûs biżżejjed biex iħallas il ħaddiema! Talab il Madonna tidħol għalieh, u ħareġ idûr igħid l'użarju: x'ħin bla ŭakt, f'tarf ir-raħal, jiersak lejh bniedem riecheb. Dan ŭakkaf iż-żiemel, sellimlu, u staksih chif chien iħossu.

"Marid m'injex", ŭieġbu il Curât; iżda, ma nâfx chif sejjer nakbad nħallas għax-xogħol li għamluli fil cnisja."

"Man-nies chif tmur, sur Curât?.... igibûc xejn?"

"Għaldakshecc ma għandniex x'ngħidu, għaliex nsibhom jidħlu għalija actar milli jistħokkli; imma, lit-tfâl tax-xogħol ma fadallix biex nħallashom!"

Dac il barrani għamel ta bir-ruħu jaħsibha dakxejn ŭaħda, ħareġ minn bûtu ħamsa u għoxrin zecchin u neŭŭilhomlu:

"Sur Curât, daŭn biex tħallashom. U itlob għalija."

U sâk, u telak b'girja, bla xejn żmien ma tah jiżżiħ-ħajr lalli ŭakaf miegħu.

It-tieni cappella, bnieha f'gieħ Santa Filumena, illi l'għàdam tagħha sabuhom Ruma fil catacombi ta Santa Prixilla il 25 ta Mejju 1802. Fuk kabarha sabu maħżużin ancra, tliet vlegeġ, palma u gilju, bil chelmiet:

[FI] LUMENA, PAX TECUM. FI[AT]

u mal għàdam tagħha sâbu cunjett bid-demm tagħha.

L'insara ngibdu minnufih lejn din it-tfajla il martri; u mill Italja id-divozzjoni lejha, (mîn katt sataghi jobsor?) mir-rahal ta Ars xterdet ma Franza collha!

Colma Dun Giammarì jitlobha, collox, hüejjeġ tal għageb, minnufih din il *Kaddisa iż-żgħira tiegħu* (chif hu chien iħobb isejjħilha) collox taklagħlu mn'għand Alla! U l'mħabba tiegħu lejn din il Martri iż-żgħira, ħüejjeġ cbâr: colma jiġri fil parroccia tiegħu għal gîd tal erüieħ, Dun Giammarì igħid li gej; minnha; hu katt m'hu xejn, ix-xogħol tiegħu għal mħabba tal erüieħ, m'hu xejn; it-tbatijet tiegħu collha, it-talb tiegħu fil ġàbra tal cnisja, il-ljeli is-sħaħ kuddiem Gesù, il krâr tiegħu tal mijet ta nies, dan collu m'hu xejn; għalih collox jâf minn Santa Filumena tiegħu, għaliex hi collox taklagħlu minn għand Alla; u li ma chienx għalieha, xejn ma ġàra fir-raħal ta Ars, u ankas katt daüc l'eluf ta nies ta coll sèna katt ħasbu jiersku lejn Ars!

Hames snîn chienu għaddeu minn mindu Dun Giammarì kabad jaħdem fir-raħal ta Ars għal gîd tal erüieħ, x'ħin l'Iskof tiegħu ħaseb u ra jibagħtu f'Sall, belt il ġmiel tagħha, fejn jista jagħmel gîd mill aküa fil üakt l'isîb arja safja, sèma isaħħrec bil cħula tiegħu, ħdura chemm tixtiek kalbec, ma għandha x'taksam xejn mar-raħal ta Ars fejn l'arja tkila. Minn għalih Dun Giammarì ma riedx chiecu jitbieghet minn uliedu ta Ars; iżda, hecc chif üaslitlu din il bxara, sarr ħüejjġu u sejjer biex jitlak. Darbtejn x ħin giè biex jaksam ix-xmara tas-Saôn, darbtejn mħabba il faüra tal ilma ma satagħx igħaddi ix-xatt l'ieħor. In-nies tar-raħal, chif üaslet t'üidnejhom l'aħbâr, x'jibcu għaliex Dun Giammarì sejjer iħalliehom, u x'jitolbuh ma jitbiegħet minn

Ars; ŭakt li sidt il Castell, telegħlha u chitbet lil Iskof, ta ħbieb li chienu, ŭaħda minn daŭc l'ittri tagħha li bakgħet tissemma, għaliex heddìtu li toktol lil vigarju tiegħu jecc jibka irid iŭarrbilhom il Curât tagħhom U daks chemm l'Iskof talbuh, deherlu aħjar ma ikankalx il Dun Giammarì minn Ars.

Mill parroccia tiegħu ma chien katt jitbiegħet ħlief għal xi missioni fir-rħula tad-daŭra biex hemm jista bħalli chiecu ma jicser il chelma tal kassisin ta hemm li chienu ma tûl is-sèna igħinuħ fil krâr: colfejn isîb ruħu, in-nies tingibed lejh, u għandu biss trid tersak tkerr. Hadd ma jista jifhem chif bniedem, kajla x'jiecol, irid ilaħħak mal Uffizju, jibka daŭc is-siegħât collha is-sħâħ ikârar, jibda mill erba' ta filgħodu, mistrieħ ta xejn: il kaŭŭa tiegħu, x'ħin jara il gîd l'isir! Sħâbu il kassisin laħku gebbduh minn idejh biex ħarġuh mill cnisja, għaliex minn għalih ried jibka jilħak mal krâr.Darba ŭaħda fi Trevô, il Curât ta hemm ħtieġlu jierfgħu biex tellgħu fuk, ŭara daŭc is-siegħât sħâħ ikârar bla mistrieh, għaliex riġlejh ma felħuhx actar!

Ŭieħed kassis, ŭara il meŭt ta Dun Giammarì, chiteb lil Iskof ta Bellè:

«Erbgħin sèna ilu, fl'1820, meta chelli dŭar l'għaxar snîn, smajt bih l'eŭŭel darba. Aħna it-tfâl tal culleġġ fejn bagħtuni nitgħallem, conn'na kegħdin nxerrdu il ŭard mnejn chellha tgħaddi il prucissioni ta *Corpus*, meta lmaħt għaddejj kassis xŭejjaħ, niexef, fkîr u għainejh l'art. Ŭieħed minn sħâbi resak lejja u kalli taħt il-lsien : "Dac hu il Curât ta Ars ; *dac kaddis, tâf;* ma igħaddix ħlief bil patata mgħollieha." Harist lejh mistagħgeb. Oħrajn fostna it-tfâl resku kuddiemu jitolbuh

iberichom. Bi tbissima ħelŭa ŭiegibhom: "Uliedi, meta tcunu ixxerdu minn dan il ŭard mnejn icun għaddejj Gesù Sagramentât, aħbu kalbcom f'dac il ŭard u ixħtuhom mal ŭard l'ieħor lil Gesù Cristu." Mbagħt baka' sejjer lejn il cnisja tagħna biex jati il kîma ta ruħu lil Sîd id-dâr fil moħba tal mħabba tiegħu. Ma bkajtx niftacar ismijiet sħâbi collha, jeŭ x'għadda minn għalija daŭc is-snîn tal culleġġ; iżda, cliem dac il kassis, iż-żiara tiegħu lil Gesù, u li kalli sieħbi fuku, bakgħu dejjem f'moħħi. Chif stajt ninsieha dic li ŭieħed igħix *bil patata mgħollieha*, u xejn actar? U jaħtieġli nistkarr li jien cont nagħmel għal żakki, u rajtha cbira ŭisk.

"Għaxar snin ŭara, sibt ruħi is-seminarju. Ftacart fiż-żiara ta dan il kassis lil Gesù, għaliex dic il ħàbta Franza collha chienet tfaħħru, għâd li ma chienx bèda jissemma' għal kdusîtu daks l'aħħar ħmistax il sèna ta ħajjtu. Minn collumchien, rħula u bliet, in-nies chienet tmur sa għandu; il midinbin biex miegħu jiftħu ruħhom, oħrajn biex minnu jitgħallmu il ħajja tal kaddisin; colħadd mistagħgeb chif sata' igħix, tisla tgħid, bla ichel! U barra m'hecc, dac li semmeŭ fuku, għalli chien jakla minn għand Alla għal gîd tal erŭieħ, u għalli chien igħid fuk li chellu jiġri, u collox għadda minn għalih."

Miegħu għadda Alla—hŭa u miexi mill bitħa ta dac il culleġġ - għax it-tfâl l'nzertaŭ raŭh u chellmuh, bakgħu, bla ma jafuh, miġbudin lejh dac il kassis; u il cliem li ħarġulu minn fommu, bakgħu dejjem maħżużin fit-tebkât ta kalbhom bħala tifchira ta kdusitu.

## 6. ID-DÂR TAL ĦNIENA.

Seba' snîn chienu għaddeŭ mindu Alla l'imbierec bagħtu Curât fir-raħal ta Ars, meta fl'1825 Dun Giammarì Vianney ŭakkaf Dâr għal bniet ltiema; u semmieha tal "*Ħniena*." Chienet l'eŭŭel ŭaħda tal katgħa tagħha geŭŭa Franza, u bosta oħrajn fi bliet oħra żmien bi żmien tŭakkfu bħalha. L'egħġubijiet tal ħniena t'Alla li ġraŭ f'din id-Dâr tal Ltiema, nstemgħu collumchien; għaliex, chif setgħu jibkgħu moħbijà fid-dakxejn ta raħal ta Ars? Ix-xeŭka tiegħu Dun Giammarì, l'irabbi daŭn l'imsejcna ltiema fil biża' t'Alla u jieħdishom mit-tiġrif li jista fih iŭakkagħhom il fàkar u in-nukkas tal ħsieb. Xeħet għainejh fuk dâr cbira l'mbniet dic il ħàbta seŭseŭŭ ŭara il cnisja; u ħàseb u ra li tgħott għal fehma li chellu f'moħħu: "Mill cnisja għal hemm" kâl bejnu u bejn ruħu, "ma għandix bgħit, u ncun nista nilħak magħhom daŭn il-ltiema tiegħi, u nfissrilhom it-tŭemmin in-nisrani; u ŭakt li jien nkassmilhom il Chelma t'Alla, il ħobż tar-ruħ minn tagħhom, il *Ħniena* tiegħu taħsibli għalli jinħtiġilhom għal ħajja."

Kabel xejn, talab l'għajnuna ta Sidtna Omm Alla, biex hi taklagħlu minn għand Binha Gesù id-dehen li jinħtieġlu biex iŭakkaf u jagħraf imexxi din id-Dâr, b'tâma sħiħa li hi tiekaf miegħu daks chemm il fokra għal kalbha. Minn għalih, il ftit li messu mill ŭirt ta missieru u li chien jakla bħala curât, collox ried ikàssam lil din id-Dâr. Chiteb minnufih lil ŭieħed minn ħutu jitolbu chiecu jibagħtlu bil kuddiem sehmu tar-renta tas-sèna sħiħa; u jecc jistgħu, mkâr dic talli gejja ucoll,

ħalli jista imexxi il ħsieb tiegħu. Mbagħt biegħ dan sehmu għaxart elef scut ; u xi ħaġ'oħra iddobba minn għand ħàtnu, u xtara' dic id-dâr. Imm'issa il mîn ikabbad irabbulu il bniet li fiha sejjer jilkagħ ?

Haŭn Alla għânieh bid-dehen, u il Curât għażel żeŭġ xebbiet għal kalbu daks chemm jâfhom b'erŭieħ tajjba, u jinkalgħu għal dan ix-xogħol li fih ried ikabbadhom. Beniditta Lardê u Catrin Lassejn chien kîshom rabbiehom hu: ŭaħda riedha tcun *ir-râs* u l'oħra il *kalb* tad-Dâr li sejjer iŭakkaf. Catrin Lassejn ħalliet bil mictub x'sâbet f'din id-*Dâr tal Hniena* meta Dun Giammarì bagħatha ma seħbitha jieħdulu ħsiebha.

"Chif dħalna, sibna fiha" ngibu haŭn cliem Catrin, "bòt butir u ftit ġbejniet niexfä bagħtithomlu ŭaħda xebba ta kalbha tajjba. Ġarrejna minn djarna is-sodda u il friex u ftit tal għmara; għal dac in-nhar, *ħobż xejn*! Ŭara li naddafnieha id-dâr, ħsibna nerġgħu lejn djarna biex nitrejjku; mbagħt għidna: 'Halli nibkgħu : mîn jâf il Hniena t'Alla tibagħtilna x'nieclu?' U hecc chien ! Omm ŭaħda minn'na ħasbet bagħtetilha l'ichel ; ksamnih bejnietna ; fil ħin, omm l'oħra, ŭasslitilha l'ichel ucoll. Dac in-nhar għadda bla xejn ma nakasna ; l'għâda kbadna nagħġnu il ħobż għalina."

Għaddiet gimgħa, u ŭaħda armla minn raħal tal krîb tagħhom talbithom tmur tatiehom dakka t'îd ; u mbagħt xebba oħra, jisimha Gianna Xanê, marret ucoll biex tidħol magħhom. "Is-sur Cappillan" tgħidilna Catrin, "bèda biex fetaħ scola għal bniet tar-raħal ; u mbagħt bèda jilka oħrajn mir-rħula ta madŭarna, iħallsu għal ichel biss u xejn għat-tagħlim. Ŭaħda xebba mill belt ta Ljun tagħmilha tajjeb, tħajjret tibka tgħammar fir-

raħal ta Ars, tgħix għalieha, iżda tħallas minn tagħha li jinħtieġlu lil Curât biex jista idaħħal xi ltiema fokra, bla ħlâs ta xejn. Halsitlu ucoll sehem milli nefak għaxxìri tar-ràba biex jinħàdem għalli jinħtieġ għal daūn uliedu."

Minn tnejn jeū tliet ltiema, Dun Giammarì kabad idaħħal bla ma ikîsha actar; u f'kasir żmien laħku is-sittin ūaħda: hecc bdiet il Hamrun il Ven. Adelajde Cini, ħecc ucoll bèda Fra Diegu, u hecc Monsinjur Bonnici fid-Dâr ta San Giūżepp, u hecc is-Sinjorina Giūżeppina Curmi iż-Zejtun il ħniena t'Alla ma colħadd u collumchien. U ilcoll sejjrin dejjem il kuddiem u il gîd isir, bħalma jixhdulna ucoll l'Istitut tal Bon Pastur ta Hal Balzan u il Conservatorju ta San Giūżepp ta Bormla; u magħhom daūc il mitejn u għoxrin xjuħ li għandhom fid-Dâr tagħhom is-Sorijiet tal Fkâr tal Hamrun u il bniet l'imorru għand is-Sorijiet l'Orsolini tas-Sliema; u l'Msida u il Belt. *

Dun Giammarì ħtieġlu icabbar id-Dâr tal Hniena ridtu taraūh igħin fil bìni, u jagħmel il ħìla lil mgħallmin, u ma jarfagħx mix-xogħol għajr biex imur ikarar! X'ma jitlagħx ix-xogħol! x'ma jaħdmulux bil kalb il ħaddiema tiegħu! Hecc talagħ il bìni, bit-tâma f'Alla, bit-talb u il fàkar: hecc telgħu id-djar collha li sejjes il Mulej! Bħalu għamlu kàblu l'Appostli meta telku urajhom ix-xbiechi, id-dgħajjes tas-sajd u il nieshom biex mxeū ūara Cristu hecc chif Hu sejjħilhom għal

* Nfaccarcom haūn fin-Nru. 121 tal Cotba tal Mogħdija taż-Żmien (daūc tas-sur Fons) msemmi IL CARITÀ F'MALTA U GHAUDEX. Għâd baka' għal beigħ xi ftit minnhom fl'Istitut ta Fra Diegu il Hamrun, bi tlet soldi il ūieħed.

miegħu. Bħalhom nistgħu nagħmlu aħna ucoll jecc aħna mas-sejjħa t'Alla ninxteħtu fuk il meŭg u nimxu il kuddiem u m'ħux le ngħumu xatt xatt bir-rogħda fukna sa naslu ħdejh fejn icun jittenniena b'idejh miftuħă, u igħidilna "Mniex kegħdin tibżgħu ? mela ma temmnux fija?"

Catrîn tgħidilna illi malli jakbad f'kiegħ îdu erba' ħabbiet, tarah bilġri jitlak jixtri il kamħ, l'imbit u il ħàtab: il bkija jigi ŭaħdu! Ŭaktiet, iżda, Dun Giammarì sâb ruħu mgebbed seŭŭa : nakaslu id-dkiek; mnejn jixtri il ħobż, ma hemmx, u iridu jagħilfu tmenin tifla! Chif sejjrin ifehmuħom ? U la tħoss il ġuħ, x'għandec tifhem ?...

Beniditta Lardê marret tgħidlu li għal għâda sejjrin jibkgħu bla ħobż billi tal mitħna ma bagħtilhomx id-dkiek u bli għandom ma ilaħħkux għal ħbiżtejn.

Dun Giammarì rafa' għajnejh lejn is-sèma :

"Ixħtu" ŭiegibhom "il ħmira fil kabda dkiek li bakagħlcom, għattuha u għâda aħbżu l'għagin bħal dari."

Malli sebaħ, Gianna Xanê nizlet tagħgen; mitt sèna chellha sa târa x'ser jiġri! Ma nlumhiex; u naħseb li ħaddieħor talankas jagħdirha! Chixfet il mejilla; u chif kabdet taħdem, l'għagin dehrilha kiegħed jitla jitla taħt idejha, u iżżidlu l'ilma u actar jitla u ma tilħakx miegħu, għax actar jintefaħ u actar jibbies; u minn dic il kabda dkiek ta aŭl-il-lejl, ħarġulha għaxar ħobżjet ta bejn għaxra u tnax ir-ratal il ŭaħda ! U dan lil Dun Monnin li chiteb il ħajja tal Curât ta Ars kasir żmien ŭara meŭtu, kalitulu Gianna Xanê u Catrin Lassejn u Gianna Fillja li raŭ b'għainejhom u messeŭ b'idejhom daŭn f'egħġubijet il cbâr!

Darb'oħra nakashom il ħobż; u la chellhom kamħ

u la dkiek, u ankas ħabba fid Dâr. Dun Giammarì, għaliex Alla ried iġarrbu, din id-darba bħal għamel f'kalbu u fehem li Alla nsieh mħabba fi dnubietu. Bagħat għal Catrîn u b'għajnejh ibelġlu bid-dmugħ, kalilha:

« Jaħtigilna daūn l'imsejcna ltiema nibagħtuhom, la ma għandniex x'nitimgħuhom !"

Iżda, mbagħt mâr magħha kalbu ittaktak bejn bittâma u il bìża, jati dakka ta għajn fejn jaħżnu il kamħ; tala' it-tarag b'rogħda cbira fuku; u Gianna Xanê bakgħet miexja għall urajh. Fetaħ il bieb....il maħżen sâbu nburġât bil kamħ ! Niżel mgħaggel it-taraġ, mâr isîb lit-tfâl jibchi bil ferħ, jistkarrilhom :

" Ktajt kalbi mill Ħniena t'Alla, msejcnin uliedi ; u Alla il ħanin ried iħallasni ta dan in-nukkas tiegħi ta tâma fih !"

U x'ħin tal mitħna mbagħt kabad jimla li xchejjer, x'jistagħgeb bil ġmiel ta kamħ : katt bħalu ma ra ! U ngħid ! Minn għalih, il Curât ūaħħal f'S. Frangisc Regis għaliex il dan il Kaddis chien talbu jokogħdlu għassa tal maħżen, u chien dendel mal ħajt reliqūia tiegħu.

Ūara xi snîn, Monsinjur Devî, meta laħak Iskof ta Bellê u sama' b'din tal kamħ, u ried jisma' minn râs il għajn chif ġrât, il biċċia, mâr iżūr *id-Dâr tal Ħniena*; u biex taparsi icun dâr rchejjen collha, talab lil Curât idaħħlu fil maħżen tal kamħ. U mbagħt urieh b'îdu mal ħajt u staksieh għal għarrieda : "Sa haūn, hux, tala' il kamħ ?"

" Le, Monsinjur", ūiegbu bla ma ntebaħ il Curât; u talla' îdu actar fil għoli ; "Sa haūn ! . Sa haūn !"

Darb'oħra, sabu il btieti inixxu, u l'imbit għadira

mal art, u isibuh għoddu ħareġ collu. X'jagħmlu ? Marru jiġru għand il Curât :

" L'imbit ħiereġ collu... x'ser nagħmlu ?"

" U le !" ŭiegibhom Dun Giammarì; "la tagħmlux għageb : collox jisseŭŭa ! Morru araŭ."

Reġgħu niżlu fil cantina u isibu ŭaħda mill btieti fiergħa. Lakktu li setgħu; igħidulec, "mill mitluf nieħdu li nistgħu ;" saddeŭ tajjeb il bittija u ferrgħuh geŭŭa fiha. Imma, mbagħt dehrilhom aħjar jitfgħuh f'ta magenbha li chienet tasagħ dŭar il mitt flixcun, u għâdha nofsha battâla. Trid târa l'għageb tagħhom x'ħin kalgħu it-tàp u isibuha mimlieha ! U mbit tajjeb bħal dac, katt actar ma daku !

Catrîn chienet ta sicŭit tħobb issemmi fuk ta meta il Curât fetillu lil-ltiema tiegħu ikassmilhom hu it-tisjir tal ħaxix, u kabad jatiehom coll sehem li l'msejcna bdiet titħasseb hux sejjer ilaħħak magħhom ilcoll. Ma felħetx iżjed, u ŭissietu inakkas xi ftit. Dun Giammarì tbissem jidħac, u xejn ma kiesha. U m'hux talli ma laħħakx ; iżda, baka' iżżejjed.

Jecc nakbad issa nsemmîlcom ta meta chien isîb il flûs fil chexxun u jâf li ma kegħedhomx hu ; jeŭ ta meta jiltaka' ma dan u ma dic, u jatuh daks chemm jinħtieġlu biex iħallas id-djun l'icollu, ntaŭŭal ŭisk, ŭakt illi nixtiek ngħidilcom fuk ħŭejjeġ oħra.

Imma, kabel ma immorru il kuddiem, ħalluni niekaf dakxejn ŭaħda biex nsemmîlcom fuk Dun Giorġ Bugeja u fuk Fra Diegu: u li sejjer ngħidilcom nafu minn għandhom. Meta, fil bìdu tal Gŭerra (1914) chienet timbèna il Cnisja tad-Dâr ta San Giŭżepp, gimgħa ŭaħda tlabtu lil Dun Giorġ jaħsibli għas-Sibt ta ŭara, biex nħallas xi bejn

cont lil mgħallem Gianni Mifsud. Dun Giorġ ŭiegibni: "Bħal issa ma ghandix ; Alla jipprovdi !" Għidtlu: "Ma ġàra xejn ; Mastru Gianni m'hux sejjer jaraha bi cbira; u il ħaddiema jitħallsu dejjem." X'ħin nhar-ta-Sibt mort nati id-dakka ta għajn ta coll gimgha lil bìni, Dun Giorġ sejjaħli : "Sur Fons," kalli, "isma, isma x'ŭaħda ġratli ! Xi jumejn ìlu, ħija, gieni kassis jitlobni ctieb, li jien cont nâf li għandi, u xtakt natihulu. Kallibt il cotba, ma stajtx insibu. Fl'aħħar, ftaħt chexxun minn tal librerija, ankas nâf għaliex; u mela ma insibux hemm, collu għàbra l Chif kbadtu f'ìdi, nara erba' rombli mkartsin... coll ŭieħed minnhom ta għoxrin lira deheb ! Sur Fons, naħliflec li ma contx nâf bihom; li chelli nati il librerija, cont natieha chif chienet. Hâdhom għal Mastru Giann!... Chemm hu cbir Alla, hux, ħija ?" u haŭn jilgħak xoftejh bil ferħ, bħalma chien jagħmel ta coll meta isemmi fuk ħŭejjeġ t'Alla. U il cnisja mbniet bla katt ix-xogħol ma ŭakaf, u ebda dejn ta xejn ; bħalma il kuddiem mbniet il bkija tad-Dâr ta San Giŭżepp!

Immorru issa għal Fra Diegu. Fi żmienu jien cont bl'uffizzju fejn illum id-ditta ta *Frank Pace Axiak and Sons*. il Belt. Tista tgħid, ta coll gimgħa chien jigi jarani tleta erba' darbiet, mkâr għal ħin ŭieħed, għaliex conn'na ħbieb. Darba ŭaħda kalli: "Cont gejj mill Hamrun u colħadd isejjaħli u irid jatini xiħaġa tal flûs.... Chelli iżżejjed ġol ħorġa u stħajt minni in-nifsi, u dħalt il Belt mix-Xatt u tlabt l'Alla ma jibagħtlix actar għal dac in-nhar..." Fra Diegu ma chienx rgħib; it-tâma tiegħu f'Alla, u fuk hecc ma chien iħabbat râsu mnejn ichisseb colma jinħtieġlu għal ħajja u it-trobbija tat-tmenin ltiema li lakagħ fl'Istitût tiegħu (li dic il ħàbta

fid-dâr ta *Vallombrosa* magenb l'Istitût li bnielu il kuddiem il Marchiż Giŭżeppi Scicluna), u m'hux għaliehom biss! Darba nâf rajtu bħal mdejiak u bħal ħàbat jakta kalbu: u dan, meta rieduh iżomm il contijiet. "Chif sejjer issa nagħmel, sur Fons? mnejn ser ngibhom daŭn id-disa' mija jeŭ elf lira u actar li jinħtiġuli ma tûl is-sèna? Nħossni râsi saħnet!" Nistkarrilcom li minn għalija ŭiegibtu :"Fra Dieg, agħmel bħal ma għamilt mn'issa l'ura; katta il carti!...imma, kabel xejn, staksi lil confessur tiegħec. L'għâda jeŭ il pitgħada, narah gejj kuddiemi ŭiċċu daħcani: "Għamilt li għidtli, tâf, sur Fons.. u nħossni moħħi mistrieħ!" Nistħajjlu il-bieraħ; u îlu actar minn tletin sèna! U issa ma flaħtx ma ngħidulcomx, għaliex mkâr haŭn Malta u Għaŭdex chellna u jista icollna nies bħal Curât ta Ars: minn'na jonkos.

Kâl darba ŭaħda il Curât ta Ars lil ŭieħed fost il Missiŭnarji tiegħu li mâr miegħu jiftaħ kalbu:

"Meta naħseb chemm Alla l'mbierec iħarisni sicŭit mid-dèni, u ngîb kuddiem għainejja il ħniena u l'mħabba tiegħu lejja, kalbi togħxa bil ferħ u ma nâf x'nakbad nagħmel biex nurih chemm nafulu talli għamel miegħi. Colfejn inħares, nara l'mħabba tiegħu bla kies, u nħossni nixtiek nogħdos f'din l'mħabba, u fiha nintilef. Dan l'actar ħassejtu, meta cont għâdni nitgħallem u kabadni sŭied ta kalb cbir (*dic il ħàbta meta bażà' li ma igħaddix għal kassis u icun jaħtieġlu jitlak*), u ma cont nâf x'sejjer igħaddi minn għalija. U jien u għaddejj minn bisŭit id-dâr ta..., donnu il-bieraħ, smajt daŭn il chelmiet, bħal xiħadd ipespishomli f'ŭidinti: "*Agħmel il ħîla; int għâd tilħak kassis*!" U darb'oħra rġajt smajt daŭn il

chelmiet: "*Issa int x'naksec s'issa?*" u tabilħakk li dejjem klajt colma ħtieġli.»

Darb'oħra kâl lil Catrin Lassejn: "Milli nâra, daŭc li għandhom bosta, m'hux għajr ighemgmu: jidhrilhom jonkoshom xiħaġa. Daŭc li xejn ma għandhom, ankas biss jixtieku xejn. Jaħbat aħjar li dac l'icun jintelak f'idejn il ħniena t'Alla: il ħażna iż-żejjda tnixxef il faŭŭara ta ħnientu; u in-nukkas tat-tâma lejh, tbiegħet minn'na il barca tiegħu. Igħaddili sicŭit minn moħħi illi jecc aħna naħbtu noħorġu mill fàkar li aħna fih, nibdeŭ ma nlaħħkux għal ħajja. Nitilku mela ruħna f'idejn il Hniena tiegħu; tgħid ma jâf li tinħtigilna il ħobżna ta coljum? L'mħabba t'Alla lejna, iva bil bosta akŭa minn tal actar missier ta kalbu ħanina, jeŭ bil bosta akŭa ucoll minn tal omm. Nokogħdu, mela, għar-rieda tiegħu f'colma irid minn'na. Daŭn l'imsejcnin ta ltiema m'humiex le uliedcom għâd l'intcom tħobbuhom kîshom ommijiet tagħhom; u intcom taraŭ chif it-tâma tagħhom collha ficom. Hecc, dan li Alla jitlob fuk collox minn'na, illi aħna nittamaŭ fih; u aħna moħħna mistrieħ bil chelma li tâna li katt ma tonkosna l'għajnuna tiegħu."

U il Curât ta Ars, bèda issa jilka' il colħadd fid-Dâr tal Hniena; xebbiet ta ħmistax, tmintax, u mkâr ta għoxrin sèna, mdorrijin jiggereŭ mat-torok, ma jafux x'jigifieri ħajja ta nisrani; x'ħin mbagħt joħorġulec minn hemm ma tagħrafhom actar milli chienu! U daŭc il-ltiema l'oħra l'idaħħal ta sitta jeŭ ta seba' snîn, għall actarx ma chien jitlakhom minn taħt idejh kabel id-dsatax il sèna tagħhom. Oħrajn jitilkilhom fis-sajf imorru igħinu il nieshom fix-xogħol tar-raba' u jarġa ix-xitŭa iridhom igħadduha fid-Dâr tal Hniena: dejjem u fuk collox ifittex

l'isibilhom la jicbru fejn idabbru râshom ma nies tar-ruħ daŭn l'iħrief tiegħu; jèŭ ma xi Sorijiet, jecc katt jarahom msejjħin mn'Alla għal din il ħajja, nchella iżeŭŭiġhom meta isibilhom għarus l'igħolt għaliehom.

Id-Dâr tal Ħniena tal Curât ta Ars cont tkîsha bħal tan-nies il fokra, għaliex hu ma riedx idarriehom ħlief għal ħajja li jistgħu jidħlu għalieha la jicbru. Fiha chienu jitgħallmu jakraŭ u jictbu, ix-xogħol tal ħjata u tal calzetta u tan-neŭl. F'din id-Dâr, Dun Giammarì bèda dac it-tifsir tiegħu fuk il ħŭejjeġ tar-ruħ li mbagħt il kuddiem marru in-nies jisimgħu bl'eluf il cbâr fil cnisja tar-raħal ta Ars, għonja u tfâl tax-xoghol minn Franza u il Germanja u il Belgju u l'Ingliterra: dac it-tifsir mill eħfef li chien igħott għat-tfâl u mbagħt daŭc l'eluf ta nies li jitilku mill bgħit biex imorru jisimgħuh!... Xtakna nġibuh f'dan il ctieb it-tifsir tal Curât ta Ars, għaliex sabieħ, ħafif, u mħeġġeġ bl'mħabba t'Alla ; iżda, dan ix-xogħol nħalluh għal xi kassis li jitħajjar jagħmlu; nkisuh icun ctieb id-daks ta dan li għandcom f'idejcom.

## 7. CHIF SÂR KADDIS.

Daŭc l'eluf li chellhom ix-xorti jaraŭ il Curât ta Ars l'aħħar snîn ta ħajjtu, ferħu li ltakgħu ma kaddis; iżda, actarx ma giehom f'moħħom mnejn giebha dic il kdusija tiegħu! Actarx illi ma chienu ankas jobsru bissaŭm tiegħu ta coljum, jeŭ meta jibka bla ichel jumejn tlieta, barra milli icun għadda b'dakxejn ta ftira l'icun sajjarha hu!... Mûr âra x'togħma ta ftira! Jeŭ meta jilħak jiecol fdâl tal ħobż isŭed l'icun lakkat minn ŭara it-tallaba. Xiħadd għal għarrieda rah jiecolhom daŭn il fdâl u merieh għax tkażżiżhom; u fil ŭakt lil Dun Giammarì jinżlulu għasel: "Chif!" ŭieġbu il Curât, "ma jidhirlecx, ħija, li ħaġa għażiża il fokra jaksmu miegħec il ħobż tagħhom?... ftacar illi huma l'akŭa ħbieb ta Gesù Cristu. Natic chelma, ncun nistħajjli kiegħed magenbu fil mejda!" Meta la chellux minnhom daŭn il tilkît tal ħobż, l'ichel tiegħu, patata mgħollieha: u chien igħallieha hu, u iaħseb għal gimgħa sħieħa li ma imurx jitlef żmien fiċ-ċajt. Laħku neŭŭlulu xi ħobża tas-smîd, u xi tisjir; imma daŭn il ħŭejjeġ chien ikassamhom bil moħbi lil xi nies ifkar minnu. U camartu?... Ankas ta fkîr ma chienet bħalha: mitraħ tat-tiben fuk sodda tal għuda; bil ftit il ftit, dan it-tiben tfarrac u sârlu trâb.... u mîn jista jâf chemm drabi chien jorkodloc fuk il kiegħa tal art, b' gebla għal mħadda?

"Chif jidhirlec li għandi ngîb ruħi ma midneb niedem, biex ma jitħarrax mill krâr?" staksih darba ŭieħed kassis?

"Ngħidlec is-seŭŭ, l'aħjar li sibt, li natih penitenza

ħafifa, u il bkija nagħmilha jien - għalih .. Ix-xitan jidħac bihom *id-dixxiplini,* jeŭ talankas jarahom ċajt! . dac li ma jistax għalih, hŭa is-saŭm u in-nokkas tarrkâd; minn dan jibża l'actar, ŭakt li daŭn it-tbatijiet huma ŭisk għal kalb t'Alla. Meta għal daŭc il ħamsa jeŭ sitt snin cont ŭaħdi, u ħadd ma jindaħalli, cont nħossni f'sìcti taħt dan il madmad.... u. jaħasra, l'irrid jien cont nakla għal ruħi mn'għand Alla! iva, u colma nitolbu, chien jatihuli!"

Darba ħabib tiegħu. biex jimbxu, staksieh : "Sur Curât, igħidu l'int tgħaddi mkâr gimgħa sħiħa mingħajr ichel; dan tabilħakk?"

"U le, biex gejj dalgħodu? imma, chemm igħaġġbuha in-nies. Bi tlet icliet f'gimgħa, l'inkas li għaddejt," ŭieġbu il Curât ta Ars.

Laħku kabduh jiecol troffa ħaxix : "X'int tagħmel, Dun Giammarì?" staksih mîn rah. "Xejn, xejn," ŭiegeb hu, "ridt nâra ngħaddix bil ħaxix ; imma, nsîb li ma igħottx għalija u jaħtieġli niecol ħobż!"

Għaddeŭ is-snîn. u l'Iskof Devî samagħ biha din; u staksih: "Katt rajt tistagħx tgħaddi bil għruk jeŭ il ħaxix bħal rħieb tax-xgħari ?"

"Monsinjur," ŭieġbu il Curât; "ngħid is-seŭŭ, darba biss għaddejt fih gimgħa, imma ħtieġli niekaf; għaliex ma stajtx niġbed il kuddiem! Hsibtnix xi kaddis bħal daŭc?"

Minn għalieha, Catrin xtâket chiecu iddaħħallu f'moħħu jiecol mkâr dakxejn actar biex jista jaħdem aħjar. Issa billi, tafu x'kalilha bi tbissima fuk xoftejh: "Isma, Catrin, Sîdna Gesù għarrafna li *chellu ichel ieħor , x'jiecol, jiġifieri li jokgħod għalli ried minnu il Missier tiegħu*

*li baghtu.* U int mbagħt ma tâf li hecc chif niecol ħŭejjeġ żgħâr, u norkod daŭc is-sagħtejn, nista narġa nakbad ix-xogħol minnufih? Meta żiemel f'saħtu tagħilfu, tarah dac il ŭakt mħejji għal girja bħalchiecu xejn ma egħja; u kajla żiemel jitmiegħek mal art jistrieħ.''

Ma dan collu, xi drabi mkâr l'aħjar żiemel jegħja; u Dun Giammarì laħak stkarr li għajjen mejjet; u irid jeŭ le, ħtieġlu jarfa mix-xogħol.

"Imm'int ma trid tisma illi tibża ftit għal saħtec?" ŭissietŭ Sidt il Castell ta Ars. "Meta filgħaxija takbad tkassat l'użarju fil cnisja, bilchemm leħnec jinstama' u jien, floc ngħid; "*Kaddisa Maria, Omm Alla, itlob għalina*"—sicŭit toħroġli "Mulejja, għin'nu jasal sal aħħar! U hedditu li tgħid lil Iskof. Issa billi? Barra millì fil bgħit il bgħit jitlobha taħsiblu għal xiħaġa ħafifa u suriet innies, meta jigi li jilka f'dâru xi kassisin, jeŭ x'uħud minn niesu jiġu jaraŭh, xejn actar; biex mbagħt ŭakt l'ichel jitchellem dejjem fuk il ħŭejjeġ t'Alla, u iteftef biss. Minn għalih, icun ŭaħdu, actarx jiecol bil ŭiekfa dic ix-xiħaġa tal ichel tiegħu.

U x'ngħidu għas-suttana tal Curât ta Ars? Għâdilli hu chien iħobb l'ndafa, katt actar minn dic ta fuku ma ried icollu; u dejjem aħsel u rakka, sachemm jaħseb għall oħra. U hecc bi ħŭejjġu. Jecc ighemgmulu, igħidlec jidħac· "Collox igħaddi għalih dan id-dakxejn ta Curât Ars! Għaliex tistagħġbu? Meta tgħidu il Curât ta Ars, biżżejjed; u la teħdux għalih tafux!" Darba ltakal miegħu fit-triek ŭieħed kassis li mâr sa Ars biex jarah:

"Inti jakaŭ il Curât ta Ars, li colħadd isemmîc?" staksih mistagħgeb

"Jien colli chemm jien, iva; dan hu id-dakxejn ta Curât ta Ars!" ŭieġbu Dun Giammarì.

"Hecc ma jakbilx!" kâl dac il kassis il barrani lil ħabib li chellu miegħu. "Sthajjiltu talankas jâf iżomm ruħu aħjar! Dan id-dakxejn ta Curât, m'hux talli ma fih x'târa, iżda rajtu jiecol fit-triek donnu xi tallâb!... nifhmux!"

Daŭn il chelmiet ŭassluhomlu lil Dun Giammarì; minn għalih, kabad jidħac, u kâl: "Nagħli ħafna għalih, jaħasra! Nkabad ġon-nassa, kagħad jitħâbat jigi sa haŭn biex jara xiħaġa sabieħa; u ma ra xejn!"

Iżda, mbagħt meta l'għâda dac il kassis il barrani mâr ifittex *id-dakxejn* ta Curât ta Ars, baka' biex għamel l'rtîr tiegħu hemmecc; u xejn actar ma stagħgeb għalfejn in-nies tokgħod titħâbat tmur sa dac irraħal biex târa *nitfa* ta kassis!

Xeŭka ŭaħda chellu il Curât ta Ars: li jitkaddes l'isem t'Alla u tigina saltnatu, u l'icun l'irid Hu fis-sèma u fl'art.

## 8. MHABBAT MIX-XITAN.

Dun Giammarì Vianney, m'hux talli chien ighacches lilu in-nifsu; iżda mkâr ix-xitan ried ndaħal jagħmel tiegħu.

Meta tŭakkfet id-"*Dâr tal Hniena*" il brejbes nàfar u ried jitħallas minnu dan il Curât li għamel għalih bl'icrah b'dan il gìd għar-ruħ it-tfâl tar-raħal ta Ars. Hàbta tad-9, hecc chif mâr xteħed fuk is-sodda jorkod, jisma tlet dakkiet bħal ta mazza fuk il bieb ta barra, bħalchiecu xiħadd sejjer jitfgħu geŭŭa. Fetaħ it-tieka, xiref, ma jara il ħadd fit triek. Règa għas-sodda, rèħa ruħu f'idejn Alla u il Madonna. Ma laħakx għalak għainejh, tlet dakkiet oħra actar kaŭŭijà minn daŭc ta kabel fuk il bieb li jati għat-taraġ. Kâm jistaksi: "Mîn hemm?' Hadd ma ŭieġeb. Għall eŭŭel, Dun Giammarì mâr b'moħħu fil ħallelin l'iridu jidħlu fuku jisirkulu il ħŭejjeġ sbieħ li bagħatlu għal cnisja tieghu il Conti ta Ars. Tàlab il żeŭġt rgiel f'saħħithom jibdeŭ igħaddu il lejl id-dâr tiegħu għalli jista jinkàla. Daŭn għaddeŭ chemm li lejl miegħu; bħalu semgħu il ħsejjes bla ma raŭ xejn. Dàħlet ix-xitŭa, il borra nieżla, u fid-dlâm tal lejl samagħ tliet dakkiet oħra ŭaħxijà fil bitħa. Niżel ŭaħdu bid-daŭl, ma sâb il ħadd; u fuk il borra, ebda âtar ta bnedmin. Imm'ssa Dun Giammarì fehemha tajjeb li dan xogħol ta daŭc tal kiegħân ta taħt: fuk hecc, iżżaħajr minn kalbu lil għases talli ŭakfu miegħu, u lil girjen li ħadu ħsiebu, reħa ruħu f'idejn Alla, u kajla kajla mkâr daŭn iż-żiajjar ma tŭaħħax actar minnhom.

Tletin sèna, bejn ŭieħed u ieħor, dâm hecc ix-xitan

iħabbtu lil Dun Giammarì; għaliex, barra minn daŭn il ħsejjes tal lejl, daħħallu f'moħħu li ma hemmx genna għalih! .. Din it-tbatija chienet kalila mill actar ; dan il ħsieb, bil-lejl u bi nhar iħabbatlu moħħu. U għaliehom in-nies, il Curât ma chellux slaleb għajr l'igîb b'idejh bis-saŭm tiegħu ! Meta lil kassisin sħâbu isemmîlhom fuk daŭn il ħsejjes u l'għâna ta bil lejl, jeŭ igħidilhom li ġarrfuh mis-sodda u x'nâf jien, tracu araħom jieħduh biċ-ċajt, jaħsbuhom xi ġrieden ŭakt li hu jistħajjilhom xiaten, u li joħlom bihom għaliex jorkod bil ġuħ.

Iżda, darba fost l'oħrajn li nsâb għal tlet gimgħât mal kassisin li marru jagħmlu missioni f'raħal ta San Triviêt, fejn il Curât ta hemm urieh li jixtieku icun magħhom, raŭ b'għainejhom u messeŭ b'idejhom jecc Dun Giammarì chienx joħlom jeŭ le. Chienet ix-xitŭa tas-sèna 1826. Ŭara l'ìcla ta filgħaxija fejn iċċajtaŭ ħafna fuk dan il ħolm tal Curât ta Ars, u ŭieħed fosthom bakagħ sa iddieħec bih u sejjaħlu miġnun, nġàbru jorkdu. Dun Giammarì ma ħâx għaliehom. Seŭŭ f'nofs ta-lejl, ilcoll semgħu il bibjen u it-tŭieki isabbtu, ħasseŭ l'art titheżżeż, il ħitan donnhom jinfetħu, l'għmara iċ-ċakċak, is-sodod ser jinkallbu ta taħt fuk. F'dakka ŭaħda, colħadd mkajjem; xegħlu id-dŭal: ftacru fi cliem li kalilhom il Curât ta Ars fuk il mejda : "La teħduhiex bi cbira jecc tisimgħu xi ħsejjes dal-lejl !" Bilġri telku nġàbru f'camartu : sabuh rieked bħal tarbija.

"Kûm !" għajjtulu ; "id-dâr ser tàka !"

"Nâf x'jigifieri dan !" ŭiegibom hu bi tbissima helŭa. "Morru strieħu ; ma għandcomx għaliex tibżgħu!"

Siegħa ŭara, cencel il bieb ħelu ħelu; Dun Giammarì stembaħ u mâr jiftaħ, u sâb ragel gejj mill bgħit

biex ikerr għandu. Minnufih baka' sejjer miegħu iŭasslu il cnisja; urajh kerru bosta midinbin oħra sa ŭasal ħin il Kuddiesa. Ma daħcux actar bih *il holm* tal Curât ta Ars!

Ta coll darba illi daŭn il ħsejjes ma iħalluhx jistrieħ ħin ŭieħed, Dun Giammarì chien jifraħ, għaliex jâf li sejjer icollu ħsada tajba ta midinbin.

## 9. MHABBAT MILL BNEDMIN.

M'hux ix-xitan biss ħabbtu lil Curât ta Ars, għaliex mkâr il bnedmin daru għalih ; u l'akŭa taħbit gih minn sħâbu il kassisin! u ŭaktiet kassisin tajjba ucoll, għaliex dehrilhom kegħdin jagħmluh għal gîd.

Billi dan il Curât il kaddis colħadd ifittxu u colħadd lilu isemmi, tmeżmżu uħud mill kassisin; bla ma ntebħu li l'għejra għalbithom, raŭha bi cbira li bosta erŭieħ telkuhom biex imorru ikerru għand ŭieħed li minn għaliehom ma chienx jilħak mal għerf tagħhom. Oħrajn dehrilhom li daŭn l'egħġubijiet tal kdusija, ħŭejjeġ ta dâri; ma setgħux jifhmuha, u bdeŭ iħarrcu râshom u jitbeżżgħu illi mîn jâf chif sejjra tibka ! L'actar li jaraŭha bi cbira, x'ħin rassa ta nìsa imorru ikerru għandu, għaliex bħalchiecu ma għandhom xejn x'jagħmlu u iduru minn kassis għall ieħor sa jiltakgħu ma ŭieħed jaħsibha bħalhom, u jitilkilhom jimxu għal rajhom ! Bdeŭ jakilgħu fuk il Curât ta Ars bosta ħŭejjeġ li katt għaddeŭlu minn moħħu, igħaŭŭġuhom chif jakblilhom biex juru li ma jinkalax fit-tmexxija tal erŭieħ. Xi cappillani laħku hedduhom lil daŭc l'imorru għandhom l'iħalluhom bla assoluzzjoni jecc jiersku ikerru għand il Curât ta Ars! Għamlu ħàbta ma ħalleŭlux mistrieħ, ismu dejjem fuk il-lsienhom ; il Curât ta Ars, xi żmien ŭara, kâl għaliehom : «Dac iż-żmien, il Vangelu telkuh fuk il pulptu biex kagħdu collumchien ixandru l'imsejchen Curât ta Ars!» U is-sabieħa, li daŭn il kassisin chienu nies tar-ruħ, u dehrilhom b'dakshecc li jatu gieħ l'Alla, li ma ikadix din il ħeġġa ta mħabba ta dan il kassis tcun ta dèni lil erŭieħ !

Darba Dun Frêd Monnin staksih jecc dan il għaj-dûd ta sħäbu itelliflux is-sabàr tiegħu. «Trid tgħid li is-salib jista katt itellifli is-sàbar!» fetaħ kalbu miegħu Dun Giammarì bi tbissima ħelüa. «Is-salib iüettak id-dinja; is-salib imissu igîb is-sàbar f'kalbna. Dac li aħna nsejħulu għaüġ, gejj milli aħna ma nħobbux is-salib. Jecc is-salib nerfgħuh bla ma nagħmlu ħafna għageb, ankas it-tokol tiegħu ma nħossuh: l'imħabba żejjda tagħna nfisna iġġagħalna nħossuha it-tbatija tas-salib, għaliex meta it-tbatija neħduha bil kalb it-tajjba, ma tibkagħx tbatija għalina. Aħna nghemgmu fuk is-slaleb li jakgħu fukna; chemm imissna nghemgmu meta ma għandniex daün is-slaleb, la darba ma hemmx ħaġa li actar mis-salib lil Gesù ixxebbaħna? Ma nistax nifhimha chif katt in-nisrani jitbażża u ikîs li jaħrab mis-salib. Mîn jaħrab is-salib, ma icunx kiegħed jaħrab il Gesù li fuk is-salib miet msallab għal mħabba tagħna?» U darb'oħra kallu: "It-taħbit iressakna lejn is-salib; u is-salib, lejn bieb il genna. Biex nilħku sa hemm, jaħtigilna jixħtuna taħt riġlejhom, iżebilħuna, imakdruna, u mkâr igibuna fix-xejn. Ma jafux x'jigifieri hena fuk dina l'art għajr daüc li kalb-hom ħàdra fost id-dûejjak tad-dinja, għax bħalhom, daün iridu itiru bil ferħ ta ulied Alla. U chemm it-taħbit jigih ħelu mîn jitlak ruħu f'idejn il Mulej! Fl'aħħar mill aħħar, x'inhù dan it-taħbit collu ħlief ħaġa li tgħaddi u tmur?... Tûl erba' jeü ħames snîn, deüükuni minn dan l'imrâr, għax kalgħu fuki ġmielhom, mereüni m'hux ħażin, kagħ-bruni chemm dehrilhom, chelli slaleb bil mijiet... actarx iżjed milli stajt narfa. Tlabt l'Alla igħinni nħobbhom, u rbaħt il hena. U għidt bejni u bejn ruħi: "Ma għand-niex għaliex nokogħdu nfittxu mnejn jiġuna daün is-sla-

leb; jiġu mnejn jiġu, collha chemm huma Alla jibagħthom biex b'hecc ncunu aħna nistgħu nuruh mħabbitna.

Dun Giammarì fuk collox chien iħobbhom daŭn isslaleb għaliex chif laħak stkârr, jieħilsuh mit-tiġrib ta meta jaħsbuh kaddis: "Għallankas hemm x'uħud jagħarfuni!" giè li kâl lil Missiŭnarji tiegħu għal daŭc l'ikasstu fuku; "daŭn it-talin, côs, għarfuni tajjeb u tabilħakk l'imissni nafulhom! Bħalhom daŭn igħinuni nagħraf lili in-nifsi".

Isimgħu din. Darba fost oħrajn, ŭaslitlu ittra tibda b'daŭn il chelmiet: "Sur Curât, bniedem bħalec ma jâf xejn teologija, ma imissu katt jokgħod għal krâr." U il bkija tal ittra, mimlieħa tgħajjir bħal dan. Dun Giammarì, li ma chellu ebda żmien iŭiegeb għall ittri li bdeŭ jaslulu bħax-xita, ma satagħx iżomm actar bil ferħ u lil kassis li bagħathielu jurieh chemm jafulu talli gieb ruħu miegħu chif jixrâklu. Kabad il pinna minnufih, u chitiblu: "X'għamiltlec, għażiż ħija, biex dakshecc mħabba ridt int turini? Sa fl'aħħar chelli niltaka' ma mìn tabilħakk għarafni. La darba int ridt tieħu ħsieb din ir-rŭejħa tiegħi, għin'ni nakla, daks chemm ìli nixtìeku, l'iŭarrbuni minn haŭn, fejn, tiegħi, għan-nukkas ta għerf ma nistax nilħak malli jinħtieġli, u hecc ncun nista ninġàbar nirgħex u nibchi dnubieti ta ħajjti collha!"

Dan il kassis, żmien bi żmien, nidem mill mgieba tiegħu il ħażina mal msejchen Dun Giammarì, u mâr sa Ars xteħetlu f'riġlejh jitolbu maħfra.

Iżda, ittri oħra nchitbu ucoll minn xi kassisin tarħula ta madŭar Ars lil Iskof tiegħu il ġdìd, bil fehma l'ineħħih minn Curât; u ŭaħda fosthom sa ŭassluhielu f'idejh: "Hakkni, iva, li jitfgħuni il barra lili, u mkâr

f'kiegħ ta ħabs, talli iddaŭŭart bosta haŭnhecc fejn fixchilt il bosta gîd li sata' sâr!" Dan kâlu għalih in-nifsu Dun Giammarì: hecc jaħsbuha il kaddisin! Meta ŭieħed kassis mâr mbagħt fetaħ kalbu miegħu li ma jiflaħx actar għat-tfixchil li jiltaka' miegħu u għal klajja li kalgħu fuku, il Curât ta Ars ŭieġbu hecc: "Habib, l'aħjar li tagħmel, agħmel bħalma nagħmel jien; ħalliehom igħidu colma għandhom igħidu. Meta fl'aħħar icunu kâlu collox u ma jibkalhomx actar x'igħidu, int târa li jisctu."

Monsinjur Devî, l'Iskof ta Bellè il ġdîd, li ma chien jierħiha lil ħadd ŭara li jitchixxef bir-rekka collha fuk l'imorru isefsfulu fuk dan jeŭ dac, u laħak għarfu il Curât ta Ars u ħabbu għal mgieba tiegħu ta bla kerk u il fâkar tiegħu, darba f'lakgħa cbira ta kassisin, telagħlu, u kallhom: "Nixtiekilcom dakxejn ŭaħda mill bluha li intcom kegħdin tiddieħcu biha; u naticom chelma li ma tcunilcom ta ebda ħsara b'xirfcom collu!"

Iżda, Monsinjur Devî, għalli jista icun, bagħat xi żmien ŭara il Vigarju tiegħu sa Ars biex jistħarreġ il Curât fuk it-tmexxija tiegħu tal erŭieħ; u Dun Giammarì fetaħ kalbu miegħu bis-sedka collha, u bakagħ sa talbu bil ħniena l'iŭarrbuh minn hemm, għaliex jaraha bi cbira irid jilħak ma xogħol m'hux ta idejh. "Halluni, jaħasra, ninġabar f'rocna nibchi dnubieti!...."

Monsinjur Devî riedu ucoll igħarrfu fuk il casijiet l'mħabblin li jiġu f'idejh, biex jara chif katagħhom; u "Mn'actar minn mitejn ŭieħed li ŭassallu" kâl dan l'għaref Iskof, "tnejn biss ltkajt magħhom li stajt ma nifhimhiex bħalu! Mill bkija, kbilt miegħu; u fuk l'mgieba tiegħu mal erŭieħ, ma sibt xejn xi nghid."

Tajjeb fuk collòx ŭieħed icun jâf illi għâd li dan l'Is-

kof Devì, ragel kaddis u ta għerf cbir, chien igibu ŭisk u ifaħħru minn kalbu lil Curât ta Ars, katt darba nzertaha u għamillu ftit tal ħila għal ħeġġa tal gîd li daħal għalih; biex ma ngħidux illi ħabtiet, bla ma ried, laħak fixclu ucoll.

Semmejna fuk daŭc li ħabbtuh, għaliehom b'fehma tajjba — x'ngħidu issa għal xi nies oħra li messeŭh fil laħam il ħajj, b'dac il-lsienhom inigghez, b'dic l'għejra li tinfed il kalb bħal sejf jakta miż-żeŭġt ixfâr? Araŭ ftit satax katt icun li bniedem bħalu, mogħti għal gîd tal erŭieħ b'ħeġġa l'actar safja, kalbu mseddka bl'mħabba t'Alla, ħajja tal akŭa fàkar, ichel mill ankas u mil agħâr, għiduli setgħux iŭeġġgħuh iżjed milli għamlu x'ħin riedu igħadduh ta bniedem ta żeŭġ ucuh, u ta ħajja ħażina ? .. Dun Giammarì iħalliehom igħidu l'iridu; minn għalih x'jiżżiħajr l'Alla talli daŭn l'għajdud iŭeltkuh fil fehma li jirtabat dejjem actar miegħu biex b'għajnuntu ma ikadix li jidħol fit-tiġrib ta ruħu. U il ħajja tiegħu bakgħet bħal ta kàbel: xogħol, talb l'Alla. u fuk collox marbut mar-rieda tiegħu.

Tminn snîn dâmu iħabbtuh il bnedmin, u l'daŭn ittminn snîn, chif chien igħid il Curât ta Ars, chien jakla minn għand Alla colma jitolbu. U nies minn collumchien arahom imorru ifittxuh biex miegħu jiftħu l'mrâr ta kalbhom dan l'imsejchen Curât mkâr meta fuku kalgħu chemm felħu.

# 10. TAHBIT TA RUHU.

"In-Nisrani", igħid Santu Ŭistin, "jaħtieġlu ibati actar minn bnedmin oħra ; u il kaddis, actar minn ħutu l'nsara." Alla riedu icun kaddis lil Curât ta Ars; u fuk hecc, barra mit-taħbit tax-xitan u tal bnedmin u milli għacches lilu in-nifsu, Alla bagħatlu salib ieħor mill ekkel. Dun Bô, li għandu chien ìlu ikerr is-snîn, isemmi li Dun Giammarì sâb ruħu imdaŭŭra bi dlamijiet tal bìża; daħħal f'moħħu li ma chien jisŭa għal xejn ; li colma chien jagħmel għal gìd, xogħol mitluf jeŭ actarx jisfa' dèni għall erŭieħ ta daŭc l'eluf li jiersku ikerru għandu. U x'jibchi u x'jirgħex minn dnubietu; u fil ħin jagħmel il ħìla u imexxi il kuddiem u jintelak f'idejn Alla ! U ŭakt dan il martirju tar-ruħ tiegħu, irid jilħak mal erŭieħ li imorru għandu ikerru u iridu jafu chif għandhom jimxu fit-triek t'Alla ; u jâf li minn chelma tiegħu tista dic ir-ruħ tirbaħ il hena ta dejjem jeŭ tintilef !.... U moħħu iħabbat fuk il kdusija li tinħtieġ lil kassisin ; u fil ħin jaħseb li ma jixraklux laħak kassis daks chemm hi ħaġa cbira la darba *"biss biss tersak tkaddes, trid tcun serafin !"* chif kâl lil ŭieħed kassis għâdu żagħżuħ li mâr staksieħ il fehma tiegħu. "Bosta huma l'erŭieħ it-tajjba fostna il kassisin ; u fejn trid issibhom in-nies it-tajjba jecc jaħbat igħaddilec minn râsec li magħhom ma tiltakax fost il kassisin ?.... Imma, x'ħin naħseb chemm hi ħaġa cbira li tkaddes, nħossni nirtiegħed!" U il Curât ta Ars nfexx jibchi bħal tarbija: "Mulejja Alla tiegħi, aħfirli u ħenn għalija fix-xein tiegħi !.... Hemm x'uħud..." issocta igħidlu Dun Giammarì, "iva, x'uħud jibdeŭ ikaddsu bi

ħrara cbira, mbagħt jaħbtu jibirdu.... U chif le, jecc jinxteħtu għal gîd tad-dinja, jeŭ iridu jafu fuk li jiġri l'haŭn u l'hinn, jeŭ jatu ruħhom għal polîtica u għal gażżetti?.... Nimleŭ râsna b'daŭn il ħafna ħŭejjeġ li ma imissniex nindaħlu fihom, u mbagħt immorru nkaddsu u ngħidu l'Uffizzju! Minn għalija, nixtiek ninġàbar fis-schiet ta cnisja, u nitlob l'Alla jaħfirli dnubieti, u mill bkija ndŭr bil morda. Chemm chiecu ngħix fil hena ta ruħi!"

Iżda, b'dan collu u il bkija li ma ngibx haŭn biex ma ntaŭŭalx (l'actar billi mîn jâf bit-taljan jeŭ bil franciż jeŭ bl'ingliż, isîb il *Hajja tal Curât ta Ars* mictuba b'daŭn l'ilsna u oħrajn ucoll), chiecu katt Dun Giammarì baka' bla ma kaddes, jeŭ ikârar, jeŭ jitlob, jeŭ iżûr il morda! Telf ta żmien, xejn; sejjer dejjem, u dejjem mħeggeġ bl'mħabba t'Alla u tal erŭieħ, bla ma ikîs ittokol tas-salib li Alla bagħatlu fir-ruħ tiegħu; u isûm u igħacches u ibiccer lilu in-nifsu, u mix-xogħol tiegħu ta kassis u ta Curât, katt ma jiehda: u għal tletin sèna irraħal ta Ars mbìdel bħal ta żmien San Bennard bin-nies li marru minn collumchien ifittxu il Curât ta Ars, mîn b'ex imexxih hu fit-triek tar-ruħ, mîn għal xi għajnuna tal flûs, mîn mħabba il fejkân tal marda li hu chien jaklagħlom minn għand Alla bit-talb tiegħu lil Santa Filumena. L'actar imma li chienu imorru Ars, għal fejkân ta ruħhom. X'ħin taħseb li għall eŭŭel snîn, f'dan id-dakxejn ta raħal xejn ma cont issîb x'jiġbdec ħlief kassis żgħir u mixrub u li għan-nies tad-dinja ma chellu u la għerf u ankas deħen; u mbagħt ankas issîb fejn iddabbar râsec, bilchemm x'tiecol, u rassa fil cnisja, u dana collu biex b'ħafna taħbît tisma xi chelmtejn minn fommu dan il Curât ta Ars; le, ma jistax icun li in-nies chienet

titkankal u tmur sa hemm ħlief mħabba il kdusija ta dan il kassis! Għaliex m'hux it-tfâl tax-xogħol biss, m'hux iż-żgħâr biss chienu imorru Ars, iżda l'ogħla nies, fosthom ħafna oħra mcabbrin bihom nfishom, minn daŭc ta arani u la tmissnix. jeŭ min fuħin bil flejjes li kalgħu mîn jâf chif, u daŭn m'hr'miex sejjrin għalxejn b'xejn jidħlu għat-tbatija minn rajhom li ma chellhomx għalfejn imorru sa Ars; iva, sa Ars biex jaraŭ il mîn? biex j'sımgħu il chelma ta dakxejn ta Curât li minn għalih m'hu xejn u l'inkas ŭieħed fosthom ilcoll! U jibkgħu biex jinxteħtu-għarcubtejhom niedmin kuddiem dan il kassis u għandu ikerru u mbagħt jierġgħu l'ura lejn il belt tagħhom b'kalbhom serħâna, b'ruħhom mimlieħa bil hena, u isemmu mal ħbieb tagħhom u il kraba: "Morru sa Ars, ma jibdielcomx! Taraŭ kaddis miexi fl'art; il chelma tiegħu, chelma tal genna; il ħârsa tiegħu, kalbcom timlielcom bil hena!"

U l'imsejchen Curât ta Ars, ŭakt l'ixerred f'kalbhom l'erŭieħ iż-żerriegħa tal mħabba t'Alla ŭakt li daŭc il midinbin jierġgħu lejn nieshom msaħħrin urajh u il faraġ f'kalbhom, l'imsejchen Curât, ŭaħdu, jitħâbat bixxogħol tal kâsam tiegħu li m'hux actar ir-raħal ta Ars biss, iżda nfirex ma Franza collha! Għandu mieghu igħinuh il missiŭnarji tiegħu; issa billi? collħadd għandu irid jiersak ikerr, għal għandu gejjin sa Ars minn Franza collha u minn naħât oħra ucoll: u Dun Giammarì x'jixtiek minn għalih jieħles minn din id-dinja tad-dnub biex mal kaddisin jitlajjar u magħhom ifaħħar għala dejjem il ħniena t'Alla, għaliex moħħu x'iħabbat li m'hux kiegħed jagħmel dmiru chif imissu u jibża li jitlef ruħu!

## II. CHEMM THÂBAT SA CHELLMU!

Mîn? . Ŭigi Lacrŭà!...

Is-sèna 1857, sentejn minn kabel il meŭt tal Curât ta Ars, dan il għaref franciż, għid u għid, ħajjruh imur jarah : x'ħass f'kalbu, u chemm tħâbat mħabba ir-rassa tan-nies sa resak ichellmu, aħjar nkîs nfissirulcom fuk li chiteb hu.

* * *

« Sentejn îlu għamilt ħsieb immur maŭra sa Ruma. Gimgħa kàbel tlakt, ltkajt Parigi ma ħabib tiegħi, chittieb magħruf u nisrani tar-ruħ. Għoġbìtu il fehma tiegħi u ħajjarni nibda biex ngħaddi minn Ars. 'X'titlef, kalli hu; "int u għaddej minn Ljun, mûr arah dac il Curât ta Ars. M'intix ser ittaŭŭal ŭisk, u ntîc chelma li târa dac li għalxejn tfittex band'oħra... dac l'int ma tistax târa mchien ieħor!' Dan il ħabib tiegħi chien rah lil Curât ta Ars; u jien cont għâdni ma smajtx fuku minn fomm xiħadd li rah b'għainejh. Semmieli x'ra hu fir-raħal ta Ars, u ma ħallielix sàbar sa ŭiegħidtu li ngħaddi minn hemm. Bakagħ biex kalli: "Inti li tgħallem li storia imissec tmûr titgħallimha Ars, għaliex hemm iggîb kuddiem għainejc u tmiss b'ide c chif is-Saltna tal Cnisja, tŭakkfet fid-dinja. Hemmec tiltaka' ma bniedem li jaħdem bħal kaddisin ta dâri, li jagħmel in-nies nsara bħal ma chienu jagħmlu l'Appostli, mekjum min-nies bħal San Bennard fi żmienu, u fih târa egħġubijiet li nakraŭ biss fukhom fil cotba. Mûr arah; tchellem miegħu, jecc jirnexxilec tersak kuddiemu, dakschemm dejjem b'rassa ta

nies madŭaru iridu ikerru għandu ; ħares lejh talankas, u mbagħt cûn âf għidli jecc telliftlec iż-żmien tiegħec ! Meta fi żmie'na għandna ix-xorti l'igħix bniedem tal għageb bħal dan, m'hux lachemm ŭieħed jibka għaddej b'għainejh magħluka minn kuddiemu. Chemm jitħâbtu l'għorrief biex jitchixxfu fuk xi ħaġa barra minn żmienha, u jibkgħu ta sicŭit bla ma jafu xejn ? Dan il bniedem bħal ħaġa tasseŭ li barra minn żmien'na; għaliex, fejn tiltaka' illum ma kdusija bħalha ?... Ankas jixraklec biss tgħid li ma mortx tarah !.. Kîs, mela, tàsal ŭasla sa għandu u titlifx żmien actar, għaliex il Curât ta Ars ma bakagħlux għomor tŭil !"

« Bkajt miegħu l'immur sa Ars ; ħassejt li jaħtieġli ma nonkox. Ukaft Villfranx : bilchemm middejt riġlejja f'dil belt, seŭseŭŭ meta kbadt it-telgħa tal cnisja li ta mîn iżûrha għal ġmiel tagħha, is-sħâb li ħàbat jisŭied kabad issa iraxx u nfetħu bŭieb is-sèma ; l'ilma nieżel bil kliel, ħtieġli nistchenn fli stazzjon, li daŭn l'aħħar snîn cabbruha daks chemm in-nies tiekaf hemm biex tibka sejjra lejn Ars jaraŭ il Curât ta dac ir-raħal iż-żgħir. U jien għidt bejni u bejn ruħi : "Għallankas ma jieħtiġlix nittenna ŭisk sa nara u nitchellem mal Curât, u ma niddaŭŭarx bosta sa narġa nitlak. L'iżjed ma narahiex dic ir-rassa il cbira ta nies l'isemmu !"

« U salna Ars, u l'cmnibus ŭakaf bisŭt il bieb ta tverna tar-raħal, fejn lili u'l sħâbi lakgħuna chif xierak b'dic l'mgieba it-tajjba li ma issibhiex f'ucandi oħra: kaluli li il Curât dejjem iŭissiehom li ma idejjkux in-nies. Billi nâf chemm f'ucandi oħra jagħfsu, l'actar fejn jiltakgħu ħafna pellegrinaggi, ntbaħt mill eŭŭel x'kaŭŭa għandha fuk il klûb tal merħla tiegħu Curât kaddis. Bla telf

ta żmien xejn, għaggilna lejn il cnisja, fejn kalulna li għandna nsibuh lil Curât. Minn għalija, mort b'moħħi li barra minn'na li usalna bl'omnibus, kajla x'sata' chien hemm ta nies dac in-nhar, billi ma setgħux jilħku hemm ħlief ricbin jeŭ bil mìxi : u ħejjejt ruħi nitkanna ma narax ir-rassa ta nies l'immorru bil ktajja il ktajja.

« Dħalt il cnisja b'leblieba cbira fuk x'sejjer nâra. Fejn katt stajt jien nobsor l'nsîb il cnisja mimlieha nies ilcoll fil ġàbra, jitolbu bil ħrara ; in-nìsa fin-nofs, ir-rgiel marsusin flimchien dŭar il bieb tas-sagristija!

« Fejn katt sŭali ta slaten jeŭ ta cbarât, bil cbarât collha li fihom jiltakgħu, tista ixxebbaħhom ma din ir-rassa ta nies dŭar il ministru ta Sîd is-sèma u l'art, ma dan il kassis illi kdusitu gibdet lejh daŭn l'eluf collha ? Iżda, għalchemm ngħarrex b'għainejja, ma stajtx nilmaħ *lilu*. Ureŭni b'subgħajhom il bieb tas-sagristija, u kaluli chien ikârar ir-rgiel, mìn imissu, ŭieħed ŭara l'ieħor. Dac il ħin chienu deħlin għandu daŭc li ŭaslu haŭn il-lejl, u fil ħin dakkeŭ il ħamsa ta fuk ofs-inhar ! Ktajt jesi li sejier narah dac in-nhar lil Curât ta Ars ; għâdilli bil kalb it-tajjba kgħadt nittenna ŭara l'oħrajn sa imiss lili nidħol is-sagristija. Ngħid is-seŭŭ, ma ghemghimtx : cont kiegħed nitgħaxxak, għaliex fejn katt cont nobsor b'din ix-xorti li chelli, sejjer nara b'għainejja chif il Curât ta Ars igħaddih il jum tiegħu ? U għamilt f'moħħi narġa l'għâda nsîb ruħi il cnisja biex nara x'ħin jakbad ix-xogħol.

« Iż-żmien għaddejj, u Dun Giammarì għâdu ma jidhirx ! Bieb is-sagristija jinfetaħ u jinagħlak biex ir-rgiel joħorġu u jidħlu, oħrajn urajhom ; narahom jidħlu hemm geŭ ŭieħed ŭara ieħor, mîn imissu, b'ġàbra cbira,

jeŭ kalbhom seŭda, jeŭ mħassbin u jerġgħu joħorġu minn dac il bieb ŭiċċhom għad-daŭl, kalbhom ħàdra, serħanin. Tifel tax-xogħol, chif ħareġ mis-sagristija, rajtu jiekaf sòbtu, jati dakka fuk ġbinu u smajtu igħid taħt il-lsienu "Jaħtieġli narġa nchellmu!..." u ràġa mâr kagħad ŭara l'oħrajn sa jarġa imiss lilu jidħol għand il Curât dac il-lejl jeŭ l'għâda!

« Sagħtejn jeŭ actar għaddeŭ bħal berka. Minn għalija, nsejt nħares lejn l'arloġġ dakschemm ħassejtni f'sìcti, naħseb fi ħŭejjeġ tal genna; u il ħin għaddej u jitħallat maż-żmien li għadda u mâr. Għoddhom it-tmienja, raxx id-dlâm, u il cnisja m'hux talli ma titbattalx, ir-rassa ticber. Xiħadd magenbi semmieli li sâr il ħin għat-talb ta filgħaxija, u fehmuni li in-nies tar-raħal katt ma jonksu isibu ruħhom hemm, billi il kdusija tal Curât gibdithom ilcoll lejn Alla. Fil ħin, deher Dun Giammarì u bakagħ sejjer lejn il pulptu: malli rajtu, insejt collox; għainejja ċassi fuku. Chien liebes li spellizza li katt ma ineħħi minn fuku; il ħârsa tiegħu, il bixla, surìtu, chienu jixhdulu kdusitu. Ŭiċċu mixrub, niexef għall aħħar, taraħ biss, tifhem chemm kiegħed igħacces lilu in-nifsu u li kîsu igħix f'dinja oħra, mgħannak ma Alla, u mad-dinja ma għandu xejn x'jaksam! Rajtu, iva; chien miexi râsu u għainejh immejjlin lejn l'art; xagħru tŭil nieżel fuk għonku, ŭiċċu bħal mdaŭŭar bid-dija. Hassejt tchexchixa chif għadda ma genbi, u jien missejtlu it-tarf ta li spellizza. Chif tala' fuk il pulptu, niżel għarcobtejh igħid it-talba ta filgħaxija; iżda, b'leħen bilchemm jinstama.' Leħnu, leħen mitfi ta mîn ma jiflaħx iżjed: u actar ta mîn jistagħgeb chif satagħ jilħak ma dac ix-xogħol jebes tal krâr ta b'inhar u ta bil-lejl. Mbagħt, ŭara it-talb,

kàsam il cnisja u ħareġ minn bieb tal genb, u għadda bejn żeŭġ ħitan nies għarcobtejhom jitolbuh iberichom, u daħal id-dâr tiegħu bli spellizza chif chien u bla berettin. Dac il ħin, rajt x'setgħa chellu dan id-dakxejn ta kassis fuk il klûb ta daŭc l'imorru sar-raħal ta Ars b'eluf li kajla tiltaka' magħhom fl'akŭa naħât ta pellegrinaggi; u minn għalija, ħassejtni ma mortx għalxejn sa Ars• Deherli ma chellix għalfejn niddaŭŭar actar hemmecc, għaliex rajt biżżejjed u ktajt xeŭkti. Imma, b'dan collu ma ridtx, ma stajtx nitbiegħet mingħajr ma nchellmu dan il kassis, bla nitolbu il barca tiegħu dan il kaddis. Rġajt stħarriġt chif nakbad nagħmel u nchellmu. Ir-ragel li rajtu idûr mal cnisja u ħsibtu is-sagristan, tâni chelma li jecc nisbaħ hemm fl'4 ta filgħodu, actarx li mal għodŭa nilħak nchellmu u ncun nista nitlak għal xogħli. Għidt: hecc nagħmel, u nsîb ruħi haŭn fil ħin li kalli.

« Colħadd nġàbar f'daru; il bdieŭa tar-rħula taddŭar, telku ucoll lejn djarhom; l'oħrajn sabu fejn igħaddu il-lejl, għaliex id-djar collha ta Ars, jilkgħu in-nies; u jien mort lejn il lucanda tiegħi. Haŭn ltkajt ma daŭc li usalt magħhom filgħodu bl'omnibus; ŭaħda sinjura minn Besansôn ma bintha, kassis minn Grenôbl, żeŭġ seminaristi minn Ljun, cappillan minn Marsilja, omm u żeŭġ uliedha (ŭaħda għamja u l'oħra tofroc) u xi oħrajn minn Marsilja ucoll. Daŭc ta Marsilja geŭ fuk li semgħu b'mirâclu li ġàra hemm daks sitt gimgħàt kàbel u kalgħuh bit-talb tal Curât ta Ars. Ŭakt l'ichel ma tchellimniex għajr fuk il kdusija ta dan il bniedem tal għageb li morna naraŭ: u coll ŭieħed minn'na kâl tiegħu. "Nifraħ li gejt," kâl ŭieħed minn Marsilja. "Nistkarr li ebda xeŭka ma chelli nersak l'haŭn; gejt inŭassal il marti u

il binti, għax ma stajtx neħles minnhom! Ngħidlec li issa nħossni ferħan li gejt; issa nifhem x'jigifieri ir-religion!" U chien jidher l'igħid minn kalbu.

« L'għâda, il 11 ta Settembru 1857, cont fuk riġlejja minn kàbel l'4;u fil cnisja, minn kàbel is-sebħ! Ħsibtni ser nàsal tajjeb u l'eŭŭel ŭieħed: fejn katt cont nobsor li nsîb rassa nies actar minn aŭl-il-lejl! Ħtieġli nokgħod iżjed il bgħid minn dac l'imbierec ta ħieb tas-sagristija mnejn irrid ngħaddi biex inchellem il Curât.

"Chemm îlec haŭn?" staksejt lil ta ma gembi.

"Jien?...Mis-sagħtejn ta bil-lejl!"

"U il Curât meta daħal?"

"Gie f'nofs-il-lejl!"

"U issa fejn hu kiegħed? x'inhù jagħmel?..."

"Kiegħed midfun hemm, ikârar, ŭara il côr; bħal issa il krâr tan-nìsa. Actarx hemm Nhar-ta-Gimgħa filgħodu; u ma jismagħx rgiel sa ŭara l'ikaddes."

"U daŭn in-nies collha li ked nara, x'inhuma jagħmlu haŭn?"

"Ked jittenneŭ sa imiss lilhom, ŭieħed ŭara l'ieħor."

"Bħalhom x'ħin geŭ?"

"Meta daħal il Curât, chienu jittenneŭh ŭara il bieb tal cnisja; l'eŭŭel ma laħak, chien iżomm mal ħabbata; il cnisja nfetħet f'nofs-il-lejl, u colħadd daħal biex jilħak minn tal eŭŭel."

«Ħŭejjeġ tal għageb; bħal dan katt ma bsart! Cont nâf illi il bnedmin jokogħdu għal collox fejn jidħol xi kliegħ ta flûs jeŭ iridu jaktgħu xeŭkâthom, iżda, u la cont nâf u ankas katt ma cont rajt chif jistgħu jidħlu għal tbatija bħal din għal gîd ta ruħhom biss! Bkajt; ma flaħtx nżomm; ħarġuli id-dmugħ; deherli ked nakra

xi ŭaħda mill egħġubijet ta żmien l'Appostli; kalbi ngħafset, ma ħaħtx actar; u donni ked noħlom, rġajt kbadt nittenna bħal aŭl-il-lejl bla ma nħoss iż-żmien għaddejj, nitlob u naħseb, u nsîb il faraġ tiegħi nħossni fil krîb ta kaddejj t'Alla.

« B'dan collu, f'kalbi ħassejtni irrid neħodha massagristan talli ma ŭissienix ngħaddi il-lejl ŭara il bieb tal cnisja, u ħtieġli issa irrid ndûm ma nafx chemm nittenna ! Narah x'ħin daħal, tiela u nieżel mal cnisja, u iŭiegeb għal mistoksijiet ta dac u ta dan, isabbar lil mîn jakbad jiddejjak bla ma jittiefes, u bilchemm ma bdejtx nħares lejh icrah. Iżda, meta rajtu hecc dħuli u b'dic il ħleŭŭa tiegħu jilħak ma colħadd, stħarriġt fuku lil ta magembi. X'nsîb ?... li chien bniedem jagħmilha tajjeb, u nxteħet għal dan ix-xogħol ta mħabba ta bla ħadd ma jafulec biex lil Curât jurih kalbu talli għamel għal ruħu, għaliex dâri chien igħix għal rajh mingħajr ma irid jâf bi ħŭejjeġ t'Alla. U daħal għal xogħol m'hux kalil ftit, x'ħin taħseb li il Curât chien ikârar dŭar l'għoxrin siegħa coljum; u chiecu katt dan, li għalija sagristan, chien jonkos mid-dmîr li ried jidħol għalih ! Fuk din, rġajt bdejt naħseb fuk li il Kaddisin m'hux talli jagħmlu ħŭejjeġ tal għageb huma biss, iżda l'iġagħlu lil oħrajn jagħmlu bħalhom, meta jaraŭhom jinxteħtu b'kalbhom u b'ruħhom għax-xogħol ta mħabba lejn Alla u l'eruieħ dakschemm lejhom jiġbdu klûb colħadd.

« Għas-sitta, il Vici ħareġ ikaddes, ŭakt illi il Curât bakagħ ikârar in-nìsa. Fl'aħħar, ŭara li chien îlu kiegħed minn nofs-il-lejl, ħareġ mill confissiŭnarju, donnu m'hux hu, biex jidħol is-sagristija jilbes ghal kuddiesa. Daks chemm chelli xeŭka nchellmu ħin ŭieħed *u nitolbu*

ibericni, u mbagħt nibka sejjer, stincajt u ndeħest ġos-sagristija seŭseŭŭ x'ħin il Vici chien dieħel. 'Stennieh' haun' kalli dan, 'u għandu mnejn il Curât hu u ħiereġ jiekaf jisimgħec kâbel ma imur ikaddes.' Smajt minnu, għalxejn! Imma, il Curât ta Ars illi b'ħârsa minn tiegħu jifhem jecc jinħtieġlec għar-ruħec jakdic dic is-siegħa jeŭ jara li nukkas ta sàbar, ħallieni għal ŭara il kuddiesa u kâbad jilbes. Talankas rajtu mill krîb, ħassejt is-setgħa ta dic il ħleŭŭa ta ħârsa tiegħu, u fraħt ħallieni ngħinu jilbes għal kuddiesa. U fil ŭakt stajt narah mill krîb chemm chien niexef, u stħajjiltu id-dell tiegħu, u m'hux bniedem ħajj, għalchemm fuk ruħu. Ġbidt għal urajh sal artal ta Santa Filumena. Chien iħobbha ŭisk din il kaddisa li kalegħtlu minn għand Alla bosta fejkân tar-ruħ u il gisem, chif jixhduh l egħŭiedi mdendlin mal ħajt tal cappella tagħha : haŭnhecc ŭieħed magħtub, f'dakka ŭaħda kâm u kabad jimxi bħal fi żmien Cristu b'chel-ma minn tiegħu, u l'imsejchen kassis, x'ħin ra colħadd jistagħgeb u jiżżiħ-ħajr, ghemghem għal dic il kaddisa, u bla ma ntebaħ stkarr is-setgħa tiegħu magħha. "Ah Santa Filumena, x'għamiltli? Meta taklagħli fejkân bħal dan, għamlu bil moħbi, fejjakhom f'dârhom u eħlisni minn regħxa bħal din!"

« Ŭara il kuddiesa, chelli tâma sħiħa li fl'aħħar ncun nista nchellem lil Curât ta Ars għaliex tâni il ħin hu. Issa billi! Sa daħal is-sagristija, b'dic ir-rassa tan-nies, nfridt minnu; u ħtieġli narġa nokgħod nittenna u nħares. Rajtu ħareġ bli spellizza fuk it-taraġ tal côr, u in-nies tirtass kuddiemu b'midalji u curuni f'idejhom biex iberi-comlhom; u uħud iresskulu l'uliedhom biex ikegħdilhom idejh fuk râshom. X'ħin katagħlhom ilcoll xeŭkâthom,

kàbad idaħħal in-nìsa, ŭaħda ŭara l'oħra, f'gemb tas-sagristija għal mistoksijet li riedu jagħmlulu

« Għaddiet siegħa ; u ħareġ ikârar ir-rgiel. Ta coll meta ncun għoddni lmaħtu, nsibni il bgħit minnu: stħaj-jiltu kiegħed jaħrabni! Sejjer u collox nitlak u immur, għaliex issa ħàbat jitlagħli ; iżda, chif naħsel nixħet għainejja fuk dan il bniedem li b'saħtu u iż-żmien tiegħu jinkèda għal gìd tal oħrajn, nigdem xuftejja, nirgħex minni in-nifsi u narġa ma nkisux it-telf ta żmien tiegħi jecc nista icolli ix-xorti nchellmu.

« Korbu id-disgħa, u seŭ bħal aŭl-il-lejl, il bieb tas-sagristija magħluk għalija : ħtieġli nitkanna sa imiss lili. Drabi xi nìsa râshom jiebsa jaraŭ chif jindehsu, u ħadd ma ifehemhom u colħadd ighemghem għaliehom ; drabi il Curât isejjaħ dan jeŭ dac, iżda għalih ħadd ma igħid xejn u l'actarx icunu xi xjuħ jeŭ morda. Meta daħlet il cnisja il Marsiljiża biż-żeŭġ uliedha, sejjħilha malli tbiegħet mîn chien ikerr. Ŭaktiet, il Vici imur jiftaħ it-Tabernâciu biex ikarben il daŭc li jiersku fuk it-taraġ tal artal; u dac il bniedem li għalija chien xi sagristan u issa bdejt nkîmu, tarah minnufih idûr mal cnisja biex ma isirx taħŭid u fil ŭakt isabbar in-nies.

« Tmien siegħât għaddeŭ. u dac il kaddis ma ra-fagħx ħin ŭieħed mix-xogħol tiegħu tal akŭa mħabba. Dħalt il cnisja erba' siegħât urajh ; u għâdilli ma għa-miltx ħlief nħares, ħassejtni għajjen mejjet, u ħsibt u rajt li noħroġ. Għamilt il ħîla u riesak dejjem u il ħa-bib tal Curât għan'ni ucoll dakxejn ŭaħda u usalt fil bieb seŭseŭŭ x'ħin deher il Curât biex idaħħal il ħad-dieħor. Donnu għarafui u ħallieni nidħol. Bkajna bilŭiek-fa bisŭit xulxin. Ma ridtx ntellfu żmien u għidtlu fîs

chelmtejn fuk li xtâkt nâf minn għandu. Ŭiegibni minnufih bla temtim ta xejn, għâd li mingħajr għàġla ; u ittŭiegibiet tiegħu ta dehen cbir u ta gîd mill akŭa. Actarx tmur fuk bniedem tistħarrġu fuk li tixtiek tâf minnu jieħu iż-żmien tiegħu u jaħsibha minn kàbel ma iŭieġbec; il Curât ta Ars deherli bħal joħlok l'għerf. Ngħidha chif nħossha, stagħgibt narah b'seba' għainejn jismagħni bissàbar collu bla ma jittiefes u donnu ma chellu x'jaksam ma ħaddieħor ħliefi ; u tgħid li chien îlu minn nofs-il-lejl b'dic ir-rassa ta nies madŭaru, bla ebda serħân ta xejn u iŭiegeb lil mijiet ta nies! Magembna, rajt ragel għarcobtejh jittenna biex ikerr hu, la imiss lilu. Oħrajn, irossu mal bieb bħal meŭġa baħar tielgħa. B'dan collu, dac il kassis mimli kdusija, kiegħed hemm għal colħadd ma jinsa lil ħadd, mingħajr donnha tagħmel bih l'egħja, bla ma jitlef sàbru! Chif ma tarax b'għajnejc li bniedem ma jistax jilħak sa haŭn u ma tistkarx li Alla miegħu, u bil ħniena tiegħu jistgħollih fuk il bnedmin l'oħra u iŭettku b'setgħa li ma bħalha ? Ŭiegibni dic is-siegħa għal mistoksijiet tiegħi. Mbagħt semmeitlu li cont sejjer Ruma, u tlabtu ibericni biex collox imur bis-sliema. Mal chelma *Ruma*, il Curât tbissem, rafagħ għainejh jilmaŭ, bħal dija għabbritlu ŭiċċu : "Mel'inti sejjer Ruma, u ser târa il Papa ! .. Tajjeb!" kalli, "nitolboc ma tinsenix fit-talb tiegħec fuk il Kàbar tal Appostli."

« Ma iddaŭŭartx miegħu actar minn ħames minuti. Xtħettlu għarcobtejja f'riġlejh, bericni, bistlu îdu u tbegħidt minnu, bil hena f'kalbi, b'ŭettka tar-ruħ u b'kîma cbira lejh. Imm'issa xtakt ucoll noħroġ fit-triek u ndur daŭra mar-raħal ta Ars, li cont għâdni ma rajtux. Iddjar tista tgħid sâru collha jeŭ lucandi biex jilkgħu in-

nies, jeŭ ħŭienet għal bejgħ ta curuni u santi u xbieħât tal Curât ta Ars. Xtrajt ŭaħda li dehritli l'actar tixbħu, u bkajt miexi lejn il castell. Nofs-siegħa ŭara, rġajt l'ura il cnisja biex nisma il Curât Vianney ifisser fuk it-tŭemmin in-nisrani, għax katt ma iħallih dan it-tifsir ta coljum nofs-siegħa kâbel l'*Avemarïa.*

« Sibt il cnisja maħnuka bin-nies ; u dħalt bi tbatija. Nista ngħid illi l'għerf tiegħu m'hux fi cliemu. Għâd li rsakt chemm stajt lejh, bilchemm smajtu, għaliex barra milli leħnu bla saħħa, snienu marrulu u ma jiftiehemx biżżejjed: iżda, il ħeġġa tiegħu, ix-xogħol tiegħu ta gîd għal erŭieħ, il ħârsa tiegħu, ta mħabba, jisirku kalb collħadd. Dic ir-rassa ta nies jisimgħuh bla ma ħadd jitniffes, mdaŭŭrin miegħu, fuk it-taraġ tal presbiterju, bil keghda fl'art, rgiel u nìsa, cbâr u żgħâr, ommijiet bit-trabi fuk dirgħajhom, ilcoll b'għainejhom fuku. Mîn ma jistax jisma, tifhem ir-ruħ. X'ħin isammagħ fuk id-dnub, tarah jirgħex; bid-dmugħ nieżel fuk ħaddejh, x'ħin isemmi fuk li ŭieħed jonkos l'Alla; donnu f'telfa ta mħabba x'ħin mħeggeġ bl'mħabba isemmi fuk l'mħabba t'Alla lejna : tarah dakka ŭiċċu jixgħel u oħra jisfâr. Cliem ma jonksuhx : chien ifisser fuk il bniedem niedem u il hena tiegħu meta għalih Alla fuk collox u fuk colħadd. Ftit stajna nisimgħuh, imma collox fhimna. Smajnih igħid : "Huejjeġ tal għageb.... ltkajt ma bosta nies li nidmu li ma ħabbeŭx l'Alla ; katt ma ŭieħed li bdielu jeŭ egħla għax ħabbu!" Għerf ta cliem, xejn ; imma tħosshom daŭc cliemu iħeġġulec ruħec. Bħal San Giŭann, sicŭit itenni: "Uliedi." U in-nies tokgħod tisimgħu bħala missier maħbub.

« Chif dakk nofs-inhar, nġàbar id-dâr biex bit-talb jerġa jitŭettak għax-xogħol kalil li jarġa jidħol għalih sagħtejn jeŭ tlieta ŭara. — U jien tlakt mir-raħal, imŭettak bil barca tal Curât ta Ars u kalbi mimlieha bil hena; u il fàcar ta din iż-żiara tiegħi għalli rajt b'għainejja u missejt b'idejja fuk il kdusija tal Curât ta Ars, ma tmurli katt minn kalbi u minn moħħi. Miràcli ma rajtx; x'acbar miràclu, iżda, minn dic il ħajja ta coljum, mogħtieha għal erŭieħ?»

U dan il Curàt ta Ars, li naħsbu intcom ilcoll tgħaxxaktu bih, minn għalih ma jisŭa ghal xejn; u fuk hecc laħak chemm il darba kâl lil iskof tieghu Monsinjur Devî: «Jecc trid tiġbed lejn Alla l'nsara collha tal kàsam tiegħec, ibda biex il Cappillani għamilhom ilcoll kaddisin. U Dun Giammarì xtàku chiecu l'Iskof iŭarrbu minn Curàt, għaliex deherlu m'hux jagħmel dmîru biżżejjed!

## 12. GIBDA TAN-NIES LEJH.

Sal 1843, il Curât ta Ars ma chellu ebda ħadd mîn igħinu fix-xogħol kalil tal parroccia, u ta sicŭit b'ugieħ ta râs kaŭŭi: márad u ŭasal fis-siegħa tal meŭt.

F'Mejju ta dic is-sèna, daks chemm marrulu nies ikerru għandu, ma felaħx actar, u kabdu dèni kaŭŭi fil ŭakt li chien jippredca; u ħtieġlu jinżel, u egħnuh jasal sad-dâr, għalchemm tmiss mal cnisja. Minn xi ittri tal Contissa de Garê, ta bejn is-6 u is-17 ta Mejju 1843, lil ommha, nafu li żeŭġha Prospru ma telak xejn minn magenbu; nafu chif bi tbatija ħallieh Dun Giammarì ikiegħedlu mitraħ fis-sodda, floc it-tâvla u id-dakxejn tiben mfarrac—u fil ŭakt it-tabib katagħ kalbu minnu. Innies tibchi, u colħadd jitlob l'Alla iħallihulhom, tiftacar ta meta drabi il Curât laħket ħargitlu xi chelma li ma idumx ma jitlakhom: il cnisja m'hi xejn mingħajru; schiet, ħlief tisma mîn jibchi u jixher, jaraŭ kassis ieħor ikaddes. Hadulu il Viatcu; riddtu taraŭh dac il kaddis jilka' f'sìdru dac Gesù li chien l'mħabba tiegħu! L'hena tagħha il Contissa de Garê fis-sŭied il kalb li chellha, illi talankas uliedha għâd jiftacru fir-ràbta tal Curât ta Ars mar-rieda t'Alla, u il meŭta tiegħu dan il Kaddis. *

---

* Iż-żeŭġ uliedha, iżda, mietulha f'żogħżîthom; il ŭieħed, Eŭgenju, ŭara marda tŭila, miet ta għoxrin sèna f'idejn il Curât ta Ars bi tbissima fuk xoftejh ta tifel tajjeb li chien; u ħuh Gianninu, il maħbub tal Curât ta Ars, miet Sebastôpli fil gŭerra xi ħames xhur urajh, ibierec il ħniena t'Alla li ħârsu mit-tiġrib ta ruħu. Ftit kàbel chien chiteb lil missieru u l'ommu: «Jecc jiġri li nħalli ħajjti haŭn, naticom

Dun Renâr, chif bagħtu igħidulu li Dun Giammarì ŭasal għal meŭt u ried jarah, bilġri telak għal għandu mill parroccia tiegħu. Tgħannku, u mbagħt, "Mel'int trid tħallina?" staksih Dun Renâr ħ'kalbu maksuma. "Le!" ŭieġbu il Curât ta Ars, u jurieh b'ìdu mregħda is-Sèma ; "nħallìlcom il gisem tiegħi, u ruħi tittajjar l'hemm fuk!' ' U ŭiċċu bħal mdaŭŭar biddija u tbissima fuk xoftejh : mîn jista ifisser l'hena ta dic ir-ruħ ? Dun Renâr telegħtlu l'għokda fi ġrieżmu, ma satagħx igħid chelm'oħra u tŭarrab minn magembu bid-dmugħ f'għajnejh. U uliedu ta Ars u in-nies li gejja mir-rħula tal krîb, x'iduru mat-triekât, u ta sicŭit jiersku lejn il cnisja u x'jistaksu ŭieħed lil ieħor, bittâma li jisimgħu xi aħbâr tal Curât tagħhom : donnhom merħla ngħâġ bla ragħaj, mitlufin mid-dinja ! U chif jiġu jafu li dan il maħbub missierhom m'hux jakleb għall aħjar, araħom dic is-siegħa jidħlu il cnisja jitolbu lil Santa Filumena biex minn għand Alla takelegħlhom il fejkân tal Curât tagħhom. Is-sebgħa kassisin li chienu miegħu meta ħżien seŭŭa, ankas il ħàbar tal Viatcu riedu idokkulu fil cnisja, biex in-nies ma tinkatagħx. Imma, il Curât ntebaħ xi ftiehmu bejniethom; dâr lejn mîn chellu magembu, u kallu : "Itlak u għidilhom idokkuli il kampiena ; ma triduhomx jakaŭ lil

---

chelma, u tistgħu tgħiduh lil colmîn jâfni, li l'aħħar ħsiebijiet tiegħi icunu f'Alla u f'niesi.» Uieħed minn sħâbu chiteb daŭn il chelmiet fuku: «Dejjem sibnih ragel; id-dmîr tiegħu għamlu sal aħħar nifs ta ħajjtu ; mill bkija, kagħad għal dac biss li ma satax jieħles minnu.» U x'ħin samagħ bil meŭt tiegħu, mkâr il Curât ta Ars tħassru u ħargitlu tneħida minn kalbu għalih.

uliedi jitolbu għalija?" Malli stemgħet il kampiena, bit-tbatija żammeŭ barra dic ir-rassa ta nies li riedu jidħlu jinxteħtu għarcobtejhom madŭar is-sodda tiegħu.

L'14 tax-xahar, it-tobba sabuh tjeb; x'ħin hu ntebaħ bl'erba' tobba li chellu magembu, kàbad jidħac, u kalilhom: "Erba' tobba!.... Jecc jiersak il ħames ŭieħed, ma hemmx ħajja għalija!...." Iżda, fil ŭakt iżżiehom-ħajr talli daru bih; u kalilhom li Alla l'mbierec ried jikèda bihom biex ifejjku.

Is-19 ta dac ix-xahar ta Mejju, tcarcar sal cnisja fejn ŭasslu Dun Pertinê biex ifaħħar l'Alla għal ħnientu, u resak iżûr il kaddisa tiegħu iż-żgħira Santa Filumena fil cappella tagħha. U bakgħu żmien iŭassluh il cnisja ftit ŭara nofs-il-lejl biex ikaddes u jista jieħu xiħaġa: u in-nies marret tismagħħa il kuddiesa tiegħu mkâr dac il ħin tal lejl, dakschemm xtàku jaraŭh fosthom. U fil ŭakt, dan il kaddis ifaħħar il ħniena t'Alla li ràġa siliflu l'għomor, bit-tâma li għâd il kuddiem jista jidher kuddiemu biex jagħmel il ħakk minnu, billi meta ŭasal għal meŭt, ix-xitân ma ħallelux sàbar, u x'jisef-sitlu: "Int għal magħna!...int għal magħna!" Meta mbagħt, snîn ŭara, ŭasal għal meŭt tasseŭ, sa fejn jafu, Alla l'imbierec ħellsu minn dan it-taktiek ta kalb, u miet bħal tarbija f'dirgħajn ommħa, ħi tbissima fuk xoftejh, b'tâma sħiħa f'Alla li hu dejjem ħàdem għal giħ tal erŭieħ. Minn għalih, xeŭka ŭaħda chellu, l'imur igħix fil ġàbra *jibchi dnubietu:* "Hadd ma jâf," il Curât ta Ars semmagħ lil ħabib tiegħu il Conti de Garê, "ħadd ma jobsor chemm dmugħ xerridt sa minn meta chelli ħdax il sèna; minn żogħriti îli nitlob l'Alla

iħallini ngħix fil ġàbra; imma, it-talba tiegħi katt ma giet mismugħa!"

Ix-xeŭka cbira tiegħu għal ġàbra biex iħejji ruħu għal meŭt meta Alla isejjaħlu kuddiemu f'jum il ħakk; u il fehma kaŭŭja li chellu tas-sejjħa t'Alla għal din il ħajja ta ŭaħdu, actar minn kàbel ŭettkìtu fil ħsieb, ŭara din il marda, li jitbiegħet bil moħbi minn Ars, u imur jinagħlak f'xi cunvent. Minn għalih, ma jisŭa għal xejn, ħlief biex igħarrak colma jitilkulu fi ħsiebu; u issa li Monsinjur Devî, l'iskof tiegħu, bagħatlu il Dun Remôn, curât ta Savinieŭ, bħala cuġutur igħin'nu jilħak man-nies, Dun Giammarì deherlu ŭasal iż-żmien li jitlak collox f'idejn dan il kassis tasseŭ ta ħeġġa cbira għal gîd tal erŭieħ; u minn għalih, jaħrab.

Iżda, le; għaliex uliedu tar-raħal ta Ars ntebħu bil ħsieb li chellu; u x'ħin raŭħ ħiereġ minn bieb tal genb tad-dâr u jitlak b'sorra taħt àbtu, riedu imorru iŭassluh bil fehma l'mbagħt idaŭŭruh li jarġa l'ura. Ma għamlu xejn miegħu, ma ried il ħadd ħlief lil Dun Fertinân, sa ŭasal Dardillji għand ħuh; ŭasal għajjen mejjet, u ħtieġlu jinxteħed fuk sodda. Ix-xniegħa li ħarab, txeirdet minnufih; u l'Iskof, nhar is-16 ta Settembru, bagħatlu lil Dun Remôn iħajjru talankas imur f'parroccia oħra fejn ix-xogħol ma icunx ŭisk jiebes għalih. Billi in-nies bdiet tmur tfittxu għand ħuh, u dan ħàbat jiddejjak bih, telak ma Dun Remôn lejn ŭaħda mill parrocci li semmielu biha l'Iskof. Nofs ta triek, ŭakfu fi cnisja żgħira igħidu l'Uffizzju flimchien: x'ħin kâmu biex joħorġu, isibuha mimlieha nies; x'jakbdu jagħmlu? Dun Remôn kâl lil sieħbu illi jixrak igħidilhom xi chelmtejn: il Curât ta Ars samagħ minnu.

Kabad jitchellem, u stagħgeb isîb li leħnu tkaŭŭa f'dakka ŭaħda; u colħadd satagħ jisimgħu.

Għaddeŭ il-lejl f'raħal krîb ta Bomôn, fejn il Curât ta Ars għażel l'imur. L'għâda kaddsu fil cnisja ta dac ir-raħal. X'ħin geŭ biex joħorġu, Dun Giammarì pespes f'ŭidnejn Dun Remôn : "Ejja nerġgħu lejn Ars." X'chien ma chien?.... Dun Monnin jaħseb li chienet sejjħa t'Alla, daks chemm in-nies ta Ars, ibda minn daŭc tal Castell sal ankas bidŭi, talbu l'Alla bil ħniena jarġa iroddilhom il Curât tagħhom.

Hŭa u dieħel Ars ma Dun Remôn, in-nies rtasset miegħu, tidħac u tibchi bil ferħ; il kniepel tal cnisja idokku : il bdieŭa refgħu mix-xogħol, in-nìsa ħarġu minn djarhom; il ħaddiema, it-tfâl, colħadd madŭaru igħajjat jatih il merħba bih; u il Curât tagħhom igħin ruħu fuk il ħàtar u miexi bi tbatija, u jitbìssem jidħac bil bluha tagħhom, u sejjer ibierichom bħal ŭieħed Iskof, sa daħal il cnisja jiżżiħajr l'Alla talli ŭakaf miegħu, jitolbu iħenn għalih u għal daŭc uliedu il maħbubin ta Ars.

## 13. KDUSÎTU.

Dan il ctieb bdejtu b'fehma ŭaħda, li nuricom mîn chien il Curât ta Ars; u fuk hecc, ħallejt fi ħsieb ħaddieħor (ma nafx mîn) it-tifsir, bil lsien tagħna il malti, tal ġmiel ta prietchi tiegħu, kosra, minn kalbu, mħeġġin bin-nâr tal mħabba t'Alla u tal erŭieħ. Dana ixxogħol m'hux ta idejja, u ankas għandi ebda ħsieb nidħol għalih. Haŭn, issa, ħalluni ngħidilcom x'chiteb fuk il Curât ta Ars l'Iskof Ullatorn, kaddis ieħor, għaliex m'hux ta mîn iħallih barra minn dal ctieb, għâd li dan id-dakxejn ta ctieb ftit ta mîn ikisu; imm'intcom akraŭh biex tal ankas tcunu tafu xi ħaġa fuk il Curât ta Ars, li fi żmienu marru għamlulu żiajjar, l'akŭa irjus tal Eŭropa u tal Amerchi, u m'hux tgħid seculari jeŭ kassisin u patrijiet biss; iżda, mkâr Iskfijiet u Cardinali. Fost l'oħrajn, Monsinjur Dupanlû li mâr għandu jiftaħ kalbu miegħu fuk il biża' li kabdu meta laħak Iskof : "Hemm ħafna Iskfijiet fost il kaddisin," ŭieġbu Dun Giammarì ; "imma, ftit huma il Curâti. Aħseb, mela, Monsinjur, jecc int għandecx fukiex tirtiegħed daksi !"

F'Mejju tas-séna 1854, l'iskof Ullatorn ta Birmingam, benidittin, mâr sa Ars biex iżûr il Curât.

«Usalna f'Ars għal x'il-ħdax; u kassis milli chelli miegħi, daħħalna il cnisja minn bieb tal gemb. L'eŭŭel ma laktuli għainejja, dic râsu u dac ŭiċċu u surîtu mixrubä, m'hux lachemm imorrulec actar minn kuddiemec. Chien kiegħed igħid l'Uffizzju, il cnisja mimlieha nies u is-sħâna tar-rassa taktagħlec mnifsejc. Ŭiċċu żgħir, magħdur u musfâr ; madŭar fommu, ħafna ticmix l'isar-

raf. Xagħru, abjad kotna, ġbinu cbir u miftuħ, fil ŭakt li għainejh mdaħħlin ġol ħofra u mbexxkin. Ma iddaŭ-ŭarx ma kâm u tcaxcar bl'Uffizzju f'îdu ix-xellughija lejn nitfa ta pulptu fil gemb, u bilŭiekfa jitŭieżen miegħu bèda jipprietca. Meta fetaħ għainejh, bħal ħarget dija minnhom, dija mdell'la li gejja mis-saŭm ta bla ma jakta, iżda, li tgħaxxkec b'hena tal genna. Hŭa u igħid, leħnu jitŭettak, għâd li tintebaħ li ħiereġ minn fommu bi tbatija daks li chemm jagħfas fuku in-nifsu. Dac leħnu merħi, drabi jogħla u jitkaŭŭa meta isemmi fuk id-dnûb ; refagħ îdu magħlùka bejn għainejh, ħuġbejnh ngibdu u id-dmugħ bdeŭ niżlin, chif jiġrilu ta coll darba li moħħu imur fuk il ħsarât tad-dnub. Rèġa fetaħ għainejh u daŭc ħo-forthom mdel'lin ntleŭ did-daŭl, u mbagħt taŭŭal dic îdu bla saħħa lejn in-nies li bla nifs u għainejhom fuku bla ma jitħarrcu, kegħdin jisimgħuh, donnhom mimlijin bil bìża. Mbagħt għainejh bdeŭ iħârsu il fuk u hŭa donnu tiela magħhom. Tchellem fuk Alla collu tieba u ħniena u mħabba ; u idejh u colma fih donnhom nġàbru f'kalbu. Ma satagħx ŭieħed ma iħossx illi Alla chien hemm ; u lejh kiegħed jiġbdu. Mbagħt semma' fuk li imissna nidħlu fil Kalb ta Gesù, u mal chelma tiegħu cont tifhem li hu fih jinsâb. Tchellem għoxrin minuta ; imma, b'kaŭŭa ta ħìla, ħleŭŭa ta cliem, u dejjem minn kiegħ kalbu. Haġa ŭaħda ma nistax nfisser, mnejn dic is-saħħa u il ŭettka ta ħìla f'mîn tista tgħoddu bla nifs ; stħajjiltu anġlu jitchellem f'gisem bla ħajja. Mħabba li snienu marrulu u nzertajt il bgħit minnu, ma stajtx nak-bad cliemu seŭŭa ; iżda, jecc mkâr ma smajtx ħofs chel-ma, cont chiecu ħassejt li chien kiegħed jitchellem ŭie-ħed l'igħix f'Alla. It-tifsir ta dac inhar, chien fuk il

Krâr, u fih daħħal fatt jeŭ tnejn u ħafna cliem ta mħabba t'Alla. Mbagħt ħareg mill cnisja bli spellizza fuku u xûxa (għaliex katt ma igħatti rasu) u bakagħ sejjer, f'dic ix-xemx tiżreġ, iżûr ŭieħed marid. U ir-rassa ta nies għall urajh.

«Kabel ma daħal id-dâr, lħakt dortha mal kassis li miegħu: ħitân mingħajr xejn mdendel magħhom u bil gir imŭakka' l'haŭn u l'hinn; u barra minn ftit għmara f'camartu u nitfa ta sodda, xejn actar. Imma, f'camra oħıa, nofsha mġarrfa bħal bkija, rajtlu senduk il ġmiel tiegħu fejn iżomm il ħŭejjeġ tal cnisja li bagħatlu il Conti ta Ars, u kamûlu 40,000 franc. Chienu tarrfuli li malli jidħol id-dâr, jara chif jagħmel jieħles minni biex jokgħod ftit fil ġàbra tiegħu. Lakagħni b'mgieba tal akŭa mħabba; u m'hux talli ma deher fih ebda ħsieb ta cburija, laktitni kdusitu: neŭŭilli siġġu biex nokgħod u kalli li chien tal curât ta kàblu. U ta sicuit itennîli chemm jafuli għaż-żiara li għamiltlu. Semmejtlu fuk chemm jiħtieġ talb għal Ingliterra u fuk it-tbatijiet tal msejcnin nsara għat-tŭemmin tagħhom: kagħad jismagħni b'għajnejh nofshom magħlukă; f'dakka ŭaħda fetagħhom, xeħethom fuki, mimlijin dija li m'hux ta dina l'art, biex katagħli cliemi bi ħleŭŭa li katt ma ninsieha, u b'leħen ta mîn jâf x'sejjer igħid: "Imma jien" kalli "naħseb illi il Cnisja l'Ingliterra tarġa għal ġmiel tagħha taż-żmienijiet ta dàri!" Haġa tal għageb chemm nies tiltaka' magħhom geŭŭa Franza li jaħsbuha bħalu u issibhom jitolbu bil kalb b'din il fehma. Iżda, biex tifhmu seŭŭa il Curàt ta Ars, trid tħares lejn ŭiċċu, bħal mdaŭŭar bid-dija meta isemmîlec l'Alla, u b'għainejh idemmgħu meta jaħseb fil ħsara tad-dnub.

«Daŭc l'imsiechen ta għainejh, għalchemm ħelŭin u collhom tieba, micdudin bid-dmugħ l'ixerred, u actarx iva jeŭ le mimfuħin.

« Għat-tmexxija tal erŭieħ, ħŭejjeġ cbâr chemm jinkala' ; u m'hux donnha ta bniedem, imma bħal gejja mn'Alla, jeŭ kalagħha minn għandu bit-talb jeŭ għax mġarrab bis-snîn i! cbâr ta xogħol għal gîd tagħhom.»

X'ngħidu għal meta Patri Lacordêr, id-dumnican magħruf mad-dinja għal għerf tiegħu, mâr sa Ars f'mejju tas-sena 1843 u kagħad jisimgħu ifisser il chelma t'Alla u bakagħ mistagħgeb bil kdusija tiegħu ? U x'ħin nfirdu, il Curât ta Ars kâl għalih illi l'acbar għaref għoġbu imur jiltaka' mal ankas ŭieħed li jâf xi ħaġa ; "l'għerf u il bluha tgħannku !" kál Dun Giammarì.

U mbagħt, x'ngħidu għal pellegrini li jaraŭ chif jagħmlu jaktgħulu xi bcejjeċ mis-suttana, (*) jeŭ mill li spellizza, jeŭ mkâr xi troffa xagħar? U x'bakgħu ma għamlu in-nies ta u Dardillji u ta Ars x'jiggieldu bejniethom lil mîn il Curât ŭara meŭtu iħalli gismu? Ta Dardillji riedu jindifen f'raħal tŭielîdu; daŭc ta Ars, reduh f'tagħhom.Htieġlu jindaħal l'Iskof u dan katagħha għal Ars: u l'msejchen ta Curât għamel testment biex jokgħod għalli minnu ried l'Iskof. «Jecc ruħi tmur għand Alla, għalija xorta fejn jidfnuni» ŭiegeb lil Iskof tiegħu meta bagħat jistaksih x'nkala' b'dan l'għageb collu.

(*) Meta Dun Michiel Rua giè Malta l'eŭŭel darba (is-26 ta April 1906), ta madŭaru ntebħu li chellu biċċa nieksa mis-suttana x'ħin chienu ħergin miegħu mill Istitut tas-Salesiani biex iŭassluh għand il Gvernatur. Kalulu biha, u Dun Rua iŭegibhom: "M'hu xejn! m'hu xejn !" Chif għarfuh li kaddis ?...

## 14. DAŬN IL HAFNA FLÛS, MNEJN ?

L'mħabba tal Curât ta Ars lejn Gesù fis-Sagrament tiegħu tal Mħabba, cont *taraha* ŭakt il Kuddiesa : tisthajjlu kiegħed jara lil Gesù, jitchellem miegħu, jitgħannak miegħu. Ŭara Gesù, l'imħabba tiegħu għal midinbin in-niedma u għal fokra. Barra minn daŭc l'imorru għandu għal xi għajnuna, chien imur ifittixhom hu daŭc l'oħrajn li jisthu jieısku kuddiemu, daŭc li dari jagħmluha tajjeb u issa ŭakgħu fil fakar; u seŭ daŭc tar-raħal ta Ars chif daŭc tar-rħula tad-dŭar, u tal belt ta Ljun. Darba ŭaħda fuk li xiħadd ma riedx iroddlu xi flûs li siliflu, fetaħ kalbu ma ŭieħed mill Missiŭnarji minn tiegħu "Dac, jaħasra, imur b'moħħu li ma nambiehomx il flûs li sliftu ; u San Martin għoddu magħna u jagħlakli il cħera ta tletin familja l'irrid nħallas għaliehom!"

Chien igħid : «Katt ma imissna nicħdu l'għajnuna tagħna lil fokra. Jecc ma icollna xejn x'natuhom, nitolbu l'Alla imiss kalb ħaddieħor li jidħol għaliehom. Jecc xiħadd jaħbat ilaklak għaliex jidhirlu li dan jeŭ dac il fkîr actarx jinkeda ħażin billi ittih, ma għandniex għalfejn nħabbtu moħħna fuk hecc ; ħsiebu jecc il fkîr jinkeda' tajjeb jeŭ ħażin billi natuh ; minn għalina jaħtigilna naraŭ biss jecc għamilniex il ħakk magħhom il fokra billi tajniehom jeŭ ma tajniehomx.»

Biex jista ilaħħak magħhom, il Curât ta Ars chien mkâr ibiegħ il ħŭejjeġ ta fuku ; u il kodma chienu igibulu ħafna, u ma chienx jintebaħ li għax libishom hu. Catrîn chienet tgħid li jati collox u jilħak jibka bla bìdla ħŭejjeġ li ma chienux jaraŭ chif jaħbuhomlu. Dan il

kaddis fkîr li dejjem ighid li ma chellu xejn *ghajr dnubietu*, chien ikassam mitt gîd lil colhadd : minn Franza, minn Belgju, mill Ingliterra, mill Germanja, minn collumchien jibaghtulu colma jixtiek. Mîn jista ighid chemm flejjes baghtulu bla ma jâf mîn baghathomlu ! Lahak, iva, ghâd li fil bghit il bghit, nixfitlu din l'ghajn, u htieġlu *jicser râs il Kaddisin* biex jahsbulu, sachemm mbaght reġghet bdiet tfaŭŭar b'coll gîd. Drabi chien isîb il flûs f'bûtu, fil cxaxen, fuk il mejda, bla ma jiftacar li hadd tahomlu. Bhal meta bûtu ntela' u htieġlu iżommu b'idejh it-tnejn sa dahal id-dâr, u ma stahax ftit minn-nies jaraŭh jimxi fit-triek mitni tnejn !

«Imm'int chif taghmel, sur Cappillan, biex issîb flûs chemm trid ?» stakseŭh.

Dun Giammarì ŭiegeb hecc : «Habib, ma hemmx haġa li biha tinchi ix-xitan, daks is-saŭm u titlob l'Alla mal-lejl. Dari, jahasra ! cont nakla minn ghand Alla colma nitolbu ; issa ma niflahx actar nżomm bla ichel !»

Nafu minn ghand ŭiehed mill missiŭnarji tieghu li ghal missioni biss lahak ġàbar dŭar il mitejn elf franc (£8,000); ghal fondazionijiet ta kuddies lahak nefak krîb l'40,000 franc. Billi m'hux hlief ikassam, meta chien irid iŭarrab xi flûs ghal xi opra, jierhihom f'idejn l'armla Renâr, u iŭissieha : «Claŭdina, hûdli hsieb daŭn il flûs, ara hadd ma inakkarlec minnhom,... l'actar il Curât ta Ars: u jecc jitolboc minnhom, la tatiehx."

Ŭiehed kassis li chien jibni cnisja, naksuh il flûs u ma sataghx jiġbed il kuddiem. «Chif taghmel int, sur Cappillan, biex tiddobba il flûs ?»

«*Haġa żghira,*» ŭieġbu il Curât ta Ars, «*nkassam collox u ghalija ma nżomm xejn* !»

## 15. EGHĠUBIJIET TA ARS.

Actarx illi il Kaddisin igħarfuhom ŭara meŭthom u mbagħt biss jatuhom il gieħ li jistħokkilhom; imma, iddinja għarfet il kdusija tal Curât ta Ars ŭakt il ħajja tiegħu: *tmenin elf ruħ* kîsuhom chienu, fl'aħħar snîn ta ħajjtu, imorru ta coll sèna sar-raħal ta Ars jaraŭ il Dun Giammarì Vianney! Hŭejjeġ li bilchemm ma jitŭemmnu fi żmien'na! L'eŭŭel ma bdeŭ imorru għandu, il fokra seŭ bħal żmien Cristu; u bħalhom bdeŭ ifieku mill mardijiet li chellhom, u sâbu il faraġ ta ruħhom. Urajhom, tkanklu l'għorrief u bħalhom ucoll fieku u raŭ id-daŭl tar-ruħ.

*
* *

Fid-dalma ta lejla xitŭija, seŭ x'ħin daħal jistrieħ dakxejn ŭaħda, Dun Giammarì jisma taħbita fil bieb ta barra. Minnufih xiref mit-tieka u leħen żorr għàjjat: "Inżel, Curât, jaħtieġli nchellmec!" Dun Giammarì daks chemm chien jitŭaħħax mill ħallelin, dic is-siegħa tal-lejl, it-triek baħħ, ir-reżħa tax-xitŭa, ħabat itemtem jara ragel daksiex, b'libsa fuku ta burdnar. "Inżel, Curât, kiegħed ngħidlec!" tennielu dac ir-ragel. "Irrid nkerr, u jien imgħaggel." Radd is-salib, u collu mriegħed niżel u daħal il cnisja. U il burdnar karr għandu b'ndiema hecc sħiħa illi il Curât, barra milli tah penitenza mill eħfef, ġagħlu jieħu miegħu pâr peduni tas-sûf biex jisħon sa jasal iddâr.— Bħalu, bejn ŭieħed u ieħor, bosta oħrajn li bdeŭ jiersku ikerru għandu il Curât ta Ars; daŭn mbagħt xandruħ ma collumchien, u in-nies dejjem tiżdied u colħadd

lilu ifittex biex ikerr, chif issa intcom tafu la darba krajtuh dan id-dakxejn ta ctieb, għax il Curât ta Ars chien fuk il-lsien colħadd.

U chif le, jecc in-nies bdiet târa b'għainejha il miflugin jimxu, l'għomja jaraŭ, it-torox jisimgħu, il magħtubin jitilku is-sodda u ifieku minn coll mard tal gisem u tar-ruħ ? U għalchemm x'iŭahħal f'Santa Filumena tiegħu, u jilħak jieħodha magħha għaliex iġġagħlu jistħi, it-talb tiegħu jasal kuddiem Alla u l'egħġubijiet x'jiżdiedu dejjem ! L'eŭŭel ma nafu, ta meta is-sèna 1838, ŭaħda mis-sorijiet tad-dâr, milli chienu jieħdulu ħsieb il-ltiema tiegħu, mardet bid-dèni u x'ħin ŭaslet fis-siegħa tal meŭt tagħha, f'dakka ŭaħda fieket; u it-tabib li għamilha mejjta, ma satagħx jiemmen għainejh jaraha timxi!

*
* *

Ŭieħed fkîr mâr għandu jitolbu ifejjaklu l'ibnu bla saħħa. Dun Giammarì ŭiddbu ikerr; dac ma riedx jisma bi krâr, għaliex raha bi cbira l'icollu jitlak il ħajja tiegħu l'imxerrda idokk il violin f'chemm il żfîn chien isir geŭŭa ir-raħal u daŭc in-naħât. Kagħad fl'aħħar għalli talbu il Curât, u resak ikerr. Chif ŭasal id-dâr, ħàtaf il violin, farrcu u xeħet il-lakx fin-nâr ; u fil ħin, ibnu telak jîġri, iŭerżak bil ferħ : "Fekt! fekt, missier!"

*
* *

Fis-sajf tas-sèna 1858, ŭieħed żagħżuħ minn Pŭile-dòm ŭasal bi tbatija sa Ars, u daħal il cnisja bil crozzi jitlob lil Curât ifejjku. "Patri," staksieh bil ħnieua, "ma jidhirlecx l'imissni nħalliehom haŭn il crozzi ?"

Dun Giammarì ŭieġbu: "Jaħasra, nagħdrec, għax tabilħak li jinħtiġulec!" U ħallieh b'ħecc. Iżda, dac iż-żagħżuħ ma katagħx kalbu, u ta coll darba l'igħaddilu minn ma gembu, itennîlu dil mistoksija. Fl'aħħar, nhar Santa Marïa, il cnisja miżgħuda bin-nies, kabdu sejjer lejn is-sagristija, u rèġa talbu: "Patri, nitlakħom haŭn daŭn il crozzi?" Din id-darba, il Curât ŭieġbu: "Tajjeb, ħabib, jecc int tabilħakk għandec tâma li tfiek, *iva*!" Fissiegħa u il ħin, iż-żagħżuħ telak jimxi mingħajr il crozzi lejn l'artal ta Santa Filumena u telakhom fuk it-taraġ, b'għageb ta colħadd. U katt actar ma ħtiġulu; u iżżaħajr l'Alla, u daħal patri.

*
* *

L'eluf il cbâr ta morda, igħidilna Dun Monnin, marrulu Ars fl'aħħar tletin sèna ta ħajjtu lil Dun Giammarì Vianney; u jecc m'hux ilcoll fieku, ilcoll reġgħu l'ura f'dârhom msabbrä u ruħhom safja. X'uħud kalilhom: "Aħjar għalic ma tfiekx!" U lil xi oħrajn, u fosthom ŭieħed patri: "Għalicom u għal gîd li kegħdin taghmlu bil marda li Alla bagħtilcom, aħjar tibkgħu chif intcom; u il Genna mbagħt ma icunx hemm actar tbatija!"

*
* *

Is-sur Massiâ ma chien jiemmen b'xejn, jiddieħec bil Cnisja u bil kassisin, moħħu jara x'jakla mill ġdîd biex jakta xeŭkâtu. F'Ljun ltaka' ma ħabib tiegħu li chien sejjer Ars, u ħajjru iŭasslu sa hemm: "Ejja miegħi" kallu, "târa Curât jagħmel mirâcli;" Is-sur Massiâ

nkasam bid-daħc : "Mirâcli ?.. Iss'int bħalec ma tafnix?.. gejj bil mirâcli dalgħodu!...... L'ieħor bakagħ isûs urajh; u Massiâ, biex jakta xeŭkt il ħabib tiegħu u jiekles minnu, ŭakagħ għalih. Għaddeŭ il-lejl flimchien. L'għâda filgħodu il ħabib tiegħu kallu : "Massiâ, ħaġa nixtiek minnec... Ejj'isma kuddiesa miegħi." Massiâ ŭieġbu : "Kuddiesa ?... Din isbaħ issa !... Katt actar ma dħalt fi cnisja mindu għamilt l'eŭŭel Tkarbina tiegħi: x'kuddiesa, kuddiesa ! Isma, ħejj .. Tridx titlobni xi ħaġ'oħra." L'ieħor tennielu ; "Massiâ, iva, għamlu talankas għal ħbeberija ta bejnietna. Ara, mkâr tŭassalni u tokgħod tħâres lejn il Curât ta Ars. Nsiblec tokba fejn tokgħod; u int żomm għainejc fuku." Għid u għid, Massiâ mâr miegħu il cnisja. Neŭŭlulu siġġu bisŭit il bieb tas-sagristija. Ftit ŭara, Dun Giammarì ħareġ ikaddes. Daŭc għainejh żorok ltakgħu ma daŭc ta Massiâ. Dic il ħârsa tiegħu nifditlu kalbu. Niżżel għainejh u ħèba ŭiċċu bejn idejh u baka' hecc bla ma tħarrec ŭakt il kuddiesa collha. X'ħin giè biex jarfa râsu u ikûm u joħroġ mill cnisja, jisma daŭn il chelmiet "Intcom ŭarrbulu!" u fil ħin iħoss îd tmexxieh minn driegħu lejn is-sagristija: il bieb ngħalak, u Massiâ sâb ruħu ŭiċċ mb'ŭiċċ ma dic il ħârsa tal għainejn iż-żorok li nifdulu kalbu. "Sur Curât," ħàbat ilaklak Massiâ ; "nħoss tokol cbîr fuk spallejja." B'leħen ħelu ŭieġbu Dun Giammarì : "Hija, aħjar teħles minn dan it-tokol. Okgħod għarcobtejc u għidli collox, u Alla mbagħt jieħilsec mit-tokol li kiegħed jagħfsec, għax Hŭa kâl : "*Ejjeŭ għandi, intcom ilcoll li tħossucom mgħobbijin iżżejjed u jien nserraħħcom.*" Ma daŭn il cliem, Massiâ ħassu jistejker; u bla ma stħajjel li kiegħed ikerr, kâl

lil Curât ħaġa b'ħaga colma għadda minn għalih minn tfulîtu. U ŭaktiet, il Curât jibchi u jixher u igħid : "*Chemm hi cbira il ħniena t'Alla ! chemm hi cbira l'mħabba tiegħu lejc !*" U Massiâ iżża-ħajr lil ħabib tiegħu talli ġagħlu imûr jara il Curât ta Ars u semmielu fuk din il krara tiegħu, u chif mbagħt meta ħareġ mis-sagristija nfexx f'bikja fit-taraġ tal artal ta Santa Filumena. L'għâda rèġa resak kuddiem il Curât u tkarben mn'idejh fil kuddiesa tiegħu, ibierec l'Alla talli lakkgħu ma dan il kaddis ta Curât.

*
* *

Ŭieħed xiħ ta ħajja mgħarıka, resak ikerr għandu ; in-nies tar-raħal tiegħu chienu îlhom is-snîn ma jaraŭh jidħol darba il cnisja : il Curât resak lejh u talbu biddmugħ f'għainejh ibiddel ħajjtu: "Għidli dakxejn ŭaħda," staksieh il Curât, "iss'int chemm îlec ma tkerr ?" Ŭieġbu ix-xiħ : "Erbġħin sèna !" Haŭn Dun Giammarì ħares lejh bil ħleŭŭa, u kallu ; "Actar mn'hecc, ħija ; îlec erba' u erbgħin sèna !"

*
* *

Halliel u kattiel mill iprem, ŭara li għarrak saħtu bid-draŭŭiet il ħżiena, mâr maŭra sa Ars bit-tâma li dac il Curât ta hemm ifejjku mill mard li chellu fuku. Resak kuddiemu ; Dun Giammarì ma taħx ŭiċċ. Chien sejjer jitlak u jibka sejjer għal xogħlu b'buri t'Isŭed u igħeżżeż snienu ; iżda, râġa daħal il cnisja u il Curât lemħu u sejjaħlu b'îdu mis-sagristija. Mâr, igħid bejnu u bejn ruħu : "Is-sur Curât, milli nâra, irid iġagħalni

nkerr!....U iva, l'iżjed npasparlu li jidhirli." Meta taparsi karr, il Curât li baka' xejn ma tniffes, issa staksieh: "Dan colma għandec?"

"Iva," ŭieġbu ir-ragel għarcobtejh f'riġlejh.

"Imm'int għâdec ma semmejtlix fuk meta dan u dac in-nhar mort ktilt. ." u bakagħ ŭieħed ŭara l'ieħor biex semmielu dnubietu ta ħajjtu collha.

Kalb il midneb rtâbet, għamel krara seŭŭa, fiek mill mard tal gisem u tar-ruħ, u rèġa l'ura lejn ir-raħal tiegħu mibdul għal collox u għadda ħajja tajjba il bkija tal għomor tiegħu.

* * *

"Daks chemm il missionijiet għal kalbi," kâl nhar il 25 ta Settembru tal 1858 il Curât ta Ars lil Dun Toccaniê, "illi chiecu għal ŭara meŭti nsîb nbiegħ gismi jecc katt xiħadd ird jixtrieh, cont mbiegħu għaliehom" U dac in-nhar stkârlu ucoll chif darbtejn Alla għarrfu geŭŭa kalbu illi ma jistax jinkèda aħjar bil flûs li jitilkulu f'idejh biex bihom jagħmel li jidhirlu, milli bihom iŭakkaf missionijiet.

L'għâda ta meŭtu, xiħadd li mâr jagħmel żiara lil Curât ta Ars, seŭ nhar it-3 ta Mejju 1859, u semmielu fuk ix-xeŭka cbira li chellu tal gibda tal erŭieħ lejn Alla, kâl lil Dun Monnin chemm feraħ bih Dun Giammarì, u li ŭieġbu hecc:

« Sibt ruħi bejn iva jeŭ le, x'ried Alla minni fuk dan...dehritli Santa Filumena mdaŭŭra bid-dija u il ġmiel, mgħabbra bi sħâba bajda, u kaltli: "L'egħmejjel tiegħec tajjba, għaliex m'hemmx ħaġa tisŭa actar mirrebħ tal erŭieħ." U fil ŭakt li chien igħidli daŭn il chelmiet, ŭicċ Dun Vianney, b'għainejh mdaŭŭrin lejn is-Sèma, chien jiddi bil hena m'hux ta dina id-dinja.

## 16. PATRI CAPTIÊ.

Barra milli il Curât ta Ars chien bosta drabi kalbu teħbru x'għaddejj minn ruħ il midneb niedem li jiersak ikerr għandu jeŭ f'ta mîn imur jistaksih il fehma tiegħu fuk l'imissu jagħmel jeŭ ma jagħmel, laħak ucoll chemm il darba mkár iħabbar li għandu il bniedem igħaddi minn għalih. Ngħidilcom ŭaħda fil kasir li xehed u għamel mn'îdu għalieha Patri Captiê.

*
* *

Fost iż-żagħżaħ li chienu jitgħallmu għal kassisin fis-Seminarju il Cbîr ta Otôn (Franza) is-sèna 1850, chien jinsâb ŭieħed jismu Giann Piet Captiê. Ŭara sentejn iħâbrec mill actar biex jigi il kuddiem fit-tagħlim, u fil hena tal art bil ħeġġa li chellu li jilħak kassis bħalma ħass f'ruħu msejjaħ mn'Alla, f'dakka ŭaħda, ŭara sentejn, daħal f'tiġrib ma jista ħadd ifissirulu; laħak ma jistagħ actar jisma bil Kuddiesa; u colma jaka' taħt idejh li għandu x'jaksam magħha, iŭaddbu fl'art jeŭ ikattgħu u ifarrcu, mingħajr ma jintebaħ jeŭ bla ma irid. Htieġlu jitlak; chif setgħu jittamaŭh li jordna?

Nhar is-7 ta Lulju ŭâssal l'ommu sa Ars. "Ruħu marida, m'hux eŭŭilla râsu," ŭiegibha il Curât meta stħarrgitu fuk binha. "Xejn minnu m'għandec tittama li għâd igħin l'in-niesu." L'għâda filgħaxija, kabel il Curât mâr jati il barca, resak għandu Giann Piet; chienet l'eŭŭel lakgħa ta bejniethom. Dun Giammarì ħâres lejh b'daŭc għainejh żorok u ŭiċċu mdaŭŭrin biddija, u b'leħen kaŭŭi għal tlet darbiet tenna' lil Captiê:

"Ibni, int għâd tidħol patri!"

"Ma liema Ordni?" staksieh Giann Piet.

"Ma ŭieħed li għâdu ma tŭakkafx."

"Irrid narġa mela nidħol is-Seminarju?"

"Le; jaħtieġlec tittenna; la tmur f'ebda Seminarju; u għalxejn tkîs li tidħol f'xi Ordni ieħor, għajr dac il ŭieħed li Alla iridec fih."

U meta, id-9 ta Lulju, Giann Piet mâi isellem lil Curât kabel ma jitlak mn'Ars, Dun Giammarì ħâres lejh bi ħleŭŭa cbira, u kallu: "Alla l'mbierec jatic l'għajnuna; iva, jatihielec, ibni!"

Reġgħu għaddeŭ sentejn; Captiê iddejjak jittenna, u daħal patri ma tat-Terz' Ordni ta San Dumincu; iżda, mħabba il marda li semmejna, ħtieġlu jitlak u joħroġ.

Arah sejjer bil kalb it-tajjba lejn ir-raħal ta Ars; il Curât għamillu il ħîla, u tennielu:

"Ma ġara xejn; trid jeŭ ma tridx, tordna! Itma f'Alla, u Ommu Sidtna Marïa tŭettîlec it-triek!"

"Imma irrid nibda biex nfiek, sur Curât."

"Id-dŭa tal marda tiegħec, li tilħak kassis!" ŭieġbu il Curât. "Għâd trid tiltaka' ma mîn jifhmec seŭŭa, actarx ŭieħed barrani, u dan jordnâc."

Imm'issa, la ma bakagħx is-Seminarju, riedu jieħduh suldat; u x'ifittxuh! Għadda minn għalih bħal msejchen Vianney f'żogħżîtu; Captiê ried imur Ruma biex jiftaħ kalbu mal Papa· iżda, chif joħroġ minn Franza bla ma jintebħu bih? X'jagħmel? It-tâma tiegħu f'Ars!... Dun Giammarì kaddes għalih fl'artal tal Madonna, u mbagħt kallu: "La takta' jiesec; mûr Ruma, u ħadd ma iżîd ifittxec!" U tabilħakk ħalleŭh b'sâbru; donnhom tal Gvern nseŭh.

Ruma ma għamel xejn, ħlief il Cardinal Cagiano, iskof ta Frascati, ried idaħħlu mal cleru tiegħu, imma biex

ommu tlaħħak għal patrimonju, chien jinħtiegilha tbiegħ id-dâr li chellha. X'tagħmel ? Staksiet lil Curât ta Ars. Dun Giammarì ŭiegibha: "Biegħha; la tibża xejn; ibnec msejjaħ mn Alla għal kassis, u Alla iħallas talli sejjra tinagħfas biex tgħin l'ibnec."

Din id-dâr mbiegħet ħmistax il elf franc (£600): iżda, nkala' l għaŭġ, billi in-nutâr tal Iskof ta Frascati ried li jitħallas il flûs minn kàbel Giann Piet jordna, u l'avucat t'ommu ma riedx; u colloX mâr mar-riħ. B'dan collu, il Curât ta Ars kâl l'iż-żagħżuħ: "Natic chelma l'int tilħak kassis b'it-tfixchil collu li għâd jinkala'."

Għaddeŭ ħarnes snîn oħra; bakagħ ifittex xi Iskof l'idaħħlu miegħu, sa mâr fil gżira ta Xijo (Grecja); u hàbat jitlef is-sábar tiegħu. Daħal mal Patrijiet il Maristi, u kàbel séna ħtieġlu joħroġ ; staksa għall aħħar darba il Curât ta Ars: u dan ŭieġbu bħal kàbel.

X'jakbad jagħmel actar? Rèġa lejn Ruma f'riġlejn Piŭ id-Disgħa, u il Papa riedu jarġa jitlob lil Iskof tiegħu ta Auton (*Otôn*) jordnah. Għalxejn ! L'imsejchen Captiê telagħlu, ma riedx jisma actar bil Curât ta Ars, ŭaħħal fih b'colma ġralu, u telak lejn Costantinôpli bħala surmast tal lsien l'ingliż. Hadd hemm ma chien jâfu; l'għageb tiegħu x'ħin żmien ŭara il Vici-Conslu Austrijâc bagħat igħidlu li ma irid icollu actar x'jaksam miegħu, għaliex il ŭaħ għarrfu illi hu għal kassis. Bèda ikalleb moħħu, u ftacar fis-sejjħa t'Alla, u rèġa l'ura Franza. Hemm samagħ bl'Ordni tal Kalb ta Gesù li tŭakkaf f'Issodûn; u talabhom jidħol magħhom, billi il Curât ta Ars chien darba tarraflu dan l'isem; imma, chif stkarrilhom bil marda tiegħu, dehrilhom ma għandhom xejn x'iriduh. Fl'aħħar ftiehem ma

ħuh jiftħu spiżżerija bi sħâb fil belt ta Ljun: għoddhom ŭaslu biex jiftħuha, u ħuh miet sòbtu!

Captiê daħal fih in-nifsu; il meŭt ta ħuh regħxìtu. Resak darb'oħra sa għand il Patrijiet tal Kalb ta Gesù ta Issodûn, u ftiehmu l'iżommuh magħhom, bil vôti minn sèna għal sèna, u mingħajr jirtabtu miegħu l'ilaħkuh kassis, u bagħtuh igħallem f'Culleġġ tagħhom.

*
* *

Ix-xahar tal Miljed tal 1873, l'Arciskof Lynch ta Torônto għadda minn Issodûn fejn xtâk idûr il Culleġġ tal Patrijiet; u hemm ltaka' ma Captiê u tchellmu bejniethom bl'ingliż. Monsinjur Lynch kâl lis-Superjŭr bil ħsieb li gieħ li jakla mill Papa is-sensja li jordna lil Captiê, bla ma semmielu xejn lilu. Tlet ijiem ŭara li rèġa l'ura minn Ruma, bagħat għal Captiê u l'20 ta Frâr 1874 tah it-tonsura u l'erba' minuri. Jumejn ŭara, is-suddiacunat, il 25 ordnah diacnu u l'għâda lahħku għal kuddiesa. F'sitt ijiem għadda minn għalih li ħabbarlu il Curât ta Ars *tnejn u għoxrin sèna kàbel!...* U meta is-26 ta Frâr kaddes l'eŭŭel darba, isîb li fiek mill marda li bakgħet tħabbtu daŭc is-snîn collha.

U dac in-nhar, niesu ŭirtu sitt mitt lira, u geŭ fi cliem Dun Giammarì li għâd Alla jibagħtilhom il gîd.

IT-TMIEM

NIHIL OBSTAT

*Die 19 Januarii 1926*

ALOISIUS CAN. THEOL ATTARD
Cens. Theol.